L-Imnara

# L-IMNARA

**Vol. 8 Numru 3 2006 Ħarġa Numru 30**

**ID-DISGĦA U GĦOXRIN SENA TA' PUBBLIKAZZJONI**

## WERREJ


**It-Tberfil :** Ġużi Gatt 101

**Għajdut, Qlajjiet, u Folklor fuq il-Gremxul tal-Gżejjer Maltin:** Arnold Sciberras 108

**Intietef Folkloristiċi mill-Għasri:** Toni Calleja 113

**It-Taqbil Folkloristiku f'Bormla:** Angelo Dougall 120

**It-Toponomastika tad-Dwejra:** Alex Camilleri 124

**Ħsieb l-Ilma Ġieri fil-Birgu ta' l-Imgħoddi:** Anton Attard 132

**Kitba ta' Qabel iż-Żwieġ:** George Cilia 134

**Kotba li Qrajna:** Maria R. Pisani 136

**Nota dwar il-Buttar, il-Btieti, u l-Kaputa:** Guido Lanfranco 137

**Apprezzament: Ġuze' Chetcuti u Sabina Cassar:** 141

**Rizzi Mimli:** Karmenu Pace 142

**Mill-Imgħoddi** Lorenzo Zahra 146

**Ċief Moqli bit-tadan jew għall-Istuffat:** Steve Borg 147

**Kif Kienet Tissajjar li-Fekruna f'Wied il-Għajn:** Steve Borg149

**L-Istatut ta' l-Għaqda tal-Folklor:** 151

**Membri effettivi 2006** 152


Bullettin ta' L-Għaqda Maltija tal-Folklor. Joħroġ darba fis-sena. L-opinjonijiet li jidhru hawn m'humiex neċessarjament dawk ta' l-Għaqda jew ta' l-Editur, jekk ma jkunux hekk speċifikati.

*Indirizz ta' l-Editur: 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan, SLM 13*

"L-Imnara" hu perjodiku li joħroġ darba fis-sena mill-Għaqda Maltija tal-Folklor. Jitqassam b'xejn lill-membri ta' l-Għaqda u ma jinstabx għall-bejgħ. Il-ħlas tas-sħubija fl-Għaqda (li jista' jiġi rivedut) hu ta' LM1.50 fis-sena għall-membri f'Malta, LM2.50 fis-sena għall-membri fl-Ewropa, u LM 3.00 fis-sena għall-membri fl-Awstralja. Titħallas ukoll lira oħra bħala reġistrazzjoni darba biss.

**Min irid jissieħeb fl-Għaqda Maltija tal-Folklor u jirċievi "L-Imnara" taħt il-kundizzjonijiet msemmija, għandu jibgħat il-ħlas dovut lit-Teżorier: Is-Sur George Glanville, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura, PLA 16.**

Il-perjodiku "L-Imnara" ilu joħroġ mill-1978. L-artikoli jittrattaw il-folklor lokali u huma riżultat ta' osservazzjonijiet u riċerki oriġinali. Il-kitbiet huma prinċipalment bil-Malti, iżda jistgħu ikunu bl-Ingliż.

**Kitbiet oriġinali jistgħu jintbagħtu lill-Editur: Is-Sur Ġużi Gatt, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan SLM 13.**

## L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Il-Kumitat għas-sena 2006:

President Onorarju: Is-Sur Guido Lanfranco.

President: Is-S'na Maria R. Pisani; Viċi President: Is-Sur Angelo Dougall; Segretarju: Is-Sur Ġużi Gatt; Teżorier: Is-Sur George Glanville; Assistent Segretarju: is-Sur Carmelo Pace, Assistent Teżorier: Is-Sur Alfred Borg, Membri: is-Sur Anton Attard; is-Sur Frans Farrugia; u Is-Sur Joseph Fenech,

# IT-TBERFIL

**Ġużi Gatt**

**Fl-1978, eżatt fl-ewwel ħarga ta' l-Imnara, il-pittur Rafel Bonnici Cali` kiteb artiklu fuq kif hu kien spiċċa mdaħħal f'biċċa folklor marbuta ma' l-ewwel karozzi tal-linja fost dawk li kienu maħdumin Malta.**

Skond Cali` fl-artiklu tiegħu: *Folklor fuq il-Karrozzi tan-Nar* (1), meta ntemmet l-ewwel Gwerra Dinjija fl-1918, is-servizzi Ingliżi bdew ibiegħu b'irħis xi wħud mill-karozzi l-kbar li kellhom (l-aktar l-ambulanzi) u li issa li spiċċat il-gwerra kienu jqisu li m'għadx għandhom bżonnhom. Xi Maltin moħħhom jilħqilhom u li jaraw fit-tul xtraw minn dawn l-ambulanzi, żidulhom xi żewġ bankijiet fuq ġewwa u gallarija fuq wara, u ġabu l-permess biex jgħabbu l-passiġġieri (2). In-nies ta' l-irħula ntebħu li b'karozza bħal din kont tasal il-Belt iktar malajr milli bit-tramm jew bil-vapur ta' l-art, u l-biċċa ntogħġbot.

F'Ħal Tarxien, fejn trabba u kien joqgħod Rafel Bonnici Cali`, kien hemm wieħed jismu Ċelest, li xtara ambulanza qadima, żebagħha kaħla ċar, biex taqbel ma' ismu, u kitbilha **Ta' Ċelest**, b'ittri kbar mal-ġnub. Dak iż-żmien, is-sidien ta' dawn il-karozzi mhux biss setgħu jaħdmu għal fejn iridu u jaħdmu meta jridu, imma setgħu jiżbgħu il-karozzi tagħhom kif ifettlilhom huma. Xi ħadd mill-Furjana jiżbogħ il-karozza ħadra; ieħor minn Tas-Sliema jiżbogħha kaħla; u nibqgħu sejrin hekk. Wieħed raġel mill-Belt żebagħ il-karozza ħamra – il-kulur tal-martri - għax kien partitarju tal-festa ta' San Pawl. Imma ma kienx kuntent b'daqshekk biss. Qabbad lil Rafel Bonnici Cali` biex ipinġilu x-xbiha ta' San Pawl fuq il-ġnub tal-karozza. Fi kliem Rafel Bonnici Cali` nnifsu: "*Ix-xogħol intogħġob u għalhekk sidien oħra qabbduni npinġilhom qaddisin u xbihat oħra fuq il-karrozzi tagħhom…Sid minn Ħal Qormi ried lil San Ġorg fuq iż-żiemel, ieħor minn Ħaż-Żebbuġ ried lil San Filep, ieħor mill-Ħamrun ried lil San Gejtanu ...u wieħed minn Għawdex ried lil San Pietru Pawl, il-patrun tal-parroċċa tan-Nadur*" (3) Minbarra x-xbihat tal-qaddisin, Gran Mastri u persunaġġi oħra mill-istorja ta' Malta, it-tiżjin tal-karozzi kien jinkludi wkoll girlandi ta' fjuri pinġuti mal-ġnub u l-warrani tal-gallarija.

Għall-ħabta ta' l-1927, il-gvern deherlu li kellu jibda jikkontrolla t-trasport pubbliku daqsxejn aħjar. Mhux biss ħoloq ir-rotot mill-irħula għall-Belt (għalkemm ħafna drabi dawn kienu għadhom bla ħinijiet fissi) imma npona wkoll kulur partikolari għal kull rotta, u qatagħha li ma riedx aktar girlandi, ismijiet, u xbiehat mal-ġnub tal-karozzi fuq barra. Hekk intemm ħesrem is-sehem ta' Bonnici Cali` u pitturi oħra bħalu fit-tiżjin tal-karozzi tan-nar (4).

Imma mqar bl-ilwien imposti mill-Gvern, xorta kien hemm il-wisa' fejn is-sid seta' juri l-individwalita` tiegħu. Dak it-tiżjin li bil-Malti jissejjaħ TBERFIL, magħmul minn linji rqaq, tikek, weraq, eċċ., jekk ikun magħmul bil-għaqal ma kienx jagħti fil-għajn ħafna u seta', u baqa', jsir.

Dari, it-tberfil kien aktar magħruf fuq il-karettuni. Aktar tard bdew jitberflu wkoll il-karozzini. Il-karozzin daħal f'Malta għall-ħabta ta' nofs is-seklu dsatax; imma l-karettun imur ferm aktar lura fl-istorja. It-tberfil tal-karozzi tal-linja jinħass li ġej mit-tberfil tal-karettuni, li llum għebu mit-toroq tagħna imma li dari kienu magħrufa ma' kullimkien. Ikun tajjeb li nniżlu ftit dak li hu magħruf fuq it-tberfil tal-karettuni.

Għad hawn ħafna li għadhom jiftakru li l-karettuni "tax-xogħol" jew



University of Malta Main Library

"tal-ħoloq", jiġifieri dawk li kienu jintużaw mill-bdiewa fil-ġarr u l-bejgħ ta' kull xorta ta' għelejjel, kienu jinżebgħu orinġ. Anke dawk il-karettuni l-kbar imsejħa "tal-ġebel" li kienu jintużaw għall-ġarr tal-knaten u x-xorok mill-barrieri kienu jkunu, fil-biċċa l-kbira, orinġ. Dan għaliex dawn il-karettuni kienu jinżebgħu bil-MINJU. (*red lead*). Il-minju kien jinbiegħ bl-użin għax kien jiġi magħqud u tqil, qisu stokk, imbagħad kien jitħallat maż-ŻEJT TAL-KITTIEN (*linseed oil)* biex jiġi artab biżżejjed li tkun tista' tapplikah bil-pinzell. (Aktar tard waslu wkoll laned bil-minju mħallat u lest, imma fil-bidu kont trid tħalltu int.) Dari l-injam kien jinżebagħ jew bil-bjankett (*white lead*), jew bil-minju (*red lead*) bħala *undercoat*, imbagħad fuqu kien jingħata l-kulur. Imma l-karrettuni tal-ġebel u tax-xogħol kienu jingħataw xi tliet passati minju u jibqgħu hekk – orinġ.

Mela karettun miżbugħ orinġ kien jittieħed għand il-BERFIEL biex dan iżejnu b'dik iż-żina li aħna nafuha bħala TBERFIL. It-tberfil isir biż-żebgħa. Mill-gwerra 'l hawn sar possibli li wieħed imur f'ħanut taż-żebgħa u jixtri kull skala u kull lewn ta' żebgħa mħallta u lesta kemm tiftaħ il-bott u tbill il-pinżell fiha. Imma ma kienx minn dejjem hekk. Dari, iż-żebgħa kont trid tħallatha int, jew tqabbad lil taż-żebgħa jħallathilek. U kont trid tinqeda bit-TRAB TAL-KULUR li kien jinxtara bl-użin. Dat-trab kien jiġi fl-ixkejjer, u

tal-ħanut kien ikollu xi sitt kuluri differenti: l-isfar, l-ikħal, l-aħdar, l-aħmar, l-iswed u l-kannella. Iż-żebgħa kienet titħallat hekk: tħoll ftit trab tal-kulur fiż-żejt tal-kittien, iżżid ftit bjankett biex tagħti

u l-ikħal (ara ftit id-disinji f'paġna 105 u 106).

It-tberfil tal-karettuni kellu r-regoli tiegħu. Kien jitberfel biss in-naħa ta' barra taż-żewġ roti, in-naħa ta' barra taż-żewġ lasti, u t-trufijiet tad-dliegħi




Il-MAĊINELL

Dari, ż-żebgħa kont tħallatha int jew iħallatielek tal-ħanut. Biex tħallat ried ikollok irħama lixxa u ċatta. Titfa' ftit trab tal-kulur fuq l-irħama, iżżid iż-żejt tal-kittien ġo ħofra li tagħmel fit-trab, tagħġen kollox b'sikkina taż-żebgħa, imbagħad taqbad il-maċinell minn-naħa ta' fuq, u tagħfas il-qiegħ tond tiegħu fuq it-taħlita taż-żebgħa. Bil-maċinell togħrok, tisħaq, iżżelleġ u tagħfas fuq it-taħlita biex tkisser iż-żrar u ċ-ċapep tat-trab biex it-taħlita tiġi ħaġa waħda u t-trab jinħall kollu fiż-żejt. Biex iż-żebgħa tissaħħaħ aktar, kien hawn min iżid ftit bjankett mat-taħlita. Il-maċinell kien ikun magħmul mill-rħam ukoll, u kien hawn ikbar, iżgħar u daqs dak li jidher fid-disinn.

s-saħħa lit-taħlita (għax it-trab tal-kulur imħallat biż-żejt tal-kittien biss ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex jiksi u jgħatti sewwa), titfa' ftit AKKWADIRRAŻA (*acqua di rasa* – speċi ta' terpentina biex it-taħlita tirqaq u l-pinzell jiġri iktar), u ftit VERNIĊ (*varnish*) biex wara li tiżbogħ, iż-żebgħa tinxef aktar malajr.

Fit-tberfil tal-karettuni l-aktar li kienu jintużaw kienu l-isfar u tas-salib. Meta mort inkellem lil Ġanni u Leli Caruana "tal-Buġann" minn Ħal Għaxaq, li missierhom kien magħruf għall-bini tal-karettuni u li n-nies għadhom sallum jeħdulhom xi rota biex isewwuhielhom, Ġanni kien qalli hekk:

*Darba ġie wieħed u riedni nberfillu r-roti miż-żewġ naħiet – fuq barra u fuq ġewwa. Għidtlu: Int ta' x'hiex int dilettant, tal-karettun jew tal-karnival? Għax jekk inberfilulek kif qed tgħid int, għall-karnival biss ikun tajjeb!*

Minn barra ż-żebgħa, biex tberfel trid ukoll pinzell irqiq bix-xagħar daqsxejn twil. l-berfiela li tkellimt magħhom kollha qablu li l-aħjar ikun pinzell tax-xagħar tal-ġemel (*camel's hair*). Imma dari, bejn għax pinzell tajjeb mhux dejjem kont issibu, u bejn għall-ekonomija, mhux l-ewwel darba li l-berfiela għamlu l-pniezel tagħhom huma stess. Min iberfel il-karettuni kien jiltaqa' ma' ħafna żwiemel, u kienet ħaġa ħafifa li taqta' ftit xagħar twil minn denb iż-żiemel jew mill-frenża ta' fuq għonqu. Imma Michael Saliba "Tal-Milied", li joqgħod lejn Taċ-Ċawla, r-Rabat t'Għawdex, u li fi żmienu kien iberfel il-karozzi tal-linja, qalli li




**Il-pinzell ta' ma' għarqub iż-żiemel**

l-aħjar xagħar mhux ta' denb iż-żiemel, imma dak li ż-żiemel ikollu minn taħt sidru sa taħt żaqqu. Veru li mhux iż-żwiemel kollha jagħmluha, imma fil-biċċa l-kbira, fix-xhur tax-xitwa, iż-żwiemel JILBSU – jiġifieri jtellgħu aktar xagħar u suf ma' ġisimhom kollu. Is-sidien IĠIŻŻUHOM jew IQARWŻUHOM - jiġifieri jneħħulhom ix-xagħar żejjed li jkollhom. Taħt żaqq iż-żiemel jinbtu xi erba' xagħriet twal li jkunu rotob, u dari kienu jfittxuhom għal xi pinzell tad-dberfil. Hawnhekk ta' min wieħed jgħid li ma' għarqub iż-żiemel jikbru wkoll xi xagħriet twal, u bil-Malti dawn jissejħu l-PINZELL. Imma dawn ma kinux jinqatgħu; għax dak ix-xagħar qiegħed apposta biex meta ż-żiemel jogħroq, l-għaraq iġelben ma' saqajh u, permezz ta' dawn ix-xagħriet twal, joqtor għal ma' l-art. Jekk dan ix-xagħar jitneħħa, l-għaraq jibqa' nieżel għal ġo difer iż-żiemel u biż-żmien id-difer jitherra, bi ħsara kbira għall-bhima.

Michael Saliba qalli wkoll li hemm xagħar ieħor, aħjar minn dak taż-żiemel, li dari kien jintuża biex jagħmlu xi pinzell irqiq. Il-mogħża, bejn biżlejha u sieqa ta' wara għandha xi ftit xagħar twil (li jiġi bħal dak li l-bniedem għandu taħt abtu). Dan ix-xagħar kien jintuża għall-pniezel, għalkemm ma kenitx ħaġa ħafifa biex tikkonvinċi lill-mogħża biex tħallik taqtagħulha!




**Is-sifa taż-żbul**

L-istess Michael Saliba qalli li meta kienu jiġu veru daharhom mal-ħajt, xi berfiela ġieli użaw mqar is-sifa taż-żbul biex jagħmlu pinzell twil u irqiq. Dan kien jintuża darba, mbagħad jintrema.

Il-pinzell irid ikollu wkoll manku minfejn taqbdu. Paul Saliba "tal-Busa" minn San Ġiljan qalli li jekk taqbad rixa u tifliha sewwa, tinduna li fil-ponta tagħha, dik il-ponta li dari kienet tintuża bħala pinna, ikun hemm toqba rqiqa ħafna. Qalli li missieru ġieli ħa l-ikbar rixa li seta' jsib fil-ġewnaħ ta' tiġieġa, u daħħal ix-xagħar f'dik it-toqba rqiqa biex seta' juża r-rixa fit-tberfil tal-karozzini.

Fil-paġni li jmiss qed nuru kif kienu jitberflu l-karrettuni. Dawn id-disinji huma ta' **Feliċ Gauci** minn Ħal Tarxien, li missieru kien magħruf bħala Nenu tal-Karettuni u kien armat bir-remissa fi Triq Lanzon f'Ħal Tarxien stess.

Id-disinji juru t-tberfil tal-karettuni li jkunu miżbugħin oriġ. Dawn kienu jkunu l-karettuni l-kbar, tax-xogħol, jew "tal-ħoloq". Karettuni iżgħar, magħrufa bħala "taċ-ċinga", kienu jinżebgħu fil-biċċa l-kbira ħodor, u fit-tberfil, minflok iċ-ċelest jew il-blu ċar kien ikollhom l-isfar.

Il-karettuni "taċ-ċinga" kienu jkunu għal xogħol ta' inqas strapazz, ngħidu aħna xi bejjiegħ tal-ħaxix jew tal-pitrolju.

Biex ma nħalluhomx barra nistgħu nsemmu wkoll il-karettuni "tal-molol". Dawn kienu jissejħu wkoll "tan-namra" jew "tal-familja" għax kienu jkunu maħsuba biex jintużaw minn min ried joħroġ lill-familja għal xi dawra, jew minn dawk li kienu jieħdu pjeċir jirkbu u jsuqu għal għonq it-triq. Minn dawn kien hawn li kellhom xi saqqu żgħir li jitqiegħed fuq ix-xatba għall-kumdita' tar-rikkieb.

# IT-TBERFIL TAL-KARETTUN TAL-ĦOLOQ

## DISINN TA' FELIX GAUCI



## IT-TBERFIL FUQ IL-KAROZZINI

Il-karozzini huma magħmula mill-injam tal-fagu. Dari kienu jinżebgħu **minn lewn iż-żebbuġa**, u t-tberfil tagħhom (skond Paul Saliba *Tal-Busa*) kien ikun skond id-disinn li qed jidher ma' ġenb din il-kolonna. Is-sinjal tan-nofs hu iswed, u ż-żewġ sinjali l-oħra li hemm fuq kull ġenb tiegħu huma ħomor skuri. Skond is-Sur Saliba, dan l-aħmar kien jiġi billi l-ewwel jinżebagħ sinjal bil-minju (li jkun oranġ), imbagħad fuqu tgħaddi ieħor b'aħmar li jissejjaħ **karminju** (*carmine*). Fuq dan il-kulur ara t-taqsima fuq **in-nogħra**.




**Ir-roti tal-karozzin**

## IT-TBERFIL FUQ TAL-LINJA

Peress li s-servizz tat-trasport pubbliku f'Malta beda b'karozzi ta' sidien privati, kulħadd armat għal rasu u jaħdem għal fejn irid, is-sidien fittxew li jagħtu dik il-laqta individwali lill-vetturi tagħhom, jekk xejn, biex is-servizz tagħhom jintagħraf minn dak ta' ħadd ieħor. Kif għidna, fil-bidu kien jitqabbad xi artist bħal Bonnici Cali', jew jekk il-karozza jkollha biss xi kitba li tirriklama xi ditta jew xi prodott kien jitqabbad xi *sign-writer*. Dari, kemm it-Tarzna kif ukoll mas-servizzi Ingliżi, kien ikun hemm ħafna minn dawn is-*sign writers* jew "żebbigħa" li xogħlhom, barra t-taħlit taż - żebgħa, kien li jiżbgħu l-kliem u t-tabelli kemm abbord u kemm fl-uffiċini u l-ħwienet tax-xogħol. It-tabelli tal-ħwienet, qabel ma daħlu l-mezzi moderni, kienu wkoll, ħafna drabi, miżbugħa minn żebbigħa li jaħdmu mas-servizzi jew it-Tarzna. Imma meta tiżjin bħal dan ma baqax iktar permess fuq il-karozzi tal-linja, l-artist inqala' 'l barra, u s-*sign writer* baqa' jagħmel biss dak il-kliem li juri fuq liema linja kienet taħdem il-karozza: *Valletta – Zejtun,*




**Disinn isfar fuq sfond ċelesti jew blu ċar**

*Valletta – Zabbar*, eċċ. Imma s-sidien xtaqu xi ħaġa iktar, u sabu mezz biex, inkiss inkiss, daħal tip ta' tberfil jixbaħ lil dak tal-karettuni u l-karozzini.

Sadattant pero, dawk li kienu jberflu kienu tgħallmu jiktbu. Peress li xi ismijiet, l-aktar ta' qaddisin, xorta baqgħu jinkitbu (fiċ-ċokon) fuq tal-linja u fuq it-trakkijiet privati, nibet stil ta' kitba li jintgħaraf u li jista' jissejjaħ "l-alfabett tat-tberfil". Fil-paġna li jmiss qed nirriproduċu dan it-tip ta' *font*. Dawn l-ittri kitibhomlna **Joe "il-Pittur" Farrugia** li joqgħod Ta' Giorni. L-Imnara għandha wkoll kampjuni ta' dan l-alfabett bl-ittri miżjuda b'dawk li jissejħu "dellijiet". Wieħed mill-kampjuni li għandha l-Imnara hu xogħol ta' Joe Farrugia "il-Pittur", u l-ieħor hu ta' **Michael Saliba "Tal-Milied"**.

---

(1) L-Imnara Nru. 1, Ġunju 1978

(2) L-istorja tat-trasport pubbliku bil-karozzi tan-nar hawn Malta bdiet għall-ħabta ta' l-1905 meta twaqqfet il-kumpannija *The Malta Motor Imnibus and Transport Syndicate Ltd.* Fuq dan is-suġġett ara l-ktieb *L-Istorja tat-Trasport fMalta*, Guido Lanfranco, PIN, 1999

(3) L-Imnara Nru. 1, Ġunju 1978

(4) Għal ħafna snin baqgħet tifkira ta' dan it-tip ta' tiżjin, imma minflok fuq barra, fuq in-naħa ta' ġewwa tal-karrozza tal-linja - madwar il-gabina tax-xufier - fejn is-sid dejjem kien isib post fejn iqiegħed xi statwetta, anke b'xi bozza żgħira tixgħel quddiemha, xi vażun b'xi bukkett żgħir tal-fjuri tal-plastik, ritratti tat-tiġrijiet taż-żwiemel, santi ma kullimkien, posters ta' l-artisti, u l-bqija. F'Ottubru ta' l-1985 il-puluzija tat ordni li santi, stikers, statwetti, ritratti, riklami, u twaħħil ieħor kellu jitneħħa minn fuq il-karrozzi tal-linja. Fuq din l-ordni kienu saru protesti anke fil-parlament.




**L-alfabett tat-tberfil, miktub minn Joe Farrugia "il-Pittur". Meta jitberflu fuq it-trakkijiet u vetturi oħra, dawn l-ittri jinżebgħu bid-"dellijiet" kif jidher fil-kampjun tal-ġenb. L-Imnara għandha verżjoni "Għawdxija" ta'dan it-tberfil, miktuba minn Michael Saliba "Tal-Milied".**



# IN-NOGHRA

Fl-ewwel kwart tas-seklu sittax, il-kapitlu tal-katidral ta' l-Imdina indaħal għax-xogħol ta' tiġdid, tisbiħ, u tibdil fil-katidral ta' dak iż-żmien. Inbidel is-saqaf, saret faċċata ġdida, tqiegħed bieb ta' barra ġdid, u ġew irranġati n-navi u l-kampnar il-waħdieni li kellu l-katidral dak iż-żmien. Ix-xogħol beda fl-1518 u baqa' jkaxkar sa l-1539 u aktar. Rendikont tax-xogħol u l-ipejjeż li saru għadu jeżisti fl-arkivji, u t-tagħrif ġie ppubblikat fi ktieb interessanti bl-isem ta' *The 'Mandati' Documents at the Archives of the Mdina Cathedral, Malta 1437-1539* ta' Stanley Fiorini (1992). Fil-glossarju li hemm f'dal-ktieb (paġna lvii) jissemmew dawn il-kelmiet marbuta maż-żebgħa u l-kuluri (it-tifsir li hemm wara kull kelma ma jinstabx fil-ktieb imma hu tiegħi):

**Trimintina:** It-terpentina; li dari kienet issir bil-lampik ta' raża meħuda mis-siġar taż-żnuber, kellha anke użi mediċi. Dari ġieli ntużat bħala dlik kontra l-qamel fir-ras. Imma t-terpentina kienet tintuża l-aktar bħala *thinner* biex traqqaq iż-żebgħa u tħaffef il-mixi tal-pinzell.

**Blankectu:** Il-bjankett; żebgħa bajda magħrufa mill-inqas minn żmien l-Eġittu tal-qedem. Bl-Ingliż tissejjaħ *white lead*. Jgħidu li fil-qedem kienu jagħmluha billi jitfgħu il-ħall ġo vażetti żgħar taċ-ċomb u jordmu l-vażetti ġo munzell demel tal-bhejjem. Id-demel jeħmer u jisħon, u l-vażetti taċ-ċomb kienu jitherrew u jsiru trab abjad li jkun tajjeb għaż-żebgħa. Għalkemm aktar tard sabu mezzi aħjar ta' kif jaħdmuh, il-bjankett baqa' jintuża kważi sa żmienna; sakemm wara l-gwerra ma' baqax jintuża fiż-żebgħa kummerċjali peress li ċ-ċomb hu perikoluż għall-bniedem.

**Carmasinu:** Il-kermes. Dan it-trab ta' kulur aħmar jiġi minn insett imsejjaħ *Coccus ilicis* li jgħix minn fuq ċerti siġar tal-ballut. L-iġsma niexfa tan-nisa ta' dan l-insett jinsaħqu biex jipproduċu trab aħmar skur. Fl-1842, G.F. Angas fil-ktieb tiegħu *A ramble in Malta and Sicily*, kiteb li fil-Ħdud u fil-btajjel il-Maltin kienu jilbsu barnuża ħamra li kienu jiżbgħuha "with the Kermes of Barbary". Il-kermes jissemma fid-dizzjunarju ta' De Soldanis *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaucin* ta' l-1759.

**Zafarana:** X'aktarx trab isfar meħud mix-xitla taż-żagħfran, magħruf l-aktar għat-taħwir ta' l-ikel imma li kien jintuża wkoll bħala żebgħa tad-drapp.

Dan kollu juri li kliem bħal "bjankett" u "terpentina" kienu ilhom f'ħalq il-poplu mill-inqas minn żminijiet medjevali, u bdew jinqatgħu biss minn ftit wara l-gwerra 'l hawn. Fost kliem ieħor marbut maż-żebgħa u fi żmienna qed jinqata' nsibu il-kelma **NOGĦRA**. Din hi kelma qadima semitika li kienet għadha komuni sa ftit ilu. Ħasra li qed tmut.

In-Nogħra hi trab aħmar skur. Kif qal tajjeb De Soldanis, in-nogħra kienet tintuża minn mastrudaxxi u skrapan, imma dari kienet komuni wkoll fit-tibjid; imħallta mal-ġir u l-ilma kienet tagħti lewn ħamrani skur. It-Torri l-Aħmar, ngħidu aħna, kien ikun imbajjad bin-nogħra.

Il-mastrudaxxi kienu jużawha biex oġġett magħmul mill-injam ta' l-abjad (ngħidu aħna xi antiporta u anke xi tebut) iġibuh qisu tal-kawba. Kienu jħollu fuq in-nar ftit kolla "tal-ħoloq" magħrufa wkoll bħala "tal-mastrudaxxa". Ma' din kienu jżidu ftit trab tal-kulur kannella msejjaħ "terratombra", u ftit trab aħmar imsejjaħ **nogħra**. Wara li jiżbgħu l-injam b'din it-taħlita kienu jagħtu il-"gomma lakka" biex l-injam jiġi jleqq. Il-gomma lakka (jew l-alakka) llum nafuha bħala "*shellac*". L-iskrapan kienu jagħmlu xi ħaġa simili u ċerti żraben ileqqu ħafna baqgħu magħrufa bħala "ta' l-alakka".

Hawnhekk nixtieq ngħid li n-**nogħra** u l-**minju**, għalkemm it-tnejn trab ta' lewn aħmar, m'humiex l-istess ħaġa (għalkemm hawn min jaħseb hekk). In-nogħra hi *red earth, red oxide, natural ochre, terra rossa, ocra rossa naturale*, ($Fe_2O_3$), trab aħmar li jinstab fl-istat naturali fil-blat; filwaqt li l-minju hu *red lead, minium, rosso di piombo, minio*, ($Pb_3O_4$) li, bħall-bjankett, jiġi miċ-ċomb.

Biex ma jintnesewx, ejjew inniżlu l-ismijiet taż-żebgħa u t-trab tal-kulur kif kienu magħrufa u kif kont issaqsi għalihom m'għand taż-żebgħa sa ftit taż-żmien ilu:

**Bjankett:** Lead white, Bianco di piombo, Bianchetto
**Ċinabru:** Cinnabar, Cinabro di miniera,
**Minju:** Red Lead, Minium,
**Nogħra:** Red Oxide, Terra rossa
**Karminju/Kermes:** Carmine, Kermes
**Terratombra:** Burnt Umber, Terra d'ombra bruciata
**Terra di Siena:** Raw Sienna, Terra di Siena
**Terra Ġerna:** Raw Earth Umber, Terra gialla
**Terpentina:** Turpentine, Acqua di rasa
**Virdirram:** Verdigris
**Żejt tal-kittien:** Linseed oil

**Ħajr** (biex inġabar it-tagħrif fuq it-tberfil u t-taħlit taż-żebgħa):

**Felix Gauci** (tal-Karettuni) minn Ħal Tarxien,
**Ġanni u Leli Caruana** (tal-Buġann) minn Ħal Għaxaq,
**Karmenu Rotin** (tal-Karettuni) mill-Munxar, Għawdex,
**Joe Farrugia** (il-Pittur) minn Ta' Giorni
**Mikiel Saliba** (tal-Milied) mir-Rabat t'Għawdex,
**Paul Saliba** (tal-Busa) minn San Ġiljan,
**Joe Zerafa** (il-Prins) minn Ħal Qormi,
**Karmenu Vella** (il-Buwġi), mix-Xagħra,
**Edwin Ciappara** (taż-Żebgħa) mir-Rabat ta' l-Imdina,
**Karmenu Azzopardi** (il-Pittur) mir-Rabat ta' l-Imdina

# GĦAJDUT, QLAJJIET, U FOLKLOR FUQ IL-GREMXUL TAL-GŻEJJER MALTIN

**Kitba ta' Arnold Sciberras**

Disinji ta' Jeffrey u Romario Sciberras

**Matul il-medda taż-żmien, il-poplu Malti ġabar diversi għajdut u qlajjiet dwar ir-rettili kollha li jeżistu fil-gżejjer Maltin. Dan forsi minħabba l-apparenza tagħhom, u l-mod ta' kif dawn jiċċaqalqu u jikkomunikaw ma' xulxin. Ħafna minn dawn il-qlajjiet huma ta' xeħta negattiva u ftit li xejn għenu biex dawn il-ħlejjaq ikomplu joktru fis-selvaġġ.**

Dan l-artiklu se jiġbor fih dak kollu li għandu x'jaqsam ma' speċi waħda, il-gremxula, li hi waħda mid-disa' speċi ta' rettili ta' l-art li għandna fil-gżejjer Maltin. Mir-rettili kollha, il-gremxula (*Podarcis filfolensis*) hi l-unika speċi endemika għal Malta; jiġifieri li waħda bħalha eżatt ma tinstab imkien aktar fid-dinja. Meta nħarsu lejn l-għajdut li ntqal fuqha matul is-snin, jidher li hi l-favorita mal-Maltin fost ir-rettili ta' pajjiżna. Dan probabli minħabba l-ilwien sbieħ li jkollha fi żmien in-namur u għax il-bixra ta' ġisimha hija pulita u misluta meta tqabbilha ma' rettili oħra, ngħidu aħna l-wiżgħa. Il-wiżgħa hi mistkerrha wisq minħabba l-istruttura tal-ġilda tagħha u minħabba li kapaċi titla' ma' uċuh lixxi, mqar ma' ħajt imkaħħal. Madankollu għadek issib il-maġġoranza tal-poplu Malti jitfixkel id-differenza bejn wiżgħa u gremxula, u mhux l-ewwel darba li ssib lil xi ħadd jgħidlek li mas-saqaf tad-dar jew ma' xi lampa ta' t-triq bil-lejl hemm gremxula. Dan mhux possibli. Il-gremxula u l-wiżgħa għandhom jintgħarfu facilment minn xulxin, u filwaqt li l-pali ta' idejn il-wiżgħa jippermettulha li titla' anke ma' xi wicc lixx, tal-gremxula jixbħu iżjed lil-pali ta' jdejna ħlief li is-swaba', speċjalmet ta' saqajha, huma ħafna itwal u r-raba' subgħa huwa kwazi darbtejn itwal mis-swaba' l-oħra. Id-dwiefer huma twal ħafna meta mqabbla mal-pala ta' l-id u tas-sieq u dan il-fatt jippermetti li l-gremxula tiġri b'dik il-veloċita enormi fix-xagħri jew fuq xi ħajt tas-sejjieħ mingħajr ma' tiżloq, filwaqt li il-wiżgħa qisha titkaxkar u tiżżegleg meta tiġri ma' xi ħajt.

Fatt ieħor hu li Malta għandna żewġ speċi ta' wiżgħat u waħda mid-differenzi ta' bejniethom hija illi speci minnhom għandha d-dwiefer fil-ħames swaba' filwaqt li l-oħra għandha biss dwiefer vera fit-tielet u raba' subgħa. Il-bqija tas-swaba' għandhom difer falz jixbaħ ħafna li tagħna. Raġuni oħra għala mal-lampi tat-toroq insibu il-wiżgħa u mhux il-gremxula hi li din ta' l-aħħar toħroġ biss bi nhar, filwaqt li il-wiżgħa toħroġ matul il-lejl peress li d-dieta tagħha tikkonsisti iżjed f'baħrijiet u nemus li nsibuhom mal-lampi tat-toroq.

Il-kuluri tal-gremxul huma mportanti ħafna fil-ħajja sesswali tagħhom. Meta l-gremxula jkollha l-kuluri jgħajtu, din turi li qiegħda fi żmien in-namur u f'daż-żmien tipproteġi iżjed mis-soltu t-territorju tagħha. B'dawn il-kuluri jgħajtu, l-gremxul jaraw u jagħrfu iżjed lil xulxin mill-bogħod, u jevitaw ħafna konflitti speċjalment bejn l-irġiel. Meta l-kulur tad-dahar, li jkun ġeneralment aħdar jgħajjat bi speċi ta' xibka sewda fuqu, ma jħallix l-effett mixtieq fuq gremxul ieħor, il-gremxul - speċjalment l-irgiel - jgħollu



Id ta' wiżgħa tal-kampanja minn fuq



Id ta' gremxula minn fuq

għonqhom biex jidher il-kulur tiegħu. Il-kulur ta' l-għonq jiddependi mil-lokalita' fejn tgħix il-gremxula. B'dan il-mod, il-gremxul jagħtu sinjali differenti skond xi jkunu iridu jikkomunikaw. L-iżjed sinjal komuni huwa li jgħollu u jniżżlu rashom skond kemm huma eċitati, u jekk dawn is-sinjali kollha ma jaħdmux, issir ġlieda aggressiva li taf tieħu madwar 75 – 85 sekonda u tikkonsisti fi gdim u ġiri wara xulxin. Parti kbira mill-ġlieda hi pożi biex ibeżżgħu lil xulxin u rari li l-ġlied jikkawża xi forma ta' ġrieħi.

Kif semmejt fil-bidu, waħda mir-raġunijiet għala l-gremxul jingħoġob minn-nies hi l-ilwien li għandu, speċjalment fiż-żmien tan-namur. Dawn l-ilwien taw lil din l-ispeci ismijiet differenti f'lokalitajiet differenti ta' Malta u Għawdex. Biex nagħtu eżempju: fl-inħawi ta' Wied il-Għajn, gremxul kbir u mimli ilwien sbieħ jgħidulu S-SULTAN u jgħidulu hekk għax hu l-isbaħ fost dawk l-annimali li huma meqjusa bħala tat-tkaxkir. Imma lejn Ħaż-Żebbuġ u f'ħafna lokalitajiet f' Għawdex, ħafna jsejħu lil dan ta' l-aħħar bħala l-GRINGU. L-iżjed isem popolari f'Malta għall-gremxula kkulurita huwa d-DIRBI (hawn min ukoll jgħidha DORBI). Dan l-isem jingħad li nibet minn Ħal Qormi fejn sallum għadek issib ħafna nies jirreferu għalih hekk. Ħafna minn dawn in-nies jemmnu li dawn l-ismijiet li semmejt huma ta' speċi different; jiġifieri jemmnu li l-gremxula u d-dirbi m'humiex l-istess. Imma fil-fatt id-dirbi hu gremxula bil-kuluri jgħajtu li jkollu l-gremxul tul iż-żmien tan-namur ( u tul is-sena f'postijiet fejn il-ħdura ddum fit-tul). Minbarra n-nies komuni hawn ukoll il-maġġoranza tan-naturalisti Maltin li wkoll jitfixklu kif jagħrfu is-sess tal-gremxula għax draw jibbażaw l-identifikazzjoni tagħhom fuq il-kuluri. Ħafna jaħsbu li r-raġel ikun kollu lwien sbieħ filwaqt li l-mara tkun ta' lewn kannella. Dan hu żball li ntqal f'ħafna kitbiet u anke intwera f'fotografija riċenti. F'kitba minnhom l-awtur jenfasizza li l-gremxula ta' Kemmunett ma tkunx ta' lewn aħdar imma ta' lewn iswed u kannella. Dan mhux minnu għax il-lewn aħdar li għandha din il-gremxula fir-rebbiegħa m'hawnx isbaħ minnu. Il-kittieb probabli li qal hekk għax dejjem żar lil dan il-post fis-sajf. Il-gremxul Malti, fiż-żewġ sessi, jbiddel il-lewn fi żmien in-namur minn kannella għal aħdar jgħajjat u huwa possibli li r-raġel ikun ta' lewn jgħajjat iktar mill-mara, imma mhux dejjem ikun il-każ. Il-mara kapaċi tkun ta' lewn ħadrani wkoll. Il-mara żżomm parti territorjali iżgħar minn tar-raġel imma xorta tiddefendiha minn gremxul oħra. Il-par jiddefendu t-terrirorju ta' xulxin, imma dan biss waqt żmien in-namur u tul żmien it-tqala sakemm il-mara tbid. F'dan iż-żmien mhux l-ewwel darba li tara par jixxemxu flimkien.

Kien hemm bosta naturalisti li spjegawli xi forma ta' omosesswalita bejn il-gremxul. Jiddiskrivu li waqt ġlieda bejn l-irġiel, wieħed minnhom jaqbad lill-ieħor minn dahru u jipprova jgħammru. Ġieli ppreżentawli ukoll ritratti u filmat ta' dan iseħħ. Skond studji li għamilt jien jirriżulta li dan hu iżjed forma ta' stupru - għax il-mara ma tħallihx - milli forma ta' omosesswalita. Is-sessi għandhom jingħarfu billi tqabbel il-kobor u l-istatura tal-gremxul - Ir-ragel ikun ġeneralment ikbar mil-mara, u billi tqabbel l-istruttura tar-ras li tar-raġel tkun ġeneralment kbira u robusta filwaqt li tal-mara tkun pulita u għandha ukoll forma ta' għonq.

Wara żmien in-namur, il-kuluri jibdew ibattu, u fis-sajf issib kważi gremxul ta' lewn kannelli biss. Dan hu għala ħafna nies miż-Żurrieq waqt li kont niġbor dan it-tagħrif qaluli li id-dirbi joħroġ fir-rebbiegħa u l-gremxul hu tas-sajf.

Jekk nieħdu l-aspett tal-logħob krudili tat-tfal, speċjalment fi żmien missieri (daqs 30 – 35 sena ilu), il-gremxula spiss kienet tkun il-vittma. It-tubi tal-karozzi ta' dak iż-żmien kienu jiġġebbdu ħafna iżjed minn tal-lum. It-tfal kienu jsibu xi siġra tal-larinġ jew tal-lumi u kienu jieħdu minnha biċċa fergħa b'saħħitha u li jkollha forma ta' **Y**. Jaqbdu tubu ta' tajer ta' karozza u jaqtgħuh strippi twal u irqaq li jkunu jiġġebbdu bħall-lastiku. Maż-żewġ trufijiet tan-naħa ta' fuq tal-**Y** kienu jorbtu strippa mit-tubu, u ż-żewġ strippi jintrabtu flimkien b'biċċa ġild li ħafna drabi kienet tkun xi lsien meħud minn xi żarbun mormi. Hekk kien isir dak li hu magħruf bħala **il-wadab**. B'dan il-wadab it-tfal kienu jisparaw ċomb jew żrar lejn kull ħaġa li tiċċaqlaq; bħal għasafar tal-bejt, xi qatgħa ħuttaf, wizgħat, sriep, xaħmet l-art u gremxul. Lejn Ħal Qormi



**Il-wadab**

speċjalment, nies li intervistajt qaluli li fi tfulithom kienu jilagħbu b'dan il-mod u l-gremxula kienet qabda prestiġjuża għax kienet ittella' l-iżjed punti f'din "il-logħba" peress li diffiċli taqbadha. Il-logħba kienet isseħħ billi qabel ma jmorru jikkaċċjawha jaraw fejn huwa l-aktar post favorit għall-gremxul biex jixxemmex. Il-post jimmarkawh b'xi kulur jew b'xi ġebel żgħir mqiegħed fuq xulxin. Imbagħad jistaħbew u jgħassu għal xi gremxula ħierga minn xi toqba u jippruvaw jolqtuha billi jisparaw fuqha bil-wadab minn ftit metri bogħod. Passjoni għar minn din kienet ta' żmien il-Ġimgħa il-Kbira meta l-gremxul kien jiġi msallab ħaj fuq salib żgħir ta' l-injam u jitħalla jmut fix-xemx jew anki f'xi drabi jingħata in-nar ħaj. Ħafna minn dan il-gremxul imsallab kien jipprova jeħles u jispiċċa jċarrat idejh minn mal-musmar biex ftit granet wara jinstab mejjet minn xi infezzjoni jew b'telf ta' demm mill-ferita. Xi kultant kien ukoll jiġi mgħallaq biex jippreżenta lil Ġuda.

Ix-xaħmet l-art ma kienx jintuża għal dan l-iskop għax għandu idejh żgħar wisq biex issallbu, tqil u ma setax jiġi mgħallaq għax struttura ta' għonq m'għandux u il-gidma tiegħu hija b'saħħitha. Il-wiżgħa ma kinetx tintuża ħafna għax kienu

jitqażżuha. Illum huma ħafna li jiddispjaċihom għal li għamlu fi tfulithom; oħrajn jgħiduha bi ftaħir u hemm min ma jinteressahx. Imnalla ma kontx ngħix f'dak iż-żmien.

Minbarra l-qtil tal-gremxul bil-wadab, it-tfal ta' dari kienu spiss jaqbdu l-gremxul ħaj bi speċi ta' ngassa magħmula minn pjanta selvaġġa li tissejjaħ **ħafura**. Dil-ħaġa hi magħrufa sew ma' l-erbat irjiħiet ta' Malta, imma ħafna jassoċċjaw il-ħafura mal-qbid tal-gremxula, u mhux tad-dirbi, gringu, eċċ... u hemm raġuni valida għala. Il-qabda tal-gremxula kienet issir hekk: Il-ħafura hi pjanta twila u rqiqa ħafna li malajr titnaddaf mill-weraq li jkollha magħha biex jibqa' biss zokk aħdar twil. Tarf iz-zokk, l-iktar parti rqiqa tiegħu, kienet tintlewa u tintrabat b'għoqda ħafifa biex tiġi qisha ngassa. Din l-ingassa stajt tqarribha lejn ras xi gremxula li toħroġ tittawwal 'il barra minn ġo xi toqba. Ma l-ingassa kien jitqiegħed ftit bżieq, u dan malajr kien jifforma bħal rita rqiqa, bħal speċi ta' bużżieqa tas-sapun imma ċatta. Kif tara l-bżieq il-gremxula tmur tilagħqu. B'naqra ħeffa kont iddaħħal l-ingassa f'ras il-gremxula u bi skoss ħafif tiġbed il-gremxula minn ġot-toqba. Jekk ma tinqabadx sewwa, l-gremxula malajr toħroġ rasha mill-ingassa u tisgiċċa. F'din il-"logħba" tissemma biss il-gremxula għax din kienet issir fis-sajf meta allura l-gremxul ikun bil-għatx. Fir-rebbiegħa, meta nsibu l-gremxul fi żmien in-namur, it-temperatura ma tkunx daqshekk għolja u 'id-dirbi' ma jinqabdux bil-ħafura għax ma jkunux daqshekk bil-għatx. Anke l-ikel li tiekol il-gremxula fir-rebbiegħa jkollu iżjed kontenut ta' ilma. Ma' dan nistgħu nassoċċjaw il-qawl **'laħqu libsuli il-ħafura'** u **'ħafif daqs gremxula'**. Dawn iż-żewġ qwiel ġbarthom minn Ħaż-Żebbuġ, Ħal Qormi u l-Marsa. Kien hemm ukoll minn qalli li l-ħeffa titqabbel ma' annimali oħra wkoll, mhux biss mal-gremxula.

Fir-raħal ta' Marsaxlokk, fejn baqa' ħafna tradizzjonijiet speċjalment dawk marbuta mal-baħar u fejn fid-diskors għad hemm aċċent Malti qadim, smajt dawn l-espressjonijiet: **niexef għuda**, għal xi ħadd magħlub u, **misluta bħall-gremxula,** li tintuża l-iżjed għal tfajla li tkun irqiqa u bla figura ta' mara adulta. Mill-istess raħal kif ukoll minn Birżebbuġa, smajt kemm-il darba u ikkonfermawli n-nies tal-post li jħobbu jassoċċjaw nies ta' kulur samrani mal-gremxul ta' Filfla. Smajt sajjied jgħid lil ieħor "Inħraqt u ġejt iswed qisek gremxula ta' Filfla" Din il-frażi li ġejja smajtha biss fin-Nadur u jingħad li hemm biss tintuża. Meta xi ħadd ikun stramb jew issibu dejjem għalih waħdu jgħidu: "dan qisu gremxula ta' Kemmunett". Innaħa tax-Xagħra ħafna kienu dawk li qaluli li huma jemmnu li jekk qattus jaħtaf u jiekol gremxula dan jimrad minnufih u jogħlob u f'ħafna każi imut.

Il-gremxula, bħal annimali oħra, għandha sehem importanti fis-superstizzjonijiet. Filwaqt li l-wiżgħa mistkerrha u l-baħrija l-kbira tal-leblieb u l-baħrija ta' ras il-mewt iġibu is-saħta, il-gremxula f'ħafna lokalitajiet hija meqjusa li ġġib ir-risq speċjalment f'postijiet fejn m'hijiex daqshekk abbundanti. Għal xi raġunijiet mhux daqshekk magħrufa il-gremxul ma ssibux kullimkien. Skond studji tiegħi in-naħa ta' l-irdum taż-Żurrieq tibqa' tiela' saċ-Ċirkewwa, jiġifieri l-irdum tal-Majjistral ta' Malta, ma ssibx gremxul. Skond ma qaluli ħafna Melliħin, sas-snin sebgħin kont tara ftit gremxul fil-lokalita u din kienu jqisuha bħala risq. Illum m'għadekx issib gremxul hemmhekk ħlief forsi xi ftit li n-nies stess pprovaw jerġgħu jintroduċu fil-ġonna tagħhom. Din ma saretx il-Mellieħa biss imma f'ħafna inħawi f'Malta. Il-popolazzjoni stabbli li hemm fl-inħawi tal-bajja ta' l-Għadira giet introdotta riċentement fis-snin disgħin.

Ħaġa li tinkwetani fuq dawn l-introduzzjonijiet li ma jkunu xejn studjati hi li jekk xi ħadd ifettillu, bħalma ġieli gara (fortunatament ma qabdux), jġib il-gremxul minn gżejjer oħra fil-qrib, bħal ngħidu aħna Kemmuna jew Kemunett, biex jitlaqhom fil-ġnien tiegħu, dan ikun qed iniġġes il-ġenetika tal-popolazzjoni li teżisti fi gżiritna. Dan għaliex kull gżira ssostni popolazzjoni ta' gremxul ta' genetika differenti.



**Gremxula raġel ta' Kemmunett**

L-iżjed part ta' ġisem il-gremxula li magħha hemm marbuta super--stizzjonijiet hi id-denb. Kif inhu magħruf dawn ir-rettili, biex jiddefendu ruħhom, kapaci jwaqqgħu biċċa minn denbhom. Id-denb jaqa' imma jibqa' jferfer, biex l-għadu jintilef iħares lejh u il-gremxula tilħaq taħrab għar-refuġju tagħha. Dan id-denb jagħmel xi erba' minuti jferfer, sakemm is-sistema tintefa weħidha

u ma jiċċaqlaqx iżjed. Il-gremxula mbagħad wara ftit xhur (minn 4 sa 6 - jiddependi miż-żmien tas-sena u t-temperatura) terġa' ttella' ieħor.

Għal xi raġuni mhux daqshekk ċara ħafna tismagħhom jgħidu li d-denb ikun qed "jidgħi"; ikun qiegħed joffendi l-persuna jew l-annimal li kkawża din il-gerħa lill-gremxula u dan issa jitfa' saħta fuqu.

Storja klassika hija l-gremxula ta' Filfla b'żewġt idnub. Irridu niftakkru kemm qalgħet bombi fuqha Filfla u l-gremxul tagħha u min jaf kemm gremxul inqatlu jew intlaqtu. Id-denb, f'xi każi rari, ma jinqatax kollu ma l-impatt u s-sistema taċ-ċirkulazzjoni tibqa' intatta. Minn-naha l-oħra, xi forma ta' ferita xorta tkun saret fid-denb Dan jistimula lill-ġisem li jkabbar ieħor; u għalhekk jiġu qishom żewġt idnub. Ħafna drabi d-denb l-oriġinali ikun itwal minn dak li jkun għadu kemm tela'; imma jista' jkun li maż-żmien jiġu kważi ndaqs. Għalkemm rari ħafna, ġieli instabu wkoll gremxul bi tlett idnub. Dan il-fenomenu ma jiġrix biss lil dawk ta' Filfla imma kull għamla ta' rettilu li kapaċi jwaqqa' d-denb u għandu dawk iċ-ċelloli apposta biex jiġġenera ieħor. Per ezempju: Malta dal-fenominu ġieli nstab ukoll fuq il-wizgħat. Min kien iżur lil Filfla f'dawn iż-żminijiet imsemmija (fi żmien il-bumbardamenti) kien ikollu iżjed ċans jinzerta gremxula b'dan il-fenomenu, allura tistgħu timmaġinaw minn fejn giet din l-istorja. Iżda, huwa fatt li meta żort lil Filfla għal dan l-istudju (bil-permess) rajt persentaġġ għoli ta' gremxul b'żewġt idnub u l-bombi kien ilhom li nqatgħu għal aktar minn tletin sena. Hemm kaċċa qawwija fuq il-gremxul mill-għasafar tal-baħar (bħall-gawwi). Imma din ta' żewġt idnub jista' jkun ukoll li għandha x'taqsam mal-kobor tal-gremxul. Il-gremxula ta' Filfla tlaħħaq madwar 30cm, filwaqt li ta' Malta ma taqbiżx is-17cm. Meta tqabbel il-ħxuna tal-ġilda taħt mikroskopju ssib li ta' Filfla hija ħafna eħxen. Allura jista' jkun li ħafna mid-dnub ma jinqatgħux kompletament u jilħaq jitla' ieħor minħabba din ir-raġuni. Ġieli issib ukoll lil minn jirreferi għall-gremxula ta' filfla b'żewġt idnub, jitfixkilha u jgħid b'żewġt irjus. Din tingħad ukoll għall-gremxula tal-Ġebla tal-Ġeneral. Fuq din il-gremxula ta' l-aħħar jintqal ukoll li hija ta' daqs kbir ħafna u tixrob il-fungu (li m'hu xejn fungu imma pjanta parassita li wieħed mill-postijiet favoriti tagħha huwa fuq il-Ġebla tal-Ġeneral) li bil-Malti jissejjaħ **Għerq Sinjur**. Hawn minn jgħidlek ukoll li din il-gremxula għandha żaqqa ħamra għax tiekol biss minn dan l-għerq sinjur. Il-verita hija li din il-gremxula hija meqjusa bħala sottospeċi għaliha u għandha tendenzi morfoloġiċi li tkun ta' lewn ħamrani min-naħa ta' taħt. Hu minnu li l-għerq sinjur jerħi kulur ħamrani meta tmissu, imma l-gremxula ma tkunx qed tiekol lilu iżda tkun qed tħuf għall-insetti li jkunu qegħdin fuqu. Rigward il-kobor esaġerat li ġieli jsemmu m'hu xejn ħlief għajdut għax din il-gremxula hija biss ftit ċentimetri ikbar minn dik li ssib fuq Malta. Din l-istorja tal-gremxula tal-Ġeneral hija msemmija u miktuba ukoll minn sa żmien is-seklu sittax u fis-snin sittin, Guido Lanfranco kkonferma dan l-iżball f'waħda mill-kitbiet tiegħu.

L-unika leġġenda li tissemma fiha l-gremxula hija dik tal-Maqluba, il-Qrendi. Hemm ħafna verżjonijiet differenti ta' din il-leġġenda. Waħda li laqtet lili speċjalment minħabba il-gremxul tgħid hekk: "Fejn tinstab il-Maqluba illum kien raħal b'ħafna nies ħżiena u mażuni, moħħhom fil-pjaċir u l-brijju u mimlijin dnubiet. Tant kienu ħżiena dawn in-nies li lanqas Luċifru ma felaħhom u darba fost l-oħrajn tela' minn taħt l-art u qala' r-raħal b'id waħda minn postu u waddbu f'nofs ta' baħar u b'hekk ġiet Filfla; u l-gremxul sewdieni, ikrah (skond dak li qalli din il-leġġenda) u b'żewġt idnub huma dawk in-nies imxajtna ta' dak ir-raħal.

Il-qlajjiet u l-leġġendi li semmejna kollha kellhom l-effett tagħhom fuq kif il-Malti jħares lejn dawn il-ħlejjaq li tant huma benefiċċjali għall-bniedem. L-isparar, il-qbid u (l-agħar fattur) il-bexx, fixklu u qerdu għadd kbir ta' popolazzjonijiet ta' gremxul. Ħafna minnhom naqsu drastikament jew sparixxew fix-xejn bħal f'postijiet bħal Ħal Qormi fejn kont issib ħafna, u llum issib ftit. Min-naħa l-oħra, f'postijiet bħal Tas-Sliema u Baħar iċ-Ċagħak il-gremxul żdied u mmansa. F'dawn in-naħat dejjem kont issib iżjed nies ta' ċertu edukazzjoni li b'xi mod beżgħu għal dawn il-ħlejjaq u tgħallmu li l-gremxula hi annimal kurjuż, ntelliġenti u kapaċi taddatta ruħha għal ċerti bidliet. Jekk tmur f'postijiet iffrekwentati l-iżjed mit-turisti (li ngħiduha kif inhi; jibżgħu għan-natura iżjed minna) bħal per eżempju l-bajja ta' Kemmunett, issib għexieren ta' gremxul jiġru mas-saqajn, jiekol li jsib u li joffrulu n-nies bħal xi biċċa ħobż biż-żejt, butir jew xi naqra ġelat. Il-frott jitgħaxxaq ukoll bih u jekk toffrilu biċċa tadama jew dulliegħa jagħmel nofs ta' nhar jilgħab magħha.

Il-gremxul, illum (u ilu minn l-1992) hu protett bil-liġi bħar-rettili l-oħra kollha u ħadd ma jista' jaqbdu, jfixklu jew joqtlu u hija tal-mistħija li għadek issib xi nies li għadhom ma tgħallmux japprezzawh. Aħna furtunati biż-żejjed li għandna din l-ispeċi li tinstab f'ħafna popolazzjonijiet differenti endemici u jinstabu f'artna biss. Jekk nitilfu din il-ġawhra naturali tagħna nkunu komplejna nitilfu l-identita' ta' pajjiżna.

## Ħajr

L-ewwelnett nixtieq nibda billi nirringrazzja lil missieri Mario talli mingħajr ma jaf hu kien il-persuna li nibbet dan l-interess qawwi tiegħi dwar in-natura Maltija u talli tagħni xi tagħrif dwar x'kien isir fuq ir-rettili fir-raħal tiegħu fi tfulitu. Nixtieq nirringrazzja ukoll lit-tfajla tiegħi Esther u lil ħija Jeffrey ta' l-għajnuna li tawni f'dan u f'xogħolijiet oħra riċenti u lil Mario Gauci fuq informazzjoni rigward dan l-artiklu u l-ospitalita' ġeneruża tiegħu waqt l-istudji tiegħi fuq dan is-suġġett ġewwa Għawdex. Grazzi ukoll lil Profs Patrick J Schembri ta' l-għajnuna regorali li nsib minnu dwar dan is-suġġett. Ħajr ukoll lil Steve Borg għall-għajnuna tiegħu f'dan ix-xogħol speċjalment fil-grammatika Maltija. Fl-aħħar u mhux l-inqas nixtieq nirringrazzja lil dawk l-anzjani u raħlin kollha li issapportew l-ibbumbardjar ta' mistoqsijiet tiegħi u bil-paċenzja kollha qagħdu jweġbuni.

(Ikompli fil-paġna li jmiss)

## Referenzi


Baldacchino AE, Schembri PJ (1993) Ir-Rettili u l-Amfibi tal-Gżejjer Maltin. SSCN:Malta, +46p

Baldacchino AE, Schembri PJ (2002) Amfibi Rettili u Mammiferi fil-Gżejjer Maltin. Kullana Kulturali 39 Pubblikazzjonijiet Indipendenza, 258pp. 10pls.

Buonamico, G. F. (1670) Joh. Franc., Mss. fil-Bibljoteka Nazzjonali

Bonnet Guido/Attard J. (2005) The Maltese Countryside (Vol II) PEG, 392pp.

Gulia, Gavino, (1858) "Repertorio di Storia Naturale."

Gulia Giov (1890) Erpetologia maltese. Il Naturalista Maltese, I(2):14-15

Lanfranco G.G (1955) Reptiles and Amphibians of the Maltese Islands. Malta Year Book, p.198-203

Lanfranco G.G (1960) Cynomorum Coccineum Linn., A Maltese Historical Plant Source: Melita Historica: Journal of the Malta Historical Societyħ. 3(1960)1(53-70)

Savona-Ventura C. (no date) Reptiles & Amphibians in Maltese medical folklore. Civilazation 10

Savona-Ventura C (1990) Maltese Medical Folklore. Man and the Herpetofauna in Malta. A Review. Malt Med J, 2(1):41-43

Schembri PJ (1975) Two-tailed Gecko. Malt Nat, 2(1):25

Schembri PJ (1986) The Maltese Wall lizard Civilization 27

Sciberras A. (2004) The Contribution of Maltese Reptiles to Agriculture. Mcast link issue 9 pg.6

Sciberras A (2005) Reptiles - Our scaly friends. The Malta Independent. October 22nd pg.6

Sciberras J. (2001) Mhux Ta' Filfla !!! Huttafa issue 44pg.8 Birdlife Malta


# IL-ĦUĠĠIEĠA TA' LEJLIET SAN ĠWANN (23 ta' Ġunju 2006) FIR-RAMLA TA' BIRŻEBBUĠA

**Reġgħet saret il-Ħuġġieġa ta' San Ġwann, wara ħafna snin li din it-tradizzjoni folkloristika antika kienet ilha li nqatgħet. Fuq din it-tradizzjoni folkloristika kien inkiteb ħafna fir-revista tagħna l-IMNARA u dawn l-aħħar sentejn il-ħuġġieġa reġgħet ġiet irxuxtata. Bħas-sena l-oħra, bil-ħidma tas-Sindku ħabrieki Joseph Farrugia (aktar magħruf bħala "ir-Rikie") u bil-permessi kollha meħtieġa, il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa reġa' organizza din l-attivita`. Kienet ħuġġieġa enormi li tqabbdet xid-disgħa ta' bil-lejl, lejliet jum San Ġwann. Kienu ħafna ż-żgħażagħ li ħadu nteress fiha u fit-tradizzjoni folkloristika tagħha. Qabel il-Gwerra (1939-45) ġo Birżebbuġa kienu jsiru żewġ ħġejjeġ mit-tfal u ż-żgħażagħ f'lokalitajiet differenti**

**a.d.**



# INTIETEF FOLKLORISTIĊI MILL-GĦASRI

**Toni Calleja**

Nhar l-24 ta' Awissu 1955 miet il-bużnannu tiegħi, Ġorġ Galea, Tal-Merkant (1864-1955). Billi minn-naħa l-waħda kien jiġi n-nannu t'ommi, u minn-naħa l-oħra kien jiġi missier ir-raġel ta' oħt missieri l-kbira – Sika, ommi bagħtitni maz-zija Kelina biex nieħdu bixkilla mimlija affarijiet ta' l-ikel fid-dar fejn kien għadu kif miet il-bużnannu Ġorġ.

Għadni niftakarni sejjer inċerkes, qisu l-bieraħ; iz-zija bil-bixkilla f'idha l-waħda, u jien imqabbad ma' djulha n-naħa l-oħra. Kienet bixkilla li konna ngħidulha "tan-nefqa" jew "tar-razzjon". Kien fiha stanjata ta' l-aluminju bajda, minn lewn il-fidda, mimlija kafe jaħraq u jfuħ bit-taċċi tal-qronfol u biċ-ċikwejra, imkebba ġo xalpa tas-suf tan-nagħaġ biex ma tiksaħx; ratal zokkor misrur ġo karta safra minn dawk tat-tiben (Malta kienu jgħidulhom "taz-zokkor"), u xi nofs tużżana kagħak taz-zokkor magħġuna bil-qxur tal-mandolina, mimlija ġulġlien u ħlewwa, mgħottija b'sarvetta bajda magħmula bin-newl, b'faxx ikħal minsuġ bil-ħajt ta' l-Ingilterra fuq żewġt iġnub.

Fl-Għasri kien hemm id-drawwa li minn meta jmut xi ħadd, sa ma jsir il-funeral, il-bieb tad-dar jinżamm imbexxaq, anke bil-lejl, għall-kumdita tal-viżitaturi li jkunu ġejjin u sejrin. Meta wasalna nbuttajna l-bieb u bqajna deħlin ġewwa. Iz-zija għajtet bil-mod, minn taħt l-ilsien, u tlajna t-taraġ għal fuq is-setaħ, fejn laqgħuna wliedu Minka u Pawla, skunslati għal mewt ta' missierhom, avolja kien bniedem kbir, fuq id-disgħin.

Kemm Mikiel Anton Vassalli (1) kif ukoll De Soldanis (2) isemmu l-kelma **GĦAŻA** fid-dizzjunarji tagħhom. Aquilina, fid-dizzjunarju tiegħu *Maltese English Dictionary* jgħid li tirreferi għal drawwa qadima li issa spiċċat – *disused custom.* (3) Imma did-drawwa kienet għada teżisti żgur sa tfuliti, fis-snin ħamsin, f'raħal twelidi, l-Għasri.

It-Tagħżija hi l-għoti ta' l-għomor u l-kondoljanzi lil min ikun mietlu xi ħadd. U aktar minn hekk, id-drawwa li n-nisa f'dar il-mejjet, għal tmint ijiem sħaħ, ma jqabbdux nar biex isajru. It-twemmin kien li n-nar tad-dinja kien iżid it-tbatija tan-nar tat-tisfija tal-purkatorju. Ta' l-inqas sas-snin ħamsin, familja li kien imutilha xi ħadd kien jintbagħtilha l-ikel id-dar mill-qraba, mill-ħbieb u mill-ġirien, biex tisjir ma jkunx hemm għalfejn isir, ta' l-inqas sa kemm idum il-katavru d-dar. In-nisa ta' dik id-dar mhux biss ma jsajrux għal xi jiem, imma lanqas biss jixirfu mill-bieb 'il barra jekk mhux għall-knisja jew qadi ieħor ta' bżonn kbir. Għalhekk il-bixkilla mimlija bl-ikel li bagħtet ommi maz-zija Kelina.

Dari, il-kotra tan-nies kienu jitħallew imutu d-dar għax dik li xi ħadd minn niesek imutlek l-isptar, xejn ma kienet tinżlilhom tajjeb. Kienu jibżgħu li n-nies idoqqu bihom u jgħidu: "Ara mank żammewh id-dar; bagħtuh l-infermerija (l-isptar) biex jeħilsu minn taħbitu!" Issa dan mhux talli li ma kien ikun minnu xejn, anzi, min jaf dawk li jkunu jbejtu miegħu b'liema qsim il-qalb kienu jiddistakkaw ruħhom minnu. Kontra d-dħul l-isptar, imma l-aktar fl-inkurabbli (kif kien jissejjaħ dari l-isptar tax-xjuħ), in-nies kellha stigma qawwija wisq.

## ĊOFF ISWED MAL-BIEBA TA' L-ISTANGA

Malli l-moribond imut, u s-Saċerdot – li min jaf kemm ikun ilu jassistih – ibierek il-katavru, xi żewġt irġiel minn ta' ġewwa kienu jakkumpanjawh lura d-dar. Ma kinux iħalluh imur lura waħdu għax mat-triq seta' jkun ittantat mid-demonju. Il-ħsieb kien li billi l-qassis kien f'pika max-xitan (jew ma' *Sbatna*, kif kien jissejjaħ) biex jirbaħ dik ir-ruħ għal Alla, issa li l-mejjet ikun għamel mewta tajba, ix-xitan ta' l-infern, tellief u avvelut, kien jaf jagħtih xi fastidju! Il-Kappillan ta' l-Għasri Dun Karm Vella (1951-1965) kien jemmen wisq b'hekk, u kont nogħxa nisimgħu jirrakkonta fuq iz-zuntier fuq dawn il-ħwejjeġ. Issa ħalliha li mbagħad bil-lejl kont noqgħod nibża'!

Hekk kif tgħaddi l-ħasda li ġġib magħha l-mewt, dlonk kienet tibda titħejja l-għorfa jew kamra li fiha jkun se jitqiegħed il-mejjet qabel il-funeral. Kienu jitneħħew l-inkwatri u l-mobbli ż-żgħar, fil-waqt li għamara inqas maniġġenti kienet titgħatta b'lożor bojod. Il-pumi u l-ħabbatiet kienu jinqalgħu minn mal-bibien ta' barra b'sinjal ta' viżtu. Aktar lejna, flok jaqilgħu il-pumi bdew jagħmlu

ċoff kbir iswed mal-bieba ta' l-istanga, kif għadhom sal-lum. Lejn nofs is-snin ħamsin tas-seklu li għadda, wasal l-Għasri r-*Redifusion* u ħafna kienu dawk li daħħluh f'darhom. Imma bħala sinjal ta' viżtu, meta jmutilhom xi ħadd kienu jerġgħu jaqilgħuh mill-aktar fis. Issa ħalliha li din spiss kienet tkun skuża tajba biex jiffrankaw il-pagatella tiegħu!

Fil-knisja ta' l-Għasri, bħala turija ta' rispett, għall-funeral kien jitneħħa l-ward kollu ta' fuq l-artal, u l-kanipew u l-ventartal kienu jagħmluhom ta' lewn vjola.

F'dak li hu ilbies, in-nies kienet tagħmel il-viżtu billi xxidd ħwejjeġ ta' kulur iswed, l-aktar in-nisa. L-irġiel kienu jilbsu jew faxxa sewda, jew sempliċi dabra sewda meħjuta mal-komma. Anke f'dan kienet tidħol il-klassi soċjali. Il-faxxa kienet għall-puliti, u d-dabra sewda għan-nies komuni. Drawwa li llum spiċċat kienet li l-irġiel ma jqaxxrux leħja għal żmien twil, bħala turija ta' vistu u niket. Oħrajn kienu anke juri żdingar fi ħwejjiġhom u fil-mod li jilbsu biex juru dan in-niket. Dawn is-sinjali ta' luttu, l-aktar dik li ma jqaxxrux il-leħja, ilħaqtha sewwa fl-Għasri ta' tfuliti.

## IL-KEFEN, IT-TWIEBET U L-GĦASSA MAL-MEJTIN

Nifhem li fl-Għasri t-tkeffin kien isir minn dawk ta' ġewwa. Min ma kienx assulutament jinqala', x'aktarx li kien isib xi ħniena, imma dejjem min-nies ta' ġewwa stess. Għax jekk min jagħmel dax-xogħol, jiġifieri min kien ikeffen, ma kienx ikun ta' ġewwa, n-nies kienet titmeżmeż minnu u tiskartah. Ara kemm hu hekk, ċertu raġel mill-Għasri, bejn b'karita' u kemm biex idaħħal dik il-pagatella, beda jerfa' l-bandiera tal-mejtin; jiġifieri l-istandard ta' xi waħda mill-fratellanzi li hemm fir-raħal. Inzerta li dal-proxxmu kien bejjiegħ il-melħ, u meta n-nies saret taf bil-biċċa tal-bandiera, in-negozju naqsu tant li l-istandard kellu jitilqu. Intant, fl-Għasri ta' tfuliti, in-nisa kienu jitkeffnu bl-iswed minn rashom sa saqajhom; u l-irġiel bil-kunfratija u l-muzzetta tal-fratellanza tagħhom, għax kwazi lkoll kienu fratelli – jew f'tar-Rużarju, jew f'tas-Sagrament.

Imma biż-żmien kollox jinbidel: Fil-Bullettin (4) tal-Ħadd, 24 ta' Jannar, 1971, il-Kappillan ġab din in-nota: "Daħlet id-drawwa sabiħa fir-raħal tagħna li l-mejtin (nisa) jitlibbsu l-ABJAD flok l-ISWED. Drawwa sabiħa li għandna nżommuha. Illum l-abjad aktar jaqbel mal-liturġija tal-mejtin". Fl-istess Bullettin, il-Kappillan kien ġab din-nota qasira: "Skond tagħrif li waslilna dan l-aħħar, l-għassa mal-mejtin bil-lejl (fiċ-ċimiterju) inqatgħet għal kollox". Nifhem li dan kien il-mod diplomatiku li bih il-Kappillan ried iwassal lill-parruċċani tiegħu t-tmiem tad-drawwa ta' l-għassa ta' bil-lejl mal-kadavri, wkoll fiċ-ċimiterju.

Kien hemm ordni li d-dfin ma setax isir qabel jiskorru l-24 siegħa fuq il-mewt, u jekk il-ħin kien jiskadi wara nżul ix-xemx, id-dfin kien ikollu jistenna sa l-għada. Ċirka l-1965, wara l-Konċilju Vatikan II, sar possibli li l-quddies isir ukoll wara nofsinhar, u l-funerali ma baqgħux isiru biss in-naħa ta' filgħodu. Anzi, bil-mod il-mod, il-funerali bdew isiru wkoll filgħaxija, bid-difna ssir minnufih, wkoll jekk f'xi każi rarissimi ma jkunx għadda ħin biżżejjed. U llum illaxkaw tant affarijiet fejn jidħlu l-ħajjin, għax għandna nkunu stretti fejn jidħlu l-mejtin?!

Fi tfuliti, il-funerali, mill-knisja għaċ-ċimiterju kienu jkunu akkumpanjati mill-pulizija tar-raħal, li kien jimxi fuq quddiem nett. Imma ċ-ċimiterju ma kienx jidħol. Kien joqgħod skjerat qisu brill ħada l-bieb u waqt li t-tebut jgħaddi minn quddiemu kien isellimlu. F'pajjiżna, id-dfin fit-twiebet mhix xi ħaġa li tmur lura ħafna. Fl-antik, għalkemm din m'hix xi ħaġa li niftakar jien, id-dfin kien



**L-irġiel kienu jilbsu dabra sewda meħjuta mal-komma**

biss il-katavru mgeżwer f'liżar. M'għandix iż-żmien eżatt, imma nifhem li m'ilux żmien kbir. Familji meqjusa bħala tat-tajjeb kien ikollhom speċi ta' tebut (li fil-kitba jirreferu għalih bħala "mejjilla") id-dar biex jużawh kull meta tinqalgħalhom il-ħtieġa. Wara li jġorru fih il-mejjet, mikxuf, sal-post tad-difna, kienu jerġgħu iġibuh magħhom lejn id-dar. Fi Triq Għammar kien hemm il-familja, ta Ġużepp Ta' Fixkiela li, minkejja li kien għadda l-użu tiegħu, it-tebut (jew mejjilla) żammewh xorta waħda. Niftakar kont rajtu meta kont żgħir. Kien tebut iswed li aktar kien jixbaħ lil xi branda jew katalett milli kif nafuh illum. Kien bis-saqajn u bil-lasti biex jinġarr fuq l-idejn u mhux jintrefa' fuq il-kitfejn.



## IL-BUĊĊETTI TA' l-ERWIEĦ

Id-devozzjoni lejn l-erwieħ tal-purkatorju minn dejjem kienet kbira. Il-Konċilju ta' Trentu, fl-4 ta' Diċembru, 1563 kien qal hekk: "**Billi l-Knisja Kattolika, mgħarrfa mill-Ispirtu s-Santu, u wara li segwiet il-kitba ta' l-għorrief tagħha, għallmet, u anke issa f'dan il-Konċilju, li hemm il-Purgatorju u li l-erwieħ jiġu megħjuna bit-talb tal-fidili ħajjin, u aktar bis-sagrifiċċju ta' l-artal, dan il-Konċilju jobbliga lill-isqfijiet jgħallmu d-duttrina tal-Purgatorju lill-fidili kull-imkien.**" Fl-Għasri ta' tfuliti, fost id-devozzjonijiet kollha, kienet tispikka dik lejn l-erwieħ tal-Purkatorju. Kienet devozzjoni ħajja li konna ngħixuha b'mod kostanti. M'inix qed nirreferi għall-quddies li kien jitqaddes, jew għas-smigħ tiegħu b'suffraġju tagħhom. Lanqas ma jien qed nirreferi għall-invokazzjonijiet li r-raħlin kienu jgħidu għalenija waqt it-tokki ta' kull filgħaxija "ta' l-imwiet", wara l-barka sagramentali. Nifhem li dix-xorta ta' devozzjoni kienet tiffjorixxi f'kull rokna tal-gżejjer Maltin.

L-Għasrin kellhom devozzjoni partikolari lejn l-erwieħ abbandunati, b'mod speċjail dawk tas-saċerdoti, l-erwieħ ta' Wied Għammieq (5), l-erwieħ iġġustizzjati – l-aktar dawk bla ħtija, l-erwieħ tal-benefatturi tal-knisja ta' l-Għasri, l-erwieħ ta' l-imgħarrqin u ta' dawk li mietu mirdumin fost l-oħrajn.

Fil-Knisja Parrokkjali, in-naħa tal-"Bieb tan-Nisa", mal-pilastru taħt l-għaxar stazzjon tal-*Via Sagra* kien hemm kaxxa żgħira ta' l-injam maqsuma f'żewġ kompartamenti. Fihom kien hemm disgħa u disgħin buċċetta tonda tal-kartun daqs it-takki ta' l-iskartoċċ ta' l-ixkubetta u eżatt bħal dawk tat-tombla, innumerati f'sekwenza. Fuq ir-riħ tagħha kien hemm gwarniċ imdaqqas b'kitba ġo fih mifruxa fuq żewġ kolonni, b'disgħa u disgħin invokazzjoni. It-tabella ta' ġol-gwarniċ, jew l-avviż, kienet waħda li tistieden għat-talb b'suffraġju ta' l-Erwieħ, li kienet intestata:

**GĦAMIL TA' MĦABBA BIEX JIĠU MFARRĠIN L-ERWIEĦ IMQADDSA TAL-PURGATORJU.**

Kull waħda mid-disgħa u disgħin invokazzjoni kella numru u kienet turi daqstant kategoriji differenti ta' erwieħ. L-ewwel waħda, f'ras il-lista, kienet: **Għal dawk l-erwieħ li l-iżjed ħabbew 'l Alla**. L-aħħar waħda kienet: **Għall-erwieħ kollha tal-Purgatorju**. Is-sebgħa u disgħin invokazzjoni l-oħra kienu varjati għall-aħħar. Hekk, per eżempju, insibu dawk l-erwieħ li kienu devoti ta' Ġesu Sagramentat; u b'kuntrast magħha, dawk li kienu ftit għażżenin fil-ħwejjeġ t'Alla; dik ir-ruħ li l-aħħar li daħlet fil-Purgatorju; dik li se toħroġ l-aħħar; dawk l-erwieħ li kienu jsemmu l-isem imqaddes t'Alla fil-batal; dawk li kienu jgħallmu d-duttrina, dawk li kienu jitkellmu bla qies, u dawk li ħabbew is-skiet; dawk li ħadmu għall-fidwa ta' l-ilsiera; għall-oħrajn li kienu jbatu minħabba l-gula; dawk li naqsu fit-trobbija ta' wliedhom; dik ir-ruħ li l-mistrieħ tagħha l-aktar li jagħti glorja 'l Alla; u nibqgħu sejrin hekk.

Mela n-nies ta' l-Għasri, hi u ħierġa mill-knisja, speċjalment in-nisa u t-tfal, kienet terfa' buċċetta mill-kaxxa u wara li jaqraw in-numru kienu jikkonsultaw it-tabella biex jaraw għall-liema erwieħ kienu se jitolbu. Imbagħad dik il-lejla stess kienu

# IL PURGATORIU.



Ara il Giustizzia t'Alla.



1. Sgur.
2. Darba.
3. Meta ?

*"Jena infarrag' l-eruieh, ghax dann ireddilha il carita, meta jidhlu fill gloria."* S. Aug. Doct.

*"Imur il Purgatoriu min imut fil grazzia t'Alla, pero imtebbgha jew anchi bl-inkas htija venjali jew ghax m-ghamilx penitenza chif imiss."* Bell. Doct.

**Uiehed kuddiem dan l-inquatru jisthaijel li ke'd jisma l-eruieh mill habs tahhom temporali b-lehen seriu igheidulu:**

*"Pellegrin nisrani, illob ghalina u ahseb ghal-casec, ghax bla dubiu tcun bhalna iggiudicat f-mentae fuk il-ligi t'Alla li iccmandana inhobbuh b'kalbna collha u bill hsieb tahcna collu u il proximu bhalna infusna. Oh! Tasen li iccellu ma jistghux jifmu chemm Alla jiggiudica bis-ekta u jcastiga bill hmaija.*

**Ghalhecc mill carita' jitkankal li joffri il piaghi ta Cristu ghall-eruieh, li tassenjalhu il polza, b-dan il mod:-**

Giustizzia t-Alla, noffrilec il piaghi divini ta huna Gesu Cristu biex inhallsec id-dejn ment ghad-dnubiet collha ta dauna l-insara fidili mejtin. Hecc icun.

Tahl dina il-tabella tiddendel caxxa bil poloz mill-uiehed sall mija.

1. Ghall-eruieh, li fid-dinja hennew bl-opri ghall mejtin.
2. Ghall-eruieh, li ghallmu id-duttrina nisranija.
3. Ghall-eruieh, li chienu devoti tal kalb ta Gesu.
4. Ghall-eruieh, li tau xi kima lill Maria SSma.
5. Ghall-eruieh, li sellmu ix-xbija ta S. Michiel Arcanglu.
6. Ghall-eruieh, li chienu devoti tal Battista jew ta S.Giusepp.
7. Ghall-eruieh, li chienu devoti ta xi appostlu.
8. Ghall-eruieh tas-sacerdoti u tar-religiusi collha.
9. Ghall-eruieh, li hadmu ghall fokra.
10. Ghall-eruieh, li xerrdu kuri tajjeb.
11. Ghall-eruieh, li talbu ghall-agonizzanti.
12. Ghall-eruieh, li mietu mingħajr sagramenti.

51. Ghall-eruieh, li tau parir hazin appostlu.
52. Ghall-eruieh, li hadu sehom fis-serk ta l-ohrajn.
53. Ghall-eruieh, li hlew mizżmien taghhom.
54. Ghall-eruieh, li ma ighommonx xi neglida.
55. Ghall-eruieh, li tau scandlu contra il castita.
56. Ghall-eruieh, li ghidbu biex jghamlu il gid.
57. Ghall-eruieh, li chixfu bla bżonn difetti ta l-ohrajn.
58. Ghall-eruieh, li nasslu cliem ta ghied.
59. Ghall-eruieh, li iddisprezzaw serk zghoir.
60. Ghall-eruieh, li ma talbux mahfra lil min ingiurjaw.
61. Ghall-eruieh, li m-gharfux il benefatturi taghhom.
62. Ghall-eruieh, li ma tаux lilhs gust lill hadd'iem.

**Tabella ohra bit-talb ghall-erwieh. Din tinsab fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesu fin-Nadur, maghrufa wkoll bhala "Ta' Karkanja". M'hijiex qadima daqs dik li tinsab fil-knisja parrokkjali ta' l-Ghasri. L-Imprimatur moghti fil-Kurja ta' Malta mill-Kan. P. Galea Vic. Gen. iġib id-data tat-18 ta' Diċembru, 1929.**

13. Għall-erwieħ, li dimbu bit-tama tall 'krar.
14. Għall-erwieħ, li kalu eliem żejjed jew fiergħah.
15. Għall-erwieħ, li ma raux f'collox il Provvidenza.
16. Għall-erwieħ, li tgħaxxku b-xi gwieħ ta gisimhom.
17. Għall-erwieħ, li għafsu il proxxmu biex idaliliku.
18. Għall-erwieħ, li m-għaccsux is-sens tax-xgħam.
19. Għall-erwieħ, li iccajtau bill hwejjeg tall fidi.
20. Għall-erwieħ, li calidu is-sliem lill-għadu.
21. Għall-erwieħ, li ma ħarbux l-occasioni taż-żina.
22. Għall-erwieħ, li m-għaccsux il cursità.
23. Għall-erwieħ, li nkdew bid-difetti tall proxxmu.
24. Għall-erwieħ, li għamlu resistenza lis-superjur.
25. Għall-erwieħ, li approvau azioni ħażina.
26. Għall-erwieħ, li ħarbu is-salib t'Alla.
27. Għall-erwieħ, li żammew lisibijet vani jew inutli.
28. Għall-erwieħ, li ma żarux il morda.
29. Għall-erwieħ, li għamlu dac li ma riedux lilhom.
30. Għall-erwieħ, li tau b'cort dac li chien dubiu.
31. Għall-erwieħ, li xtaku il ment għad-dicka.
32. Għall-erwieħ, li użau is-sensi b'fini disordinat.
33. Għall-erwieħ, li ma taux esempiu tajjeb.
34. Għall-erwieħ, li tau xhud falz fuk il proxxmu.
35. Għall-erwieħ, li żammew il vanaglorja.
36. Għall-erwieħ, li iddisprezzau xi ligi giusta tar-re.
37. Għall-erwieħ, li ma reblux merti għall xi dnub mejjet.
38. Għall-erwieħ, li ma raux il Cristu f-eull proxxmu.
39. Għall-erwieħ, li tebgħu ruħhom għall xi gid temporali.
40. Għall-erwieħ, li stħau jistkarru xi articlu tall fidi.
41. Għall-erwieħ, li xtaku li m-hemmx ligi t-Alla.
42. Għall-erwieħ, li ħadu indisposti xi sagrament.
43. Għall-erwieħ, li ma użaux kies fill lgħob jew fit-cajt.
44. Għall-erwieħ, li silfu b-ingħux żejda.
45. Għall-erwieħ, li xtaku il mewt lill xi ħatt.
46. Għall-erwieħ, li iggindicau ħażin atti indifferenti.
47. Għall-erwieħ, li abbużau bis-setgħajet tagħhom.
48. Għall-erwieħ, li ittrasenrau ir-restituzioni.
49. Għall-erwieħ, li 'nkdew b-ammita falza.
50. Għall-erwieħ, li ma 'rringrazzaux l-Alla f-collox.

63. Għall-erwieħ, li ma opraux b-intenzioni retta.
64. Għall-erwieħ, li għażżeu libiberija għall xi sens tal gisem.
65. Għall-erwieħ, li apposta ħarsu lejn stampi oxxeni.
66. Għall-erwieħ, li forhu bid-deni ta l-oħrajn.
67. Għall-erwieħ, li imxeu ta facceli.
68. Għall-erwieħ, li naksu mill gieħ fil Cnisja.
69. Għall-erwieħ, li m-għadrux il proxxmu.
70. Għall-erwieħ, li ittrasenrau dmirijethom.
71. Għall-erwieħ, li stmau xi ħaga lilhom stess.
72. Għall-erwieħ, li chiclu u xorbu iż-żejjed.
73. Għall-erwieħ, li ma satrux il ħniena tagħhom.
74. Għall-erwieħ, li xtaku in-nisa ta l-oħrajn.
75. Għall-erwieħ, li setgħu u ma iccoreggeux.
76. Għall-erwieħ, li għall biża chisru il-ligi t'Alla.
77. Għall-erwieħ, li ħadu jett ingiust ta hwejjeg misjuba.
78. Għall-erwieħ, li ħasbu fuk xi ingiurja ircevuta minnhom.
79. Għall-erwieħ, li m-għamlux dac li riedu lilhom.
80. Għall-erwieħ, li fittxu jeththom b-xi dnub.
81. Għall-erwieħ, li krau cotba proibiti.
82. Għall-erwieħ, li ħadmu fil Festi.
83. Għall-erwieħ, li oprau bid-dubju fuk il-ħażen.
84. Għall-erwieħ, li irricorreu għand sahħarin.
85. Għall-erwieħ, li ħabbeu biss lil min ħabbhom.
86. Għall-erwieħ, li m-użaux mozz biex ma jidimbux.
87. Għall-erwieħ, li ma ħarsux is-sanm tal Cnisja.
88. Għall-erwieħ, li calidu carità b-vendetta.
89. Għall-erwieħ, li karku fl-użin jew fill chejl.
90. Għall-erwieħ, li abbużau fuk il bżonn tall proxxmu.
91. Għall-erwieħ, li għajru bid-difetti naturali.
92. Għall-erwieħ, li chisru xi sigriet avdut.
93. Għall-erwieħ, li ħadu bill għerra il proxxmu.
94. Għall-erwieħ, li ma żammoux schiet fil corla.
95. Għall-erwieħ, li seudu kalbhom għall gid ta l-oħrajn.
96. Għall-erwieħ, li incurraggeu il ħażen bid-daħk.
97. Għall-erwieħ, li stħau jittrattau mal fokra.
98. Għall-erwieħ, li ma taux carità lill liżiena.
99. Għall-erwieħ, li għamlu gid għall ħlas fid-dinja.
100. Għall-erwieħ, li għamlu correzjoni b'vendetta.

Nihil obstat. Dat. Ultime die Anni MCMXX. Alois Can. Farrugia. Cens. Theol.
Imprimatur. [illegible] Dec 1920. Can. P. Galea Vic. Gen.

**Wieħed jinnota wkoll li lanqas il-lista ta' l-invokazzjonijiet m'hi l-istess bħal dik ta' l-Għasri.**
**Fil-lista tan-Nadur hemm mitt invokazzjoni. F'ta' l-Għasri hemm disgħa u disgħin.**

joffru talb speċjali b'suffraġju tagħhom.

Il-ħabib tiegħi il-Mons. Professur Dun Ġużepp Bezzina jgħid li suppost kont terfa' l-buċċetta mill-kompartiment tax-xellug u tqegħidha f'dak tal-lemin. Jgħid li saħansitra f'xi knejjes kien hemm vleġġa biex tindika dan. L-iskop kien li f'kull ċiklu kien isir talb għal kull kategorija ta' erwieħ. Imma fl-Għasri jien dil-vleġġa qatt ma rajtha u qatt ma smajt lil ħadd isemmiha. Imma bil-fidi qawwija li niesna kellhom fit-talb, il-biċċa kienu jifhmuha illi bit-talba li tgħid u bl-ispustament tal-buċċetta minn kaxxa għal oħra kont teħles ruħ mill-Purgatorju u ttellagħha l-Ġenna!

Fl-Għasri ta' ftit snin ilu l-illitteriżmu kien komuni, u allura erħilna lilna t-tfal, imżattin kif konna, wara l-ewwel ftit lezzjonijiet tal-Malti fi *Standard 1* ma' Miss Tabone, nippruvaw nispellu sakemm b'ħafna tlaqliq jirnexxielna naqraw il-kategorija ta' erwieħ li taqbel man-numru tal-buċċetta. Konna nieħdu battikata, għax barra li konna għadna prinċipjanti, it-tabella kienet miktuba bl-ortografija l-antika, mhux dik kif stabbilita mill-Għaqda tal-kittieba tal-Malti fl-1924, u li allura konna nistudjaw aħna. Wara kollox, jekk ma kienx iseħħilna naqrawha, ma kien ikun ġara xejn għax, brikkuni li konna, konna nivvintaw waħda minn żniedna jew inċamaw xi waħda li nkunu lħaqna tgħallimna bl-amment.

Niftakar darba wieħed tifel li nzerta li kellu l-fama ta' qarquċu li, bi żball, "l-erwieħ ta' l-Abbandunati" qraha "l-erwieħ ta' l-indannati" u Peppa ta' Tewma tatu daqqa ta' għonnella b'kemm kellha saħħa u b'saħna kbira qaltlu: "***L-indannuti d-dimunju mhux l-irwieħ, imsiekin***!" Sewwa jgħidu: tini l-fama u ixħetni l-baħar. Imsejken ta' tifel ... il-filagu kissru l-bajd! Minkejja li jien u hu konna ġġilidna fuq l-artal fuq min minna se jagħmel in-navetta taċ-ċensier waqt il-Barka, tħassartu għal dik id-daqqa hekk intortament. Fejn tafu xi tfaqqigħa għamlet!

F'pajjiżna, dan it-talb għall-erwieħ bil-buċċetta u t-tabella hu antik ħafna, tant li n-*Nihil Obstat* fuq il-kopja li għadha teżisti fl-Għasri, mogħtija mill-Kan. Salv Cumbo, Cens. Theol, iġġib id-data tal-31 ta' Awissu, 1874. Barra minn hekk din id-devozzjoni hija mżejna b'mitt ġurnata indulġenza, applikati għall-erwieħ tal-Purgatorju, mogħtija mill-Papa Piju IX (1846 – 1878).

**DMUGĦ L-ERWIEĦ**

L-annati ma jixxibħux. Hemm minnhom xotti bħall-frawli, u oħrajn miblula daqs marden jgħum ixxamplat fiż-żejt tal-musbieħ! Fi snin xotti, kien isir ħafna talb għax-xita fil-knejjes u wkoll fid-djar. Għan-nies ta' l-Għasri, li kienu fil-maġġoranza bdiewa, biex ma ngħidx irrink, ix-xita kienet il-ħajja jew il-mewt. L-inxief jikkawża biegħa fqira u għalhekk matmura qasira. Il-familji riedu jġebbdu u jġewżu kemm jifilħu biex il-ftit li jkollhom ilaħqilhom sal-ħsad ta' l-istaġun il-ġdid. F'bosta okkażjonijiet, l-aktar dawk irżiti u msikkmin, jiġifieri magħluba u dgħajfa, dan-nuqqas ta' nutriment kien jikkawża l-mard, u xi drabi wkoll il-mewt.

F'dawk is-snin ix-xotti fejn il-wiċċ kien ingħazi, jiġifieri jkun qed imut bil-għatx, u kienet tagħmel xi tikka xita qisha ferħ naħal, kemm taħsel it-triq, l-antenati tagħna hawn l-Għasri kienu jirreferu għal dox-xita bħala "dmugħ l-erwieħ". B'dan kienu jridu jfissru li l-erwieħ tal-Purgatorju, biex iwieġbu talbhom, minn-naħa tagħhom kienu qed jitolbu u jibku quddiem Alla biex jibgħat din ix-xita tant meħtieġa fuq l-art niexfa. Dik ix-xita tkun id-dmugħ ta' l-erwieħ waqt li jkunu qed jinterċedu għalihom quddiem it-tribunal divin!

**TIFFRISKA L-ERWIEĦ BL-ILMA TAL-BIR.**

Il-kult ta' l-erwieħ fl-Għasri kien tant b'saħħtu li lanqas temmen x'kienu jaslu jagħmlu n-nies biex jissuffragawhom. F'nofsinhar, meta x-xemx ħaddiela kienet tkun fil-karga tagħha, iz-zija Kelina Calleja (1895-1977), Alla jagħtiha l-Ġenna, kienet timla bomblu ilma frisk mill-bir tal-bitħa u, minn fuq il-pala t'idha, kienet troxx ħafna minnu fit-triq, quddiem il-bieb, u fis-setaħ ta' quddiem l-għorof, waqt li tinvoka t-talb 'l Alla b'suffraġju ta' l-erwieħ. Hawn l-Għasri qatt ma rajt lil ħadd aktar minbarra z-zija Kelina jipprattika din id-devozzjoni. Imma l-ħabib tiegħi Anton F. Attard, il-folklorista ewlieni Għawdxi, jgħid li din id-drawwa kienet ipprattikata wkoll ir-Rabat t'Għawdex. Nissuspetta li z-zija Kelina ġabitha l-Għasri mir-Rabat, fejn għamlet aktar minn kwart ta' seklu infermiera, l-aktar fil-*Victoria Hospital* – l-isptar il-qadim ta' Pjazza San Franġsik.

**IS-"SANTI TAL-MEWT" FL-GĦASRI**

Bħal kull ħaġa oħra ġdida, fl-Għasri, s-santi tal-mejtin damu biex qabdu. L-ewwel santa ta' din ix-xorta kienet dik li saret b'tifkira tal-Viċendarju

Dun Ġużepp Vella li miet nhar il-15 ta' Lulju, 1911. Imbagħad kellhom jgħaddu tmintax-il sena oħra biex ġiet it-tieni waħda – tifkira ta' Roża Saliba (tal-Bajdi) li mietet nhar id-29 ta' Marzu 1929. Imbagħad jerga' kellu jgerbeb diċenju ieħor biex xi ħadd jistampa t-tielet waħda – tifkira ta' Ġużeppi Zammit (Peppi ta' Ramond; missier Dun Ġużepp) li miet nhar it-2 ta Settembru, 1939.

Bejn il-bidu tat-Tieni Gwerra Dinjija (1939-1945) u l-1990, temp ta' ċirka nofs seklu, fl-Għasri għandhom xorti saru għoxrin tifkira b'kollox. Issa, mill-1990 'il hawn, dawn is-santi splodew u kienu biss il-waħdiet li ma għamlux.

(1) Vassalli, M.A. *Ktyb yl Klym Malti mfysser byl-Latin u byt-Talyan.* Romae, 1796

(2) De Soldanis, G.F. Agius, *Damma tal Kliem Kartaginis mscerred fel fom tal Maltin u Ghaudcin.* 1750, 4 volumi. Manuskritt

(3) Aquilina, Joseph, *Maltese English Dictionary.* Malta, 1990, 2 volumi

(4) Lejn l-aħħar tas-snin sebgħin tas-seklu l-ieħor, f'Għawdex beda joħroġ fuljett jismu BULLETTIN li kien jitqassam fil-parroċċi kollha. Kienet tieħu ħsiebu l-Kummissjoni Kateketika li kienet tinkludi fih tagħrif u materjal tajjeb. Imma l-parroċċi ndividwali kellhom post fejn iżidu tagħrif u materjal ieħor indirizzat direttament lill-parruċċani tagħhom.

(5) L-erwieħ ta' Wied Għammiq huma dawk mitfuna f'ċimiterju l-Kalkara li jmur lura sas-sena 1837 meta Malta nħakmet minn epidemija tal-kolera. Minħabba li l-fortizza tar-Rikażli ma baqgħetx tintuża għal skopijiet ta' difiża, biddluha bħala rikoveru għax-xjuħ. Dawn ġew ilkoll imniġġsa millmarda u l-katavri tal-vittmi, madwar 855, indifnu f'ċimiterju li rranġawh apposta. Hekk kif spiċċa l-flaġell, bdiet devozzjoni qawwija lejn dawn l-erwieħ u kull l-ewwel Tnejn tax-xahar bdew isiru pelligrinaġġi lejn dan iċ-ċimiterju.



Icolcom ħniena minni, almenu intom o ħbieb tighi. *Giob.*

TIFCHIRA GHAZIZA
TAS-SAC. DON GIUS. VELLA,
LI FIL GHASRI, GHAL 36 SENA
HADEM GHAL GID TA L'ERUIEH,
NGHAR L'GHERBA 5 TA LUGLIU 1911,
UARA MARDA L'IZIED KALILA
HALLA DAN IL UIED TAD-DMUH
BIT-TAMA LI IGAUDI LIL
CREATUR TIGHU.
R. I. P.
Gesù ghatiħ il mistrieħ ta dejjem
( Ind: ta 7 snin u 7 quarantini )



ID-DAUL TAL GENNA
O KALB HANINA TA GESÙ
GHAMEL LI JIDDI
FUK IR-RUH KADDISA TA
**ROSA SALIBA**
TA 77 SENA
MOGHNIA BIS-SAGRAMENTI
SA L'AHHAR NIFS TA HAJJTA
MARBUTA MAL VOLONTÀ T' ALLA
GHALKET IL GHAJNEIN TAHHA
GHAL DAN IL WIED TAD-DMUH
NHAR IL GIMGHA IL CBIRA
29 TA MARZU 1929
F'CASAL GHASRI - GHAUDEX
MIBCHIA MIN CULHAD.

Gesù, Maria, Giuseppi
*Ind. 7 snin u 7 quar.*

Collox ghalic o Kalb Sagratissima ta Gesù. *Ind. 300 giurnata.*



Laudato si mi Signore
per sora nostra morte...corporale.
ALLA CARA MEMORIA
DI
GIUSEPPE ZAMMIT
SERENAMENTE SPIRATO
NEL 50mo ANNO DI SUA ETÀ
A. C. GHASRI
ALL'ALBA DEL 2 SETTEMBRE 1939

La sposa, i figli, i genitori, i fratelli, ed i nipoti, domandano ai loro parenti ed amici una prece per il loro caro estinto.

Gesù, Maria, Giuseppe.
(Ind. 7 anni e 7 quar.)

# IT-TAQBIL
## FOLKLORISTIKU
# F'BORMLA
## U TAGĦRIF DWARU

(It-tieni parti)

**Angelo Dougall**

**Fil-kitba tiegħi li dehret fil-ħarġa numru 29 ta' l-Imnara (Vol.8, Nru.2, 2005) kont għidt li dak it-Taqbil li kien isir fil-Kottonera, l-aktar f'Bormla, daż-żmien donnu li ma baqa' ħadd li għadu jaf jagħmlu. F'din il-kitba nixtieq inkompli nagħti tagħrif fuq kif kien isir, u fuq ir-regoli (bla miktuba) tiegħu.**

Dan it-Taqbil folkloristiku, li fi tfuliti kont nisma' l-aktar f'Bormla, kien qisu għana mingħajr kitarri, u għana mingħajr ma dak li jkun jgħolli leħnu bil-mod li jgħollu leħinhom l-għannejja. Madankollu, xorta kien taqbil "spirtu pront".

Ħafna nies fil-Kottonera kienu jistmerru l-għana. F'dawk il-bliet kien hemm xi nies ftit jew wisq sofistikati, mogħtija għall-mużika klassika/romantika, u l-għana kienu jqisuh bħala tal-bdiewa, tal-kampanja, ta' l-irħula, ta' l-irziezet u tat-titottli (il-ħwienet tax-xorb il-baxxi). B'daqshekk ma jfissirx li ġol-bliet tal-Kottonera l-għana Malti ma kienx isir. Fil-fatt kien isir f'ħafna postijiet. Ġieli saru rapporti fl-għases tal-pulizija, u ġieli dehru xi ittri ta' kritika fil-gazzetti. Imma l-għana xorta baqa' jsir, fil-ħwienet tax-xorb u fit-toroq. Xi drabi kien jitwaqqaf għax jinqala' xi tilwim u ġlied u jkollha tidħol il-liġi. Għal xi nies, l-għana kien vulgari u jdejjaq. Tassew li mhux kull min jiftaħ ħalqu u ħanġrietu hu għannej! Xi wħud mill-għannejja kellhom leħinhom żgarrat u li jsawwat u jdejjaq il-widna. In-nies l-aktar li kienu joġġezzjonaw kien għal dak l-għana niggieżi li kien iġib it-tilwim u l-ġlied.

Imma dan ma nistgħux ngħiduh għat-Taqbil folkloristiku li qed nikteb dwaru; taqbil li kien isir bil-kwiet u bla ma jagħti fastidju lil ħadd. Kien isir fuq l-għatba tal-bieb ta' barra jew f'xi bitħa nterna, għad-difa u l-frisk ta' xi għaxija sajfija. In-nisa tad-dar kellhom it-Taqbil tagħhom. Kien jgħaddi minn ġenerazzjoni għall-oħra u jitgħallmuh bl-amment. Xi nisa tad-dar, imdawra b'uliedhom jew bil-qraba jew bil-ġirien, meta ma joqogħdux ipaċpċu bejniethom, kienu jehdew b'dat-Taqbil, biex jgħaddu ż-żmien sakemm jasal il-ħin għar-rużarju u għar-raqda ta' matul il-lejl. Dak iż-żmien kien hemm ċertu rispett għall-kwiet tal-ġirien minħabba l-għeluq ta' l-ambjent, f'dak l-iffullar u t-trassis ta' djar u kerrejiet, fejn kien hemm it-trabi, x-xjuħ u l-morda reqdin jew jistrieħu.

### IL-BARRAMA TAS-SIGARRI U T-TAQBIL.

Diġa' ktibt li l-brim tal-faxex tat-tabakk biex jinħadmu s-sigarri kien xogħol monotonu, ripetittiv u mekkaniku. Is-sigarri kienu jinħadmu bl-imqieta – il-barrama kienu jitħallsu skond kemm jobormu sigarri. Għax-xogħol kellhom bank magħmul apposta bil-garżelli, u fil-fabbrika kien ikun hemm jaħdmu daqs ħmistax-il lavranta. Nannti Vitor, "il-prinċipala" kienet taħdem tqatta' l-weraq tat-tabakk tal-Virġinja f'faxex tal-wisa' ta' sigarru. Nannti kienet taf il-ħajja tagħhom u tal-familja tagħhom, u kienet tagħdirhom fil-problemi u tgħinhom kif tista'. Il-ħajja morali ta' żmien ir-Reġina Vittorja baqgħet tiddomina l-ħajja ta' kuljum anke wara tant snin mill-mewt tagħha. Kienu żminijiet oħra!

Donnu li dan it-Taqbil kien "endemiku" għal Bormla biss. F'dawk is-snin ta' tfuliti u f'ħajti kollha, qatt ma smajtu mkien ieħor. Kif faqqet dik il-gwerra qalila, u ħarbtet u ferrxet lin-nies tal-Kottonera ma' Malta kollha, qatgħet u qatlet min jaf kemm folklor, leġġendi, drawwiet u għajdut li kienu magħġuna man-nies ta' dan il-lokal. B'hekk ħafna mill-folklor tal-Kottonera ntilef darba għal dejjem.

### KIF KIEN ISIR IT-TAQBIL

Kien hemm individwi tabilħaqq gwappi u maħluqin għat-Taqbil. Fosthom kien hemm min kellu leħnu tajjeb ukoll għall-għana. It-Taqbil kellu r-regoli tiegħu bla miktuba. Kienu jżommu s-suġġett li jintgħażel u t-Taqbil isir fuq l-istess suġġett. Kienet tidħol xi daqsxejn tal-pika, u xi mħatri kienu jsiru wkoll. Ma kinux jippermettu ripetizzjoni tal-kliem imqabbel. Ta' tifel li kont, kont nibqa' mistagħġeb kemm dawn in-nies kienu jafu jqabblu! Xi kliem 'l hinn u 'l hawn kien ikun qadim, bħal "mitralja", u jien ma kontx nifhmu.

It-Taqbil kien qisu maratona ta' min iqabbel l-aktar, u kien jinħtieġ vokabularju vast. Biċċa xogħol iebsa meta tqis li kollox kien isir "spirtu pront". Fost il-barrama tas-sigarri li kienu jaħdmu fil-fabbrika ta' nannti kienu jagħtu d-dritta lil Zolli tas-Sajjied għax hi kienet meqjusa li kellha l-akbar esperjenza u l-aktar li kienet taf tqabbel.

### L-GĦAŻLA TAS-SUĠĠETT

Is-suġġett kien jintgħażel bi ftehim bejn il-qabbiela. Kien hemm ħafna minn fejn tagħżel: id-dar (l-aktar suġġett favorit), il-ħut, il-fjuri, l-ikel/tisjir, il-kċina, u kull ħaġ'oħra li kienet tiġi f'moħhom. Jiddeċiedu u jibdew. Fil-biċċa l-kbira kienu jkunu Zolli tas-Sajjied u Ċensa l-Kalora; l-aktar tnejn kapaċi.

It-Taqbil kien isir ukoll fid-djar waqt il-ħasla, u kien jieħu preċedenza fuq l-għana, għax kif diġa spjegajt, minbarra li l-għana kien xi ftit mistmerr, kien hemm ir-rispett għall-kwiet.

Is-sura tat-Taqbil kien hekk (u din kienet regola):

L-ewwel tibda **Zolli:** A
Tkompli **Ċensa:** A
Terġa' **Zolli:** B
Tagħlaq il-kwartina **Ċensa:** B

Tibda l-kwartina **Ċensa:** A
Tkompli **Zolli:** A
Terġa' **Ċensa:** B
Tagħlaq **Zolli:** B

Terġa' tibda **Zolli:** A

... u jkomplu sejrin hekk.

Semmejt li fit-taqbil ġieli daħlet il-pika u saru l-imħatri. Fil-każ li waħda ma ssibx kelma taqbel u tissuġġerilha waħda l-qabbiela l-oħra, ta' l-ewwel kienet tagħti sigarru milli tkun barmet lil tat-tieni. Xi drabi kienu jargumentaw bejniethom u l-barrama l-oħra kienu jagħmluha ta' mħallfin. Madankollu kulħadd kien jibqa' ħabib u kienu jkomplu bit-taqbil. L-argumenti kien jinqalgħu fuq kliem bħal "ċana", li tista' tfisser kemm biċċa għodda tal-mastrudaxxa u kemm dak il-fdal li joħroġ mill-injam waqt l-inċanar.

Meta kont inkun il-fabbrika ta' nannti, kont immur fil-bieb tal-kamra tal-lavranti fejn in-nisa jkunu jibormu s-sigarri fuq il-bank tax-xogħol tagħhom. Ċensa l-Kalora u Zolli tas-Sajjied kienu jaħdmu faċċata ta' xulxin u għalkemm kienu rivali fit-Taqbil u fl-għana, kienu ħbieb sewwa, jiftiehmu u jingwalaw bejniethom. It-tnejn kienu nisa tal-familja, mdaħħlin fiż-żmien, u kienu jaħdmu biex jaqilgħu dik ix-xi ħaġa *extra*. Kont noqgħod fejn il-"Ma Vitor" (nannti Vitor) tkun tista' tarani waqt li kont noqgħod nisma' lil dawk in-nisa jgħannu. Kultant kont inħossni nidħol fija nnifsi bil-mistħija x'ħin Zolli kienet tgħidli: "Ejja qalbi ħalli nbusek waħda!" u kienet tinfexx tqabbilli xi għanja biex tfaħħarni biha. Mit-taqbil bqajt niftakar xi ftit strofi li ktibthom snin ilu meta l-memorja kienet għadha friska.

**Domna m'hix midalja,**
**Xkubetta m'hix mitralja,**
**Xemgħa m'hix blandun,**
**U bodbod m'hux muntun.**

**Żiemel m'huwiex ħmara,**
**Dota m'hix għamara,**
**Labra m'hix minċott,**
**U min jibni mhux iħott.**

**Xurban m'huwiex fis-sakra,**
**Tilqima m'hijex dakra,**
**Legliegi m'hux sakranazz,**
**U nemex m'humiex għazz.**

**Xabla m'hix ximitarra,**
**Bomblu m'huwiex ġarra,**
**Għekierex m'humiex bebbux,**
**U min hu għama m'huwiex trux.**

**Il-ħażin m'huwiex is-sewwa,**
**Min hu barra m'huwiex ġewwa,**
**Il-ħin għamel u l-ħin sar,**
**U issa nbewġu lejn id-dar.**

## AKTAR TAQBIL

Dari, fil-ħwienet tas-snajja' tat-Tarzna Rjali ta' Malta kien ikun hemm min jiddeletta sewwa bit-taqbil spirtu pront li kienu jsawru fuq is-sengħa tagħhom. It-taqbil kien isir fil-ħin ta' l-ikel. Kien taqbil fuq is-sengħa tal-ħaddieda, tal-mastrudaxxi u l-ħaddiema ta' l-injam, li dari kienet is-sengħa l-aktar imfittxija fil-bini tal-bastimenti u l-qxur tal-baħar.

Barra t-tarznari kien hemm familji li kellhom ġo djarhom ħwienet tal-manifattura, dik li fl-Ingilterra tar-Reġina Vittorja kienu jsejħulha *cottage industry*. Hawn Malta kellna ħafna minnhom: ebbanisti, ħaddieda, skrapan, ħajjata, kunzara, sillara, bennejja, eċċ. Fuq dawn is-snajja kien isir it-taqbil ukoll.

## L-ARGNU (bl-Ingliż *Capstan*)

Fit-Tarznari dari kien jitħaddem ħafna l-argnu. Madwar il-baċir kien hemm l-argni li magħhom jitqabbdu ċimi ħoxnin u ta' saħħa sabiex bil-mod il-mod jinġibed xi bastiment għal ġewwa l-baċir u jitqiegħed fuq il-posti. Kien xogħol iebes u ta' qsim id-dahar li kien iħalli l-ħaddiema ta' l-argnu mifluġin. Fl-Ingilterra kienu jitqiegħdu fuq l-argnu xi daqqaqa jħanxru l-vjolin waqt id-dawrien. Hawn Malta kienu jinqdew b'nies li leħinhom kien ċar u jwassal biex jaraw li x-xogħol isir sewwa u bil-galbu. Fost dawn l-irġiel niftakar lil wieħed li kien joqgħod l-Isla, imma kien minn Bormla, laqmu "l-Bronk" – Leli (Manwel) Casha, raġel ta' statura kbira, samrani, leħnu sod, ċajtier, dħuli, idaħħak u ferrieħi. Kellu ħabta għat-Taqbil, u waqt id-dawrien u t-tħaddim tal-argnu, xogħol li barra li kien iebes kien ukoll monotonu, Leli kien joqgħod jgħaddi kummenti ċajtiera u jqabbel biex b'hekk jehda lill-ħaddiema. Ħafna drabi kien ikun fi dwett mal-ħaddiema stess u jinbixhom biex isibulu kelma taqbel ma' xi kelma li jkun qal fit-taqbil tiegħu. B'dan il-mod kien iħaffef it-toqol u t-tbatija tax-xogħol fuq l-argnu. Il-Bronk ma kienx waħdu; kien hemm xi nies oħra li wkoll kienu jagħmlu dan. Fis-snin għoxrin ġot-tarzna ġiebu ferrovija biex tintuża għall-ġbid tal-bastimenti għal ġol-baċiri, u l-argnu ma baqgħax jintuża għal dan l-iskop. B'hekk inqatgħet tradizzjoni oħra marittima.

It-Taqbil kien ikun fuq ħafna suġġetti. Imma l-aktar fuq il-mistieri, ħidma u snajja' tat-tarzna. F'dawk il-ħwienet tax-xogħol kien ikun hemm uħud li jiddilettaw bit-taqbil biex bih jehdew waqt il-ħidma.

**Id-disinn fil-paġna li jmiss juri l-ħaddiema qed iħaddmu l-argnu.**




## TAQBIL FUQ IS-SENGĦA TAL-MASTRUDAXXA.

Din it-taqbila qalhieli missieri:
John Dougall fl-1949;
Bormliż li f'żgħozitu kien jaħdem ta' Mastrudaxxa.

Buttar m'hux mastrudaxxa,
Senduq m'huwiex kaxxa,
Garżella m'hix kexxun,
U gula m'hix bastun.

Balla m'hix bettija,
Tieqa m'hix gallarija,
Ġonta m'hix minċott,
U barmil m'hux patalott.

Lexxuna m'hix mannara,
Ċarruta m'hix tajjara,
Lostru m'hux verniċ,
U nkwatru m'hux gwarniċ.

Mejlaq m'huwiex mola,
Mazza m'hix mazzola,
Manku m'huwiex għant,
U mgħallem m'hux lavrant.

Loġġ m'huwiex persjana,
Tarġa m'hix indana,
Il-ponta m'hix ir-ras,
U travu m'hux pastaż.

Paspartun m'huwiex burdura,
Ċana m'hix serratura,
Gabarre` m'huwiex tilar,
U granpun m'hux musmar.

Xifa m'hix berrina,
Mus m'huwiex sikkina,
Żgorbja m'hix furmatur,
U skultura m'hix lavur.

Sellum m'huwiex skaluna,
Kanape` m'huwiex pultruna,
Puntal m'hux seratizz,
U l-goff mhux mastizz.

Parank m'hux tarjola,
Arblu m'hux antinjola,
Mazzetta m'hix martell,
U riegla m'hix invell.

Pedestall m'hux bradella,
Grada m'hix purtella,
Vina m'hix ingropp,
U mżegleg m'huwiex zopp,

Skalda m'hix xulliefa,
Barraxa m'hix ħaffiefa,
Panneġġ m'huwiex panew,
U kanolla * m'hix trofew

Morsa m'hix morsetta,
Siġġu m'hux banketta,
Bank m'huwiex bankun,
U skwerra m'hix kartabun.

Rixtellu m'huwiex xatba,
Ħatar m'huwiex ħatba,
Sega m'hix munxar,
U serrieq m'hux denb il-far.

Raspa m'hijiex lima,
Kont m'huwiex stima,
Dahar m'hux snien,
U min hu bieżel m'hux għażżien.

Tinda m'hix kannizzata,
Ġenb m'huwiex faċċata,
Gabina m'hix kamrin,
U trapan m'hux rebekkin.

Romblu m'hux lembuba,
Gabbana m'hix gabuba,
Guva m'hix gallinar,
U tqalfit m'huwiex xkatlar.

Zokk m'hux injama,
Qasba m'hijiex qama,
Linja m'hix pulzier,
U palk m'huwiex planċier.

Koxxa m'hix xambrella,
Tavla m'hix tabella,
Zokklu m'hux battent,
U liċi* m'hux punent*.

Vit m'huwiex skorfina,
Qanniċ m'huwiex vetrina,
Ħabel m'hux kurdun,
U kaless m'hux karettun.

Armarju m'hux xtilliera,
Dendiela m'hix spalliera,
Xifer m'huwiex lant,
U kawba m'hix linjusant.

Sodda m'hix kruċetta,
Gradenza m'hix twaletta,
Mejda m'hix artal,
U fejn hu mimli m'hux battal.

Qafas m'hux kajżella,
Komodina m'hix skambella,
Simna m'hix tbewwiq,
U fejn hu oħxon m'hux irqiq.

Taraġ m'hux skalapiża,
Fil m'hux ċaċċiża,
Saqaf m'hux suffett,
U nterzjar m'hux arkett.

Ċana m'hix varloppa,
Stokk m'huwiex stoppa,
Wiċċ m'hux qiegħ,
U l-imkisser m'huwiex sħiħ.

Ħanek m'huwiex xoffa,
Susa m'hijiex moffa,
Kamla m'hix tmermir,
U rbit m'huwiex tismir.

Raff m'huwiex xkaffa,
Skala m'hix staffa,
Wara m'hux quddiem,
U kull bidu għandu t-tmiem.

## AKTAR TAQBIL MINN BORMLA

Din it-taqbila kien qalhieli Mikiel Agius, Bormliż, fl-1971. Kienet titqabbel bejn ommu Ġovanna u l-ġara tagħha – għalkemm dawn ma kinux jaħdmu bħala barrama tas-sigarri. In-nisa tad-dar kienu jħobbu jqabblu bejniethom. Is-suġġett hu l-ħut li kienu jaraw jew jixtru mis-suq ta' Bormla. Fl-Isla wkoll kien hemm is-suq tal-ħut fix-xatt ħdejn il-pont tal-laneċ, mat-telgħa ta' San Ġiljan.

Brodu m'hux aljotta,
Ċerna m'hijiex spnotta,
Gringu m'hux paġell,
U ċervjola m'hix tumbrell

Sparlu m'hux imsella,
Kaħlija m'hix sawrella,
Rizzi m'hux imħar,
U siċċa m'hix klamar.

Murina m'hix sallura,
Tqaddid m'hux salmura,
Kavall m'hux gattarell,
U gandoffli m'hux arzell.

Sargu m'hux aċċjola,
Fanfru m'hux mazzola,
Lampuka m'hix awrat,
U lizz m'hux pixxispad.

Rajja m'hix rondinella,
Vopa m'hix arżnella,
Ħamiema m'hix garnaw,
U aringa m'hix bakkaljaw.

Qalfat m'hux gallina,
Inċova m'hix sardina,
Bubin m'humiex barbun,
U mulett m'hux mazzun.

Awwista m'hix qarnita,
Denċi m'hix mazzita
Ċippulatu m'huwiex bonn,
U trilja m'hijiex tonn.

Gabdoll m'hux kurazza,
Marlozz m'hux ċippullazza,
Ħaddiela m'hix buxiħ,
U ħut tal-wiċċ m'hux ħut tal-qiegħ.

***KANOLLA: fuqha jqiegħdu l-istatwa għat-tiżjin tal-festa; kelma djalettali.**

***LIĊI: Tip ta' njam iebes li jintuża fil-bini tal-bastimenti. Bl-Ingliż: *Holm's Oak***

***PUNENT: Ukoll tip ta' njam iebes li jintuża fil-bini tal-bastimenti. Bl-Ingliż: *Pine***

## It-Toponomastika t'Għawdex:

# Id-Dwejra u l-inħawi ta' madwarha

**Alex Camilleri**

Wara li fl-aħħar żewġ ħarġiet ta' *"L-Imnara"* tajna titwila l-ewwel lejn il-gżira ta' Kemmuna u mbagħad lejn it-tarf ta' Malta (sewwasew L-Aħrax tal-Mellieħa), issa jmiss lil Għawdex. Se nkunu qed nitħaddtu dwar id-Dwejra. Din il-biċċa mill-kosta Għawdxija ssaħħar kemm lill-Maltin kif ukoll lit-turisti, u tabilħaqq ġiet ukoll proposta uffiċċjalment bħala wirt dinji (teknikament imsejħa *"Candidate UNESCO World Heritage Site"*) minħabba s-sbuħija naturali u l-importanza ġeoloġika u ambjentali tagħha. F'dan l-artiklu se nitfgħu ħarsitna lejn xtut mill-isbaħ minfudin minn għerien kbar, lejn sisien għoljin li jdawruhom kemm mit-tramuntana kif ukoll min-nofsinhar, lejn il-widien fondi li jferrgħu għal ġo l-inħawi, u lejn forom ta' l-art tassew partikolari. Bħalma se naraw, Id-Dwejra hija wkoll waħda mill-ogħna rkejjen fejn tidħol it-toponomastika. Ma jonqsux lanqas xi kelmtejn antiki li tista' tgħid għadhom ħajjin biss fl-ismijiet qodma tal-post, u hemm saħansitra xi żewġ leġġendi ċkejknin ukoll.

### *It-Tieqa u ż-Żirka*

Tista' tgħid li kull min iżur id-Dwejra jibda l-mawra tiegħu mill-parkeġġ tal-karozzi li hemm taħt il-kappella pjuttost ġdida ta' Sant'Anna. Minn hawn minnufih tintlemaħ waħda mill-aktar veduti famużi t'Għawdex: ***It-Tieqa***, imsejħa wkoll ***It-Tieqa tad-Dwejra*** biex tingħaraf minn oħra bħalha (It-Tieqa ta' Wied il-Mielaħ) li tinsab fil-limiti ta' l-Għarb. Dawn iż-żewġ "twieqi" (għoljin xi tmien sulari l-waħda) huma l-akbar arkati naturali f'Għawdex, u fil-bqija tal-Gżejjer Maltin tiżboqhom biss l-Ħnejja li hemm ħdejn Wied iż-Żurrieq. Mhux ta' b'xejn li r-ritratti sbieħ tat-Tieqa tad-Dwejra spiss narawhom għall-bejgħ bħala kartolini, għalkemm ta' min igħid ukoll li t-Tieqa l-oħra ta' Wied il-Mielaħ illum isservi bħala bokka tad-dranaġġ, frott ta' proġett tas-sittinijiet li rnexxielu jħassar wieħed mill-isbaħ pajsaġġi ta' pajjiżna! Jekk tqabbel ir-ritratti li ttieħdu matul l-aħħar tletin sena tintebaħ li fis-snin sebgħin It-Tieqa tad-Dwejra tidher soda u tixbaħ lil bieb bil-blata ċatta, filwaqt li wara t-tmeninijiet ħadet għamla ta' ħnejja bis-saqaf għat-tond u bi ġnub irqaq. Dan minħabba li t-Tieqa tad-Dwejra qed tiġġarraf biċċa biċċa. Tassew ħasra, iżda huwa fatt magħruf li dawn l-iskulturi naturali għandhom għomor li xi darba jintemm ukoll, peress li l-mekkaniżmu naturali li joħloqhom fl-aħħar mill-aħħar jispiċċa biex jeqridhom hu stess. It-Tieqa rat il-bidu tagħha meta l-qilla tal-baħar miftuħ bdiet tgħawwar għar kbir ġol-blat żonqri, u billi sabet ras irqiqa (***L-Ixprun***, spiss indikat ħażin fil-mapep bħala *"Dwejra Point"*) nifdet minn naħa għall-oħra. Il-mewġ kompla jiekol il-blat u b'hekk it-toqba li ffurmat baqgħet dejjem tikber sa ma saret kif nafuha llum. Iżda mbagħad maż-żmien is-saqaf beda jċedi wkoll, megħjun mhux ftit mill-mewġ qawwi tal-majjistral li hawnhekk jaf ikun tal-waħx. Xi ritratti juru l-Ixprun nofsu mgħaddas taħt mewġ m'ogħla tliet sulari li jsawtu minn kull naħa...x'ma titheżżiżx it-Tieqa! Aktarx li meta s-saqaf tat-Tieqa jaqa' għal kollox, it-tarf ta' l-Ixprun jisfa' maqtugħ bħala skoll irqiq u għoli mifrud mill-art.

Ma jistax jonqos li t-Tieqa tislef ukoll isimha lill-inħawi ta' madwarha. Fuq il-blat għoli ta' warajha (***Fuq it-Tieqa***) tikber is-sempreviva (*Helichrysum melitense*), xitla salvaġġa li tinsab biss fil-punent t' Għawdex madwar id-Dwejra. Hawn ukoll jidhru xi kalati (*cart ruts*) antiki, kif ukoll ***Il-Borġ tas-Salvatur*** li huwa l-fdal ta' kappella medjevali li ilha sekli sħaħ imġarrfa. Ilum, għajr xi ħaġar kbir fil-post, għad baqa' biss l-isem, filwaqt li l-inkwatru titulari tal-kappella jingħad li qiegħed fil-knisja ta' l-Għarb. Minn Fuq it-Tieqa hemm veduta li ssaħħrek iżda li ma tgħoddx għal min jibża' mill-għoli, għax din l-art għolja b'sisien weqfin fuq iż-żewġ ġnub qisha xoffa dejqa li tifred il-ħofra fonda ta' ***Il-Qawra*** mill-baħar miftuħ lejn il-majjistral. Aktar ma nitbiegħdu mit-Tieqa, aktar ikomplu jogħlew is-sisien, u l-inħawi jibdlu isimhom għal **Fuq il-Qawra**. Minn hawn 'il quddiem inkunu ħriġna 'l barra mid-Dwejra u qrobna lejn ***Ta' Slima***; din il-parti tal-kosta narawha aktar 'il quddiem u għaldaqstant nerġgħu mmorru lejn It-Tieqa.

Insibu wkoll ***Taħt it-Tieqa***, fejn il-blat għoli jinżel ħesrem għal fuq daħla żgħira ta' baħar fl-irdoss tat-Tieqa. Mhix xi daħla kennija wisq, iżda jidher li l-għamla tagħha kienet biżżejjed biex iddubbatilha laqamha: ***Il-Għejbija***. Din il-kelma qatt ma nzertajtha band'oħra, iżda aktarx tfisser post fejn xi ħaġa miexja (ngħidu aħna, dgħajsa) qisha tinħeba wara ħarrieġa blat u għaldaqstant ma tibqax tidher minn kullimkien. Is-sajjied xiħ li semmihieli fl-1999 kien qed iħoss l-ittra "għ" (il-غejbija), kif dari kienu jitkellmu fid-djalett ta' l-Għarb. Din kienet l-unika darba li smajt dan id-djalett, filwaqt li fi tfulitu missieri (li huwa mill-Għarb) jiftakar in-nies tar-raħal iħossuha sew l-"għ": Il-غarb, l-imغażqa, *eċċ.* Il-ġenb l-ieħor tad-daħla, sewwasew faċċata t-Tieqa, huwa magħmul minn għonq irqiq ta' blat baxx mal-baħar (***Ix-Xriek***). Dan jinżel għal xejn għal xejn sa ma jgħib taħt wiċċ il-baħar, mnejn imbagħad titfaċċa sikka twila (***L-Iskuljetti***) li tibqa' ħierġa 'l barra lejn il-punent bi dritt l-Ixprun. Biswit is-sikka, il-baħar jiffonda f'daqqa billi l-ġenb tas-sikka mhux għajr sies taħt wiċċ l-ilma, u l-baħar baxx u jlaħħaq ta' fuq is-sikka huwa l-quċċata tiegħu.

Imkennija wara x-Xriek u l-Iskuljetti hemm bħal għadira ta' baħar tassew baxx, magħrufa bħala ***Iż-Żirka***. Skond id-dizzjunarju, it-tifsira ta' dil-kelma għandha x'taqsam mas-seduzzjoni, iżda hawnhekk forsi tidher imġebbda wisq. Fil-fatt, l-aktar spjegazzjoni loġika li sibt hija li l-isem tal-post huwa forma djalettali ta' "żerqa", aktarx minħabba l-lewn ċar tal-baħar, u fid-dizzjunarju t'Aquilina l-isem tarah miktub bħala "Iż-Żerqa". Jekk dan huwa tabilħaqq korrett, allura ta'

min ifakkar li f'Għawdex il-pronunċja ta' l-ittra "q" bħala "ka" l-aktar li tiltaqa' magħha huwa fix-Xewkija u fix-xlokk tar-Rabat madwar Għajn Qatet (jiġifieri ferm 'il bogħod mid-Dwejra). Għaldaqstant f'dan it-toponimu hija ħaġa pjuttost kurjuża. L-"għ" li tinħass (غ) fl-Għarb, l-"h" li tinħass (ه) fir-raħal tal-Mellieħa f'Malta, u l-"q" li tinħass bħala "k" (ق) fix-Xewkija jingħad li huma lkoll fdal ta' l-istess ilsien Malti kif kien mitkellem fl-imgħoddi meta kien jixbaħ aktar lill-Għarbi. U allura, l-isem "Iż-Żirka" aktarx ilu jintuża minn qabel ma l-"ka" sparixxiet mill-Għarb u l-inħawi tiegħu. Hemm ukoll ***Il-Wied taż-Żirka***, li jidher bħala wied żgħir li jinżel mill-parkeġġ tal-karozzi saż-Żirka nnifisha; il-ġnub tiegħu maqtugħin minn taħt u l-kwantità ta' tirxien kbar li għoddhom isodduh jindikaw li sata' fforma bħala għar kbir fil-baħar li mbagħad sfrondalu s-saqaf. Jidher li t-titlu kummerċjali *"Azure Window"*, isem ivvintat li llum naraw fil-fuljetti turistiċi u fit-tabelli tat-toroq minflok l-isem propju "It-Tieqa", beda bħala traduzzjoni ta' l-isem "Iż-Żirka".

Fiż-Żirka, sewwasew biswit ix-Xriek, hemm ukoll toqba fonda (***Il-Ħofra tal-Bidwin***), li hija fost l-aktar imkejjen imfittxija mill-bugħaddasa. Tinfed 'il barra lejn Il-Għejbija minn ġo ħnejja oħra mdaqqsa taħt il-baħar, tant li x-Xriek mhux għajr is-saqaf tal-ħnejja, filwaqt li fuq in-naħa ta' ġewwa tagħha għandha għar kemmxejn kbir u wiesa' li wkoll jinsab mgħaddas għal kollox. Fi tfuliti niftakar lil nannti tirrakkontali l-leġġenda ta' tliet bdiewa (jew "bidwin") li, wieħed wara l-ieħor, ittantaw jgħodsu bin-nifs għal ġol-ħofra u qatt ma dehru aktar; l-isem donnu tnissel minn dil-ġrajja. Minħabba nuqqas ta' għarfien u apprezzament tal-kultura lokali, l-isem propju tal-post bil-mod il-mod qed jintesa u minfloku qed jidħol dejjem aktar l-isem artifiċjali *"Blue Hole"*— ħlieqa ta' żminijiet reċenti li suppost tagħti togħma eżotika lill-fuljetti turistiċi. Ħasra!

### *Il-Qawra*

Fil-viċin, iżda max-xaqliba l-ġewwenija tal-parkeġġ, trejqa dejqa tniżżlek 'l isfel lejn ***Il-Qawra***, ħofra kbira u tonda mdawra b'sisien għoljin li mad-daqqa t'għajn tixbaħ lil xi kratèr. Fil-fatt, dan l-iskerz tan-natura tħaffer mill-ilma ħelu bħala għar daqsiex taħt l-art li mbagħad sfrundalu s-saqaf; għalhekk għandu għamla qisha borma kbira. Huwa, tista' tgħid, l-istess proċess bħal dak li naqax Il-Maqluba (qrib il-Qrendi f'Malta), iżda fil-Qawra il-ħofra hija saħansitra akbar, wisq eqdem, u qrib il-baħar. Maż-żmien, il-mewġ nifed minn ġos-sies li jkenninha mill-baħar miftuħ u għarraq l-aktar parti baxxa tagħha biex ifforma għadira ta' baħar kemmxejn baxx (reklamat għat-turisti bħala *"inland sea"*). Din l-għadira hija magħquda mal-kumplament tal-Mediterran permezz ta' mina naturali li tissejjaħ ***L-Għar tal-Qawra***, ***L-Għar tad-Dwejra***, jew ***It-Toqba tal-Qawra***. Dan l-iżbokk huwa kbir biżżejjed biex minnu jgħaddu dgħajjes żgħar, li jużaw Il-Qawra bħala kenn naturali. Anke meta x-xtut mikxufa tad-Dwejra jkunu milqutin mill-mewġ, fil-Qawra jkun hemm bnazzi żejt. Il-maltemp jaħkimha biss f'xi majjistralata tajba, meta l-ħalel jiġu eżatt faċċata ta' L-Għar tal-Qawra u għaldaqstant jibqgħu deħlin dritt għal ġo fiha. Kultant, dan ġieli jwassal biex jogħla mhux ftit il-livell ta' l-ilma, li jinqabad ġewwa għax ma jkunx jista' joħroġ kontra l-mewġ dejjem ġej. Il-kmamar qodma tas-sajjieda li hemm max-xatt ċagħqi tal-Qawra mhix l-ewwel darba li sfaw nofshom mgħarrqin taħt l-ilma. Fl-aħħar tletin sena, mal-ftit kmamar qodma mibnijin bl-istess ġebla tal-post u fi stil tradizzjonali, żdied ħafna bini ikrah u partijiet miċ-ċagħqija nksew bil-konkos, u b'hekk bdiet titnaqqar is-sbuħija unika tal-lokal. Ftit passi 'l bogħod mill-għar li semmejna, ġo l-istess għadira tal-Qawra, hemm għar ieħor ċkejken (***L-Għar tan-Nisa***) li ma jinfidx mal-baħar miftuħ; ġieli jkun mimli b'gambli rqaq li malajr tinduna bihom għax tgħidx kemm joqorsu!

### *Ix-xtut tal-punent*

Jekk terġa' lura lejn iż-Żirka, iżda did-darba tkompli miexi max-xatt lejn in-nofsinhar, tiltaqa' ma' medda mdaqqsa ta' salini tal-melħ, magħrufa bħala ***Il-Mellieħa*** jew ***Ta' Ġanan***. Ftit 'il bogħod hemm ukoll xi barrieri baxxi, illum mitluqa, mnejn tqatta' l-blat samm biex inbnew il-kmamar qodma tad-dgħajjes fid-Dwejra stess (fil-Qawra u fil-Port). Il-ġebel tagħhom jintgħaraf mill-ewwel mid-dehra ramlija tiegħu u mill-fossili kbar ta' rizzi ċatti (*Scutella subrotunda*) li jżewquh.

Fit-tarf tal-Mellieħa hemm ***Il-Blajta*** (ponta maħruġa 'l barra li tħares lejn l-Iskuljetti) u qribha jinsabu ***Il-Ħarxa*** (blata ċatta qisha mejda), ***Il-Ħalq tal-Blajta*** (xaqq żgħir fil-blat mal-baħar) u ***Maqgħad Raġel*** (xkaffa ċatta ma' xifer il-baħar). Ix-xatt ta' madwar il-Blajta huwa mfittex ferm mis-sajjieda tal-qasba. Moħbi f'rokna ftit aktar 'l hinn, hemm ***L-Għar ta' Ġanan*** jew ***L-Għar ta' Maqgħad Raġel***, fejn ir-raxx tal-baħar jogħla minn ġo toqba fis-saqaf meta jkun il-maltemp. U mbagħad imiss ħarrieġa oħra żgħira (***Is-Sider***) u, ftit 'il bogħod minnha, ***Il-Kamra tal-Melħ*** (kmajra qadima marbuta ma' l-użu tal-mellieħa li semmejna, li wkoll jidher li nbniet mill-istess ġebel tad-Dwejra).

Bi dritt L-Għar ta' Ġanan u Is-Sider, jinsab skoll imdaqqas, għoli madwar sular minn wiċċ il-baħar. Għandu l-ġnub weqfin u maqtugħin minn taħt, hekk li l-parti l-għolja tisporġi 'l barra. Isibuh bħala ***Il-Ġebla tal-Melħ***, inkella ***Il-Blata tal-Melħ***, ***L-Iskoll tal-Melħ*** jew ***Il-Mejda***. Minħabba li jintlaħaq sew mir-raxx tal-baħar, il-quċċata ċatta tiegħu għandha blat mill-eħrex, miżgħud b'ħofor żgħar (bejn ponot jaqtgħu qishom skieken) fejn jinġabar il-melħ wara li jinxfu l-agħdajjar ta' ilma baħar li jsibu ruħhom hemm fuq. M'hemmx dubju li dan wassal għall-ewwel tliet ismijiet, filwaqt li l-isem "Il-Mejda" huwa dovut għall-għamla ta' l-iskoll. Il-fliegu dejjaq li jifirdu mix-xatt huwa l-fdal ta' ħnejja naturali (bħat-Tieqa, imma iżgħar) li qabel ma ċediet kienet tgħaqqdu mas-Sider. Ftit metri 'l bogħod hemm skoll ieħor iċken u baxx mal-baħar; huwa t-tarf spuntat ta' sikka bi dritt Il-Kamra tal-Melħ u wkoll għandu aktar minn laqam wieħed: ***Il-Ġebla ż-Żgħira***, ***L-Iskoll iż-Żgħir*** jew ***Is-Siġġu***. Jidher li l-aħħar isem ħadu mill-pożizzjoni tiegħu, prattikament taħt l-iskoll ta' maġenbu, u żgur mhux għax il-blat salvaġġ tiegħu tajjeb biex tpoġġi fuqu!



p San Mitri/ Kap San Dimitri
Il-Qortin
Il-Hluq ta' San Mitri
Il-Hotba tal-Qasam
har tal-Bies/ Ghar il-Bies
Il-Qasam
Ix-Xiffa l-Hamra
L-Ghawdxija
Ix-Xaqqufija
nma/ Ir-Ras ta' Ċamma
Il-Hotba tal-Bies
Il-Wilġa
Tirxa/Is-Sikka tat-Tirxa
Wied ir-Rahab
Xatt ir-Rokku
Il-Maqjel
Ġebel it-Tirxija
Tat-Taraġ
Hlejjaq Libet
Tal-Borġ
Ghar Jahra
Ta' Mira
Ta' Wied ir-Rahab
Iċ-Ċint
Il-Kullana
Tal-Hellu
Il-Ġebel ta' Rexieqa
Il-Ponta tal-Hawt/ Tal-Hawt
Id-Dkieken
Tal-Gruzzjal
Halq Mannara
L-Ghar ta' Mannara
Ta' Feliċi
Tal-Kahla
Ta' Tejtu
Is-Sikka ta' Tejtu
L-Ghar ta' Tejtu
Ta' Slima
Il-Wita
San Lawrenz
It-Tieqa
Il-Qawra
Wied Ghorof
Wied Ġuno
Il-Hara tar-Rokon
Ta' Dbieġi
Wied Sôfar
Il-Qasir
Tat-Torri
Fuq tal-Bniet
Wied Pisklu
Il-Wied tal-Marġa
Wied il-Kbir
Ir-Ras tad-Dwejra
Tal-Ponta
Il-Mixta
Ta' Robba
Ta' Ghar Ilma
Il-Ġebla tal-Ġeneral
Il-Port
Il-Wied tal-Port
Ta' l-Ibraġ
Tal-Port
Ghajn Ghabdun
Taht il-Mixta
Ta' Birrix
Il-Ponta ta' Harrux
Ghar Ilma
Ta' l-Artal/ Il-Ġebla ta' l-Artal
Il-Hotba ta' Birrix
Ta' Spiteri
Ta' Ghajn Ghabdun
Tax-Xifer
Il-Wied ta' Birrix
Il-Wied ta' Kerrex
Il-Wied ta' l-Abbatija
Ta' Pawla
Ta' l-Abbatija
Wied Ilma
Il-Ġebel tax-Xurbebb
Ta' Bukkun
Ta' Kerrex
Ta' Saragun
Wied il-Mans
Ta' Habel Lazz
Ix-Xurbebb
Ta' Xrieha
Tal-Misrah
Tal-Qattara
Ta' Wied il-Mans
Ta' l-Imbert
Il-Wied ta' Gullu
Ta' Taht l-Ghadira
Id-Dejjaq
Il-Qortin
Tax-Xatba
Tal-Ġonna
Kap Bumbarda/ Ras il-Wardija/ Il-Pinnur tal-Wardija/ Il-Kap
It-Turretta
Qasam Ben Ġorġ
L-Ghadira/ L-Ghadira ta' Sarraflu
Il-Wardija
Tal-Knisja
Ġebel Ben Ġorġ






Il-Wilġa
Ta' Slima
Il-Wita
Ta' Mrasbiet
L-Ghar tal-Barba
Tal-Mejdiet
L-Ghar in-Niexef
L-Ghar tal-Qawra/ L-Ghar tad-Dwejra/ It-Toqba tal-Qawra
Fuq il-Qawra
Ta' Wied Merill
Il-Wiċċ
Ghar ix-Xih
Fuq it-Tieqa
Ta' l-Ghansar
Wied Merill
It-Tieqa/ It-Tieqa tad-Dwejra
Il-Borġ tas-Salvatur
L-Ghar tan-Nisa
Il-Qawra
L-Ixprun
Il-Ghejbija/ Taht it-Tieqa
Ix-Xriek
L-Iskuljetti
L-Umbrella
Ta' Hanwija
Il-Hofra tal-Bidwin & Iż-Żirka
Wied Ghorof
Il-Harxa
Il-Wied taż-Żirka
Il-Blajta
Il-Halq tal-Blajta
Il-Mellieha/ Ta' Ġanan
Maqghad Raġel
Ta' Wied Sôfar
L-Ghar ta' Maqghad Raġel/ L-Ghar ta' Ġanan
Il-Ġebla tal-Melh/ L-Iskoll tal-Melh/ Il-Blata tal-Melh/ Il-Mejda
Is-Sider
Wied Sôfar
Il-Kamra tal-Melh
Il-Ġebla ż-Żghira/ L-Iskoll iż-Żghir/ Is-Siġġu!
Il-Qattara
Fuq tal-Bniet
L-Ghawejna
Ta' Karuzzini
Bejn il-Ġebliet
Il-Barriera
It-Taraġ tal-Bniet
Tat-Tuta
Il-Halq
Iċ-Ċnus
Il-Hofra
Wied il-Kbir
Il-Qasir
L-Iskoll tad-Dwejra/ L-Iskoll il-Kbir/ Il-Baqra/ Il-Kukkudrill/ L-Iskoll
Ta' l-Ilsna
It-Torri tad-Dwejra/ It-Torri
L-Irdum
Ta' l-Ghassa
Id-Dejjaq tar-Ras
Ir-Ras tad-Dwejra/ Ras id-Dwejra/ Ir-Ras
Il-Misjad
L-Ghar l-Iswed/ L-Ghar tas-Salib
Tal-Port
Il-Ġebla tal-Ġeneral
Il-Port/ Il-Qala tad-Dwejra
Ghar il-Bumarini
Il-Wied tal-Port
Il-Hoġor
Il-Ponta ta' Harrux
Il-Menqa ta' Kurrat
Il-Mejda ta' Harrux & Il-Mellieha ta' Harrux
Il-Wied ta' Birrix
Is-Sisien
Ta' l-Artal/ Il-Ġebla ta' l-Artal
L-Ghawejna
Il-Hotba ta' Birrix
Il-Wied ta' Kerr
Ta' Harrux
Ta' Pawla
Ta' Bukkun
Tal-Misrah

Minn hawn 'il quddiem, ix-xatt jieħu bixra ta' żurżieqa li mill-baħar togħla lejn *Iċ-Ċnus*, fejn jispikka *It-Torri tad-Dwejra* (jew sempliċement *It-Torri*). Dan kien inbena mill-Università fis-Seklu XVII, matul il-ħakma tal-Gran Mastru Lascaris, sabiex titjieb l-għassa kontra l-furbani. Matul din il-parti tal-plajja niltaqgħu ma' għadd ta' posti tas-sajjieda: ***L-Għawejna***, ***Il-Barriera***, ***Il-Ħalq***, ***Il-Ħofra***, ***Ta' l-Ilsna*** u ***L-Irdum***. Il-kelma "għawejna" hija d-diminuttiv ta' "għajn", u tabilħaqq hawn naraw il-blat sewdieni bil-ħażiż u dejjem imxarrab matul ix-xitwa bħal donnu hemm xi nixxiegħa żgħira. Il-posta l-oħra Ta' l-Ilsna ħadet isimha mis-snien ta' klieb il-baħar li jinsabu bħala fossili ġol-blat u li n-nies issejħilhom "ilsna ta' San Pawl". Jekk inħarsu madwarna, naraw li l-plajja nnifisha ssegwi nofs ċirku li jibda mis-sikka tal-Ġebla ż-Żgħira (lejn it-tramuntana) u jintemm f'ponta tawwalija u dejqa lejn in-nofsinhar. ***Ir-Ras tad-Dwejra*** (jew **Ir-Ras**) hija din, u mhux it-tarf tat-Tieqa kif juru xi mapep; l-idjaq parti tagħha tissejjaħ ***Id-Dejjaq tar-Ras***. Warajha tispikka ***Il-Ġebla tal-Ġeneral***.

Hemm ukoll ***L-Iskoll tad-Dwejra***, imsejjaħ ukoll ***L-Iskoll il-Kbir***, ***Il-Baqra***, ***L-Iskoll***, jew (isem aktarx reċenti) ***Il-Kukkudrill***. Din il-blata baxxa hija maqtugħa 'l barra ħafna mix-xatt u l-baħar miftuħ għal kollox madwarha huwa popolari fost il-bugħaddasa, għalkemm tista' tgħid jintlaħaq biss b'dgħajsa. Il-fetħa wiesgħa fil-baħar bejn l-Iskoll tad-Dwejra u l-Ġebla ż-Żgħira ukoll għandha isimha: ***Bejn il-Ġebliet***. Jekk tħares mill-għoli, tintebaħ li l-Iskoll tad-Dwejra u l-Ġebla ż-Żgħira fil-fatt kienu jkomplu mal-plajja mdawra ta' taħt it-Torri u li flimkien kienu jiffurmaw ix-xifer ta' ċirku kbir bil-qiegħ tiegħu mgħaddas taħt l-ilma. Iċ-ċirku m'hu xejn inqas minn ħofra oħra kbira li tixbaħ lill-Qawra kemm fit-tiswir tagħha kif ukoll fid-daqs, ħlief li tinsab taħt il-livell tal-baħar bejn l-Iskoll tad-Dwejra u l-art. Il-baħar ta' ġo fih jissejjaħ ***Il-Qasir***, għax il-qiegħ huwa inqas fond mill-ibħra ta' madwar, iżda xorta waħda bilkemm temmen li dan ix-xatt maħkum mill-mewġ kien is-saqaf sfrundat ta' għar li naqqxu l-ilma ġieri!

## *Il-Port u l-Ġebla tal-Ġeneral*

Malli taqbeż ir-Ras tad-Dwejra, titfaċċa waħda mill-isbaħ irkejjen tal-gżira Għawdxija: ***Il-Port***, jew kif ġieli jissemma f'xi kitbiet qodma, ***Il-Qala tad-Dwejra***. Din id-daħla kbira u tonda bi ġnub tabilħaqq għoljin ukoll għandha għamla ta' borma fonda, u bħalma tista' tobsor, l-istorja ġeoloġika tagħha tixbaħ ħafna lil tal-Qawra u 'l tal-Qasir. Bħala xenarju, hija saħansitra l-isbaħ minnhom ilkoll, kemm minħabba li s-sisien jidhru ogħla mad-dawra kollha kif ukoll għax l-ambjent bilkemm huwa mittiefes mill-id qerrieda tal-bniedem. Hawnhekk ma tarax karozzi, u ssaltan il-ħemda. L-istess bħall-Qawra u l-Qasir, il-ħofra li dari kienet taħt l-art inzertat qrib il-baħar u maż-żmien il-baħar faqagħlha l-ġenb (f'dal-każ minn żewġ bnadi man-naħa tal-punent), u mlieħa bl-ilma. Il-fetħiet kbar li minnhom nifed il-mewġ imbagħad waqagħlhom is-saqaf (l-istess bħalma qed jiġri lit-Tieqa bħalissa) u l-blat għoli li kien hemm bejniethom tħalla waħdu fin-nofs bħala skoll m'ogħla sittax-il sular, imdawwar bil-baħar. Dan nafuh bħala ***Il-Ġebla tal-Ġeneral***, isem li f'xi kitbiet jidher mibdul f'***Ħaġret il-Ġeneral*** jew ***Ras il-Ġeneral***. Jista' jkun li l-isem "Ras il-Ġeneral" fil-fatt jirreferi għall-quċċata ta' l-iskoll jew inkella għal xi waħda mit-tliet ponot li dan l-iskoll jagħti għal fuq il-baħar, aktar milli għall-iskoll sħiħ.

Il-Ġebla tal-Ġeneral hija aktarx l-aktar parti famuża tad-Dwejra, tant li narawha tissemma f'ħafna kitbiet li uħud minnhom jeħduna lura lejn Żmien il-Kavallieri. L-istorja tal-Ġebla tal-Ġeneral hija marbuta ma' xitla rari, l-għerq sinjur jew għerq il-ġeneral (*Cynomorium coccineum*), li tikber fuqha. Skond id-drawwiet ta' dawk iż-żmenijiet, dan l-"għerq" kienu jaħsbu li kellu valur mediċinali kważi maġiku, u kien preġjat l-aktar bħala duwa għal kull xorta ta' mard li kellu x'jaqsam mad-demm jew mal-fertilità. Illum nafu li dawn l-ideat ftit li xejn għandhom valur xjentifiku, u jekk toqgħod tqis, mhumiex għajr superstizzjonijiet ibbażati fuq tixbiħ imġebbed. Ngħidu aħna, ġaladarba joħroġ sugu ħamrani meta tagħsar ix-xitla, allura jfejjaq id-demm......u l-immaġinazzjoni dwar il-forma tawwalija tax-xitla ma naqsitx lanqas! Imma dak iż-żmien, l-awtoritajiet tant kienu jqisuh bħala ħaġa ta' valur li l-post kien mgħasses sew u min kien jinqabad jaqta' minnu jew jixxabbat mal-Ġebla tal-Ġeneral kien jissogra piena ta' qdif forzat fuq ix-xwieni ta' l-Ordni. Aktarx li l-isem tal-post ifakkar ir-rabta mal-ġeneral tax-xwieni, u did-darba anke l-ismijiet li jidhru f'kitbiet barranin (*"Fungus Rock"*, *"Scoglio del Fungo"*, eċċ) għandhom xi bażi storika għax tnisslu mit-twemmin żbaljat li din ix-xitla stramba hija tip ta' faqqiegħ. U, bħas-soltu, fil-mapep u t-tabelli Maltin aktar naraw l-isem barrani minn dak bil-Malti! Dettall ieħor interessanti marbut ma' l-istess ġrajja, li tant kien jolqot lill-pitturi ta' l-imgħoddi, kien pont tal-ħabel li dari kien jgħaqqad it-tarf tat-tramuntana ta' l-iskoll mar-Ras tad-Dwejra. Il-pont ilu li spiċċa, iżda kemm fuq Ir-Ras kif ukoll fuq il-blat għoli tal-Ġebla tal-Ġeneral għadhom jidhru l-ħofor maqtugħin fil-blat fejn kien imqabbad il-pont. Fil-għoli, fuq ix-xaqliba l-ġewwenija tal-Ġebla tal-Ġeneral għad hemm ukoll taraġ u għar żgħir li kien inqata' fil-blat bħala kamra għall-kenn mill-maltemp. Pariġġhom hemm għar ieħor ftit 'il bogħod mid-Dejjaq tar-Ras, li jgħidulu ***Ta' l-Għassa***.

Mal-ġenb tar-Ras tad-Dwejra hemm ***Il-Misjad,*** mejda ta' blat ċatt li tagħti għal fuq il-Port. Din il-kelma, li fid-dizzjunarju t'Aquilina tidher bħala "masjad" hi n-nom mimmat li jfisser "post mnejn tistad". Aktar 'il ġewwa, fl-aktar rokna kennija tal-Port, hemm skal għad-dgħajjes b'għadd żgħir ta' kmamar qodma maqtugħin fil-blat biswitu; dawn jintlaħqu minn taraġ li jinżel mas-sies minn ħdejn it-torri. Il-ġebel imdaqqas ta' l-ilqugħ li jkennen l-iskal mill-punent u l-lbiċ jidher li nqata' mid-Dwejra stess. Jekk inkomplu nduru mal-Port, naslu ħdejn iż-żewġ bokok ta' ***Għar il-Bumarini***, għar kbir fil-baħar illi kieku kellna narawh fuq pjanta, qisu l-ittra "H". Dan l-għar joqtor l-ilma ħelu mis-saqaf tiegħu u jidher li huwa magħmul minn żewġ għerien

tal-baħar minfudin minn għar dejjaq li tħaffer mill-ilma ġieri u li ġie qisu traversa bejniethom. L-isem ta' l-għar huwa kurjuż għax juri li hawn fl-imgħoddi kien igħix il-bumarin jew monka. Dan l-annimal rari li bl-Ingliż isibuh bħala "Mediterranean monk seal" u bit-Taljan bħala "bue marino" jew "foca monaca" (mnejn ħa ż-żewġ ismijiet bil-Malti) illum tista' tgħid li minn pajjiżna nqered għal kollox. L-isem ta' dan l-għar naraw oħrajn bħalu ħdejn Ħondoq ir-Rummien f'Għawdex stess (Ta' Bumbarin) u f'bosta gżejjer Mediterranji oħra (ngħidu aħna, Grotta dei Bovi Marini f'Lampedusa, Cala del Bue Marino f'Pantelleria, Grotta del Bue Marino f'Favignana, Grotta del Bue Marino f'Filicudi, u Le Grotte del Bue Marino ħdejn Cala Gonone f'Sardegna). Jidher li llum għeb minn dawn l-imkejjen kollha.

Bejn iż-żewġ bokok ta' Għar il-Bumarini hemm bħal kanal wieqaf misluħ fil-blat li jinżel mill-quċċata tas-sies sal-baħar. Hawnhekk fix-xitwa jinżel l-ilma tal-***Wied tal-Port***, kif spjegat aktar 'il quddiem. F'rokna fil-qrib, hemm ***Il-Menqa ta' Kurrat***, daħla ċkejkna fil-baħar b'għar żgħir fuq ġewwa; ma nafx jekk l-isem għandux x'jaqsam max-xitla tal-kurrat jew inkella ma' l-isem Kurrad (Corrado). Minn hawnhekk, il-blat jogħla saħansitra aktar u jsibuh bħala ***Is-Sisien***. X'imkien fil-blat għoli ta' l-inħawi hemm ukoll ***L-Għawejna*** (mhix l-istess Għawejna ta' ħdejn it-torri), li sajjied xiħ kien indikahieli bħala għar żgħir bil-ħamiem. Fl-aħħarnett, hemm is-salini naturali li kienu jsejħulhom ***Il-Mellieħa ta' Ħarrux***, fejn il-melħ kien jinġabar fil-ħofor naturali ta' wiċċ il-blat. Dawn qegħdin fuq ħarrieġa baxxa u ċatta taħt is-sies (***Il-Mejda ta' Ħarrux***) li tintlaħaq biss mill-baħar. It-tarf ta' din il-ħarrieġa, jew aħjar ***Il-Ponta ta' Ħarrux***, iħares lejn il-Ġebla tal-Ġeneral u jagħlaq il-Port min-naħa tal-Ibiċ. Minn hawn 'il quddiem jerġa' jitfaċċa l-baħar miftuħ. L-isem ***Ta' Ħarrux*** narawh ukoll fl-artijiet fil-għoli sew li jiddominaw Il-Port min-naħa tan-nofsinhar u li minnhom saħansitra l-Ġebla tal-Ġeneral tidher ċkejkna taħtek.

***Is-sisien lejn in-nofsinhar tad-Dwejra...***

Wara l-Ponta ta' Ħarrux, jibda ***Il-Ġebel tax-Xurbebb***, ħajt ta' blat tassew għoli li jaqta' dritt ċomb għal ġol-baħar bħallikieku maqtugħ b'sikkina. Hawnhekk, il-kelma "ġebel" hija fis-singular u tfisser muntanja jew art għolja. F'Għawdex tintuża l-aktar għal meded twal ta' sisien għoljin mal-baħar (ngħidu aħna, Ġebel ta' Ċenċ u Ġebel ta' Sannat), u anke f'Malta l-vjaġġ bil-baħar minn taħt Ħad-Dingli igħidulu "Mal-Ġebel".

L-ewwel sies maħruġ 'il barra ftit 'l hinn mill-Ponta ta' Ħarrux isibuh bħala ***Ta' l-Artal*** jew ***Il-Ġebla ta' l-Artal***, u skond xi kittieba l-għerq sinjur jikber hawnhekk ukoll. Imbagħad imiss lil ***Ta' Pawla***, posta oħra tas-sajd, u b'kumbinazzjoni (jew le?), ir-raba' ftit aktar 'il fuq igħidulu ***Ta' San Pawl***. Wara din il-posta, għandna ***Ix-Xurbebb***, fejn is-sies jidħol ftit lura u hemm għar fil-baħar; fuq din id-daħla hemm ukoll għar ieħor żgħir fil-għoli li tidħol għalih billi tinżel minn toqba fl-art. Fuq Ix-Xurbebb u Ta' Pawla, hemm ukoll għolja tawwalija li xifirha jsegwi l-Ġebel tax-Xurbebb bħal tarġa oħra li tifred tarf is-sies mill-art li tħares għal fuqu. Din igħidulha ***Il-Qortin***, u tiġbor fiha l-artijiet ***Ta' Bukkun*** u dawk Ta' San Pawl li diġà semmejna. Fit-tarf tal-Qortin, titfaċċa ħotba żgħira saħansitra aktar fil-għoli (***It-Turretta***) li tisporġi 'l barra direttament għal fuq ix-xifer tal-Ġebel tax-Xurbebb. Din isimha magħha, għax dari aktarx li kien hawn xi torri qadim li llum jinsab imġarraf ħal kollox għajr għal xi erba' ġebliet tal-pedamenti u bir imsaqqaf bil-ħnejjiet li qabel kien taħt il-binja tat-torri. Bejn it-Turretta u s-sies ta' taħtha kulma hemm xkaffa blat (***Id-Dejjaq***) ta' madwar pied u nofs wisa' mnejn tista' timxi max-xifer, iżda Allaħares tieħu pass falz għax għandek garanzija li tkejjel l-ogħla sies tal-Gżejjer Maltin, madwar ħamsin sular minn wiċċ il-baħar!

Il-Ġebel tax-Xurbebb iwassal sa ***Kap Bumbarda***, inkella ***Ras il-Wardija***, ***Il-Pinnur tal-Wardija*** jew ***Il-Kap***. Flimkien ma' Kap San Mitri, Ras in-Newwiela u Ras il-Qala, dan huwa wieħed mill-irjus (jew kapijiet) ewlenin t'Għawdex, u fuq mappa jidher qisu l-geddum tal-gżira. L-isem "wardija" huwa taħsira tal-kelma Taljana "guardia" u niltaqgħu miegħu f'ħafna postijiet oħra f'Malta u Għawdex (u saħansitra f'Kemmuna) li lkoll qegħdin fil-għoli u għalhekk kienu jintużaw għall-għassa. U jsejħulu "pinnur" kemm għall-forma tal-ponta dejqa tiegħu kif ukoll minħabba li espost ħafna għall-irjieħ. Qrib it-tarf hemm ukoll il-fdalijiet ta' santwarju Puniku importanti, fosthom għar u żewġ ġwiebi mdaqqsin (ilkoll maqtugħin fil-blat) u xi ħitan mikulin. F'Kap Bumbarda, il-kosta tikser f'daqqa u jibda sies kbir ieħor, ***Ġebel Ben Ġorġ***, li jwassal sax-Xlendi. Minn hawn 'il quddiem, id-Dwejra ma tidhirx aktar.

***...u dawk tat-tramuntana***

Id-Dwejra hija l-unika art baxxa fil-punent t'Għawdex, u s-sisien li jmissuha mit-tramuntana (jiġifieri minn wara t-Tieqa u l-Qawra) ma tantx jagħmlu għajb lill-oħrajn tan-nofsinhar li għadna kemm rajna. L-eqreb partijiet tagħhom huma popolari wisq għall-mawriet bid-dgħajsa. Malli tħalli t-Tieqa, l-ewwel ma tara huwa ***Għar ix-Xiħ***, għar kbir iżda mhux fond wisq, imbagħad hemm ħarrieġa li jgħidulha ***Il-Wiċċ*** minħabba l-fattizzi li tnaqqxu fil-blat mill-elementi. Warajhom jiġu tliet għerien kbar: L-Għar tal-Qawra (li diġà għdna xi ħaġ dwaru), ***L-Għar in-Niexef*** u ***L-Għar tal-Barba***. Ta' min igħid li L-Għar in-Niexef m'huwa niexef xejn għax qiegħed fil-baħar, iżda ħa ismu minn xkaffa blat ġo fih li qegħda 'l fuq mill-ilma. U "barba" xi jkun? Dil-kelma llum qajla għadek tismagħha, imma missieri jiftakarha tintuża sabiex "ħu l-missier" minn "ħu l-omm": wieħed kien barba u l-ieħor ziju. Ħjiel ieħor ta' dak il-Malti qadim li qed igħib...

Is-sies ikompli jdur u jogħla, u f'***Ta' Slima*** jitfaċċa wkoll it-tieni stroff matul il-quċċata tas-sies ewlieni, bħal fil-każ tal-Qortin ħdejn Kap Bumbarda. L-art għolja ta' fuq l-istroff tissejjaħ ***Il-Wita***, u magħha jkomplu wkoll l-artijiet ***Ta' Feliċi*** u ***Tal-Kaħla***. Minn ħdejn Ta' Slima tispikka ħarrieġa b'mina naturali fil-baħar (***L-Għar ta' Tejtu***) li tinfidha minn naħa għall-oħra; madwarha

hemm sikka żgħira (***Is-Sikka ta' Tejtu***) u anke s-sies innifsu isejħulu ***Ta' Tejtu***. Minn hawn, il-kosta terġa' tilwi qisha qaws u hija magħrufa bħala ***Il-Ġebel ta' Rexieqa***. F'dan il-ġebel insibu ***L-Għar ta' Mannara*** (għar ieħor imdaqqas fil-baħar) u ***Ħalq Mannara*** (xaqq kbir fil-faċċata tal-blat), it-tnejn li huma msemmijin għal kunjom qadim. Maġenbhom hemm ***Id-Dkieken*** (plural ta' "dikkiena"), aktarx imsemmi hekk għal xi xkafef ta' blat fl-irdum, u fit-tarf nett ***Il-Ponta tal-Ħawt*** (jew ***Tal-Ħawt*** biss) fejn il-ġebel idur kartabun u jibdel ismu għal ***Ġebel it-Tirxija***. Jekk mill-Ponta tal-Ħawt inħarsu lura lejn id-Dwejra, naraw li l-plajja donnha numru "3"— nofs tond mit-Tieqa sal-blat maħruġ 'il barra f'Ta' Tejtu, u nofs tond ieħor matul Il-Ġebel ta' Rexieqa— b'faċċati weqfin mad-dawra kollha. Xi esperti jsostnu li hawnhekk għandna quddiemna l-fdal ta' żewġ ċrieki oħra ġganteski (wisq akbar u aktar fondi mill-Qawra, Il-Port u l-oħrajn bħalhom) magħqudin ma' xulxin, u li din il-ħofra b'għamla ta' numru "8" maż-żmien damdmuha l-forzi tan-natura sa ma ħallew biss nofsha. Jekk għall-bidu din it-teorija forsi tidher xi ftit imġebbda, malajr naraw li sewwasew fil-kisra tal-Ponta tal-Ħawt il-faċċata tas-sies tixbaħ lil ġenb ta' skutella u għandha s-saffi tal-blat mgħawġin; hawnhekk m'hemmx dubju li hija l-biċċa li baqa' minn għar sfrundat li safa mħanxar mill-proċessi ta' erożjoni matul eluf ta' snin. Dan id-dettall huwa spjegat fi ktieb interessanti fuq il-ġeoloġija ta' Malta li nħareġ ftit snin ilu. Ladarba meta ssawret din il-ħofra ma kinitx mal-baħar, Alla biss jaf sa fejn kienet twassal l-art f'dawk iż-żmenijiet! Tabilħaqq it-tiswir tad-Dwejra u l-inħawi tagħha huwa marbut minn rasu sa saqajh mal-qawwiet ta' l-għaġeb tan-natura, li tonqox, tkisser u tilgħab bil-blat żonqri bla ebda tbatija!

Malli ddur mal-Ponta tal-Ħawt, issib ***Il-Kullana*** u ***Iċ-Ċint*** (żewġ posti tas-sajd) imbagħad jispikka ***Għar Jaħra*** u l-blata kbira mal-bokka tiegħu. Mnejn tnissel l-isem stramb ta' dan l-għar ma nafx: min igħidu li għax kultant jaqa' l-ġebel mis-saqaf, min igħid li għax is-sajjieda u l-barklori jidħlu fih biex jaqdu l-ħtiġijiet tagħhom, u min igħid li minħabba d-dehra tal-bokka ta' l-għar minn fuq il-baħar...... insomma, kulħadd joħroġ verżjoni għalih u diffiċli tgħid min qed iħarref u min għandu raġun. Li hu żgur hu li wara l-bokka kemmxejn dejqa hawn jistaħba wieħed mill-akbar għerien tal-Gżejjer Maltin; għandu għoli (minn ġewwa) ta' ħafna sulari u huwa twil ġmielu, tant li skond leġġenda lokali huwa għar kważi bla tarf. Sakemm tasal sa ġewwa (bil-mixi, għax il-qiegħ tiegħu qiegħed ftit 'il fuq minn wiċċ l-ilma) tħossok tassew ċkejken ġo żaqq l-art!

Fil-qrib tinsab ***It-Tirxa***, jew ***Is-Sikka tat-Tirxa***, fejn il-baħar huwa baxx minħabba blata li toħroġ minn taħt is-sies madwar sular u nofs taħt l-ilma; din tat ukoll isimha lis-sisien li jiddominaw l-inħawi (Ġebel it-Tirxija). Din il-blata u t-tirxien li hemm fil-qiegħ biswitha huma mfittxija mill-bugħaddasa u jingħad li l-baħar ta' madwarhom jagħmel ħafna lizz. Magħha hemm għar dejjaq mal-livell tal-baħar u ieħor imdaqqas taħt il-baħar, iżda bħala daqs lanqas biss jibdew ħdejn l-għar li għadna kemm semmejna. Meta taqbeż It-Tirxa, titfaċċa ***Ir-Ras ta' Ċamma*** u għar ieħor kbir, imlaqqam ***Għar il-Bies*** jew ***L-Għar tal-Bies***. Bejn Għar Jaħra u dan l-għar, jissemmew għadd ta' posti mnejn isir is-sajd bil-purċellat, fosthom ***Tal-Borġ***, ***Ħlejjaq Libet***, ***Tat-Taraġ***, ***Xatt ir-Rokku***, ***Ta' Ċamma***, ***L-Għawdxija*** u ***Ix-Xoffa l-Ħamra***. Wara posta oħra msejħa ***Il-Ħluq ta' San Mitri*** u l-artijiet għoljin ta' ***Il-Qasam*** u ***Il-Qortin***, fl-aħħarnett tasal f'***Kap San Mitri*** (jew ***Kap San Dimitri***). Dan huwa t-tarf nett tal-Gżejjer Maltin lejn il-majjistral, u ssib quddiemek baħar miftuħ fid-direzzjonijiet kollha, tant li xi studji jindikawh bħala l-aktar xatt espost fil-gżejjer. Malli ddur ma' Kap San Mitri, is-sies jerġa' jikser lejn il-lvant u jerġa' jinfetaħ xenarju mill-isbaħ. Iżda x'imkien trid taqta' linja, u għaldaqstant għalissa nieqfu hawn.

***L-intern u l-widien***

Għal ġol-Qawra jferrgħu wkoll tliet sistemi ta' widien. L-ewwel waħda tiġbor ilmijietha minn wara r-raħal ta' San Lawrenz, sewwasew minn ***Ta' Mrasbiet***, ***Il-Wilġa***, ***Tal-Mejdiet***, ***Ta' l-Għansar*** u ***Ta' Wied Merell***. Minn dawn l-artijiet, l-ilma jaqleb għal ġo wied baxx jismu ***Wied Merill*** (illum imtertaq bil-barrieri), li mbagħad jikser f'daqqa qisu minkeb, jifnâd, u jibdel ismu għal ***Wied Għorof***. Sewwasew qrib siġra kbira tat-tin magħrufa bħala ***L-Umbrella***, it-tarf ta' Wied Għorof idur ma' għolja żgħira ħamranija (li fil-fatt hija borġ għoli ta' ħamrija iffossillizzata jew aħjar "depożitu Kwaternarju") u jibqa' nieżel għal ġol-Qawra.

It-tieni wied, ***Wied Sôfar***, jintlemaħ malli taqbad in-niżla minn San Lawrenz lejn id-Dwejra. Huwa kemmxejn akbar minn Wied Għorof, u jsegwi linja dritta bla ma jserrep. Jirċievi l-ilma tax-xaba' mill-egħlieqi ***Ta' Ħanwija***, ***Tad-Debba***, ***Tal-Foqra***, ***Tat-Tuta***, ***Ta' Karuzzini*** u ***Ta' Wied Sôfar***, li mill-lbiċ ta' San Lawrenz jaqbilqu għal ġo fih. Meta jasal max-xifer tal-Qawra, Wied Sôfar ma jinżilx sal-qiegħ iżda jbattal ilmijietu mill-għoli. Qrib dan il-wied hemm ukoll ***It-Taraġ tal-Bniet***, li kien parti mill-mogħdija qadima li kienet tagħti lejn id-Dwejra qabel ma nfetħet it-triq ewlenija li naraw illum, u li għandu leġġenda ta' swied il-qalb marbuta miegħu. Jingħad li tliet tfajliet żgħar, ulied ir-rgħajja, kienu jġibu l-merħla tirgħa hawnhekk, iżda darba żbarkaw il-furbani, ħatfuhom u ħaduhom fil-jasar. Il-blat ta' madwar igħidulu ***Fuq tal-Bniet***.

Ferm akbar hija s-sistema tal- ***Wied il-Kbir***, li tibda mill-bogħod u għandha ħafna friegħi. Jekk narawhom fuq fuq, insibu li ***Wied il-Mans*** (li jibda minn wara l-irħajjel ta' Santa Luċija) u ***Il-Wied ta' Gullu*** (li jinżel mit-triq ta' l-Għadira ta' Sarraflu) jingħaqdu biex jiffurmaw ***Wied Ilma***, wied twil li jibda baxx iżda bil-mod il-mod isir dejjem aktar fond. Għal ġo Wied Ilma jċarċar ukoll wied ċkejken u wieqaf misqi minn ***Għajn Għabdun*** (nixxiegħa li tibda minn taħt l-għolja ta' ***Il-Mixta***). Aktar lejn it-tramuntana, nsibu li ***Il-Wied tal-Marġa*** (bejn l-għoljiet ***Ta' Dbieġi*** u ***Ta' Għar Ilma***) u ***Wied Ġuno*** (bejn Ta' Dbieġi u San Lawrenz, sewwasew taħt ***Il-Ħâra tar-Rokon***) jingħaqdu flimkien u jiffurmaw ***Wied Pisklu***, li għandu

pendil qawwi u malajr isib ruħu fond u bi ġnub weqfin. Taħt ħarrieġa ta' blat imlaqqma *Tal-Ponta*, Wied Ilma u Wied Pisklu jiltaqgħu u jiffurmaw il-Wied il-Kbir, li minn hawn ikompli bħala ħondoq fond u dejjaq li qajla jserrep. Fuq Tal-Ponta, fil-għoli tispikka l-għolja tal-Mixta b'sensiela ta' għerien baxxi (jew imxieti) fil-faċċata tagħha, li kienu abitati fil-preistorja.
Lejn tmiemu, il-Wied il-Kbir jgħaddi minn taħt żewġ pontijiet ħdejn it-Taraġ tal-Bniet; l-ewwel pont jerfa' t-triq ewlenija tad-Dwejra, filwaqt li t-tieni pont kien parti mill-mogħdija l-qadima. Imbagħad, l-istess bħal Wied Sôfar, meta jasal sax-xifer wieqaf tal-Qawra jsawwab l-ilma mill-għoli bħala ċarċara, għal ġo għadira żgħira u ħelwa li tinsab taħtha. ***Il-Qattara***, kif isejħulha din l-għadira, iżżomm l-ilma matul is-sena kollha għax minbarra l-ilma tal-wied hemm ukoll nixxiegħa żgħira li tatha isimha. Għaldaqstant toffri wkoll ambjent rari, fejn l-aktar li jolqtuk huma ċ-ċikkuġwiebi u l-mazzarelli (*damselflies* u *dragonflies*) ta' kull lewn u daqs, li jittajru fuq l-ilma. Meta tfur il-Qattara wara xi xita tajba, l-ilma jkompli għaddej matul kanal baxx mimli siġar tal-virgi (*Vitex agnus-castus*) li jaqsam il-qiegħ tal-Qawra sa ma jsib il-baħar; ma' dan il-kanal tal-Wied il-Kbir jingħaqdu wkoll il-bokok ta' Wied Sôfar u Wied Għorof.

Hija mdaqqsa wkoll is-sistema ta' widien li tferra' għal ġol-Port. Hawn naraw tliet widien— ***Il-Wied ta' l-Abbatija***, ***Il-Wied ta' Kerrex*** u ***Il-Wied ta' Birrix***— li jinżlu mill-art għolja ta' madwar ***L-Għadira ta' Sarraflu*** sa ma jingħaqdu mal-Wied tal-Port aktar 'l isfel. Dawn il-widien igħaddu qrib ħafna ta' xulxin, tant li huma mifrudin biss minn promontorji dojoq bħal ***Ta' Kerrex*** u ***Il-Ħotba ta' Birrix***. Il-barrieri li tħaffru fl-artijiet ***Ta' Birrix***, ***Tal-Misraħ***, ***Tal-Qattara*** (mhix l-istess Qattara li hemm mat-tarf tal-Qawra), ***Ta' Ħabel Lazz***, ***Ta' l-Abbatija***, ***Ta' l-Imbert***, ***Ta' Xrieħa*** u ***Ta' Taħt l-Għadira*** ħolqu sfreġju sħiħ f'dawn l-inħawi, u f'xi bnadi s-sura tal-wied għadha tingħaraf biss mill-egħlieqi mtarrġin ta' madwar jew minn xi ringiela qasab li ssegwi l-miġra ta' l-ilma. Aktar 'il fuq hemm ukoll L-Għadira ta' Sarraflu, jew kif igħidulha l-Kerċmin, ***L-Għadira***, isimha magħha. Din hija bħal oasi naturali oħra ta' ilma ħelu, akbar mill-Qattara, li tixref minn ħofra mdaqqsa fl-art u żżomm l-ilma minħabba l-qiegħ u l-ġnub taflin tagħha. Aktarx li hawnhekk għandna għar ieħor naturali sfrundat, għalkemm jingħad li sar ukoll xi tħaffir fl-imgħoddi biex l-għadira tfanndet. Hawn ukoll ipaxxuk il-mazzarell ikkulurit li jittajjar qalb ix-xtieli tawwalin tal-buda u s-siġar tal-bruk li jżewqu l-inħawi.

***Il-Wied tal-Port*** innifsu huwa kemmxejn stramb. Ir-ras tal-wied, bl-egħlieqi mtarrġin ***Ta' Spiteri***, tinsab qrib ta' Wied Ilma tant li hemm biss xoffa dejqa ta' art għolja li tifridhom; din l-art igħidulha ***Ta' l-Ibraġ***, aktarx minħabba żewġ ħotbiet ċkejknin fil-quċċata tagħha. Minn hawn, qiegħ il-wied jaqa' f'daqqa u jsir wiesa' donnu banju bi ġnub baxxi iżda weqfin dawramejt. Fil-fatt, il-baċir sħiħ tal-wied mhux għajr "dolina" oħra enormi (hekk jissejħu l-ħofor ġeoloġiċi bħall-Qawra u l-Port), għalkemm aktar baxxa u xi naqra tawwalija u mfattra. Għal xi raġuni, madwar id-Dwejra nsibu mhux biss l-akbar dolini tal-Gżejjer Maltin (ferm akbar mill-Maqluba u l-oħrajn li semmejna fl-artikli ta' qabel) iżda wkoll numru ta' l-għaġeb minnhom ilkoll f'post wieħed u tista' tgħid imissu ma' xulxin. Hemm xi seba' b'kollox f'dawn l-inħawi. Fil-każ tal-Qawra u l-Wied tal-Port, naraw ukoll li dawn il-ħofriet kbar naturali ikkundizzjonaw mhux ftit il-formazzjoni tal-widien ta' madwar u għaldaqstant kellhom sehem importanti fit-tifsil tax-xaqliba tal-punent t'Għawdex. Fit-tarf tiegħu, Il-Wied tal-Port jieqaf ħesrem u jferra' ilmijietu mill-għoli għal ġol-baħar. Fix-xitwa, hawn ikun hawn ċarċara għolja u tassew sabiħa, li tinżel f'żewġ qabżiet, peress li hemm tarġa (***Il-Ħoġor***) f'nofs is-sies li jifred Il-Port mill-wied ta' fuqu.

## *Egħluq*

Bħalma rajna, fid-Dwejra nsibu toponomastika varjata, u ma satax jonqos li din tkun magħġuna ħaġa waħda ma' l-ambjent mill-isbaħ li n-natura ħolqot hija u tilgħab bil-blat. Il-karattru uniku li din it-taħlita mżewqa tagħti lill-inħawi għandna ngħożżuh u nħarsuh l-ewwelnett kontra t-taħsir ta' l-ambjent, għax anke fid-Dwejra nibtu xi ġrieħi serji, l-aktar minħabba l-bini, il-barrieri, u l-irfis bil-karozzi fuq il-blat 'il hinn mit-toroq. Daqstant ieħor huwa meħtieġ għarfien u apprezzament aħjar tal-wirt kulturali, inkluż dak lingwistiku; kultant tieħu l-impressjoni li t-turisti li jżuruna kappaċi japprezzaw il-wirt kulturali tagħna ferm aktar minna. Għalxiex għadna sal-lum nagħmlu ħilitna biex noħonqu l-laqmijiet tal-post li ssawru matul sekli sħaħ u nibdluhom ma' ismijiet artifiċjali, bħallikieku l-identità lokali hija xi ħaġa tal-misthija? Hija ħaġa raġunata u siewja li s-sbuħija tal-post ikollha wkoll valur ekonomiku, b'danakollu jekk neqirdu r-ruħ naturali u kulturali ta' dawn ix-xtut, anke l-kwalità tal-prodott turistiku ssir superfiċjali u ta' kafkaf. S'issa, is-seħer tad-Dwejra għadu hemm, u kull rokna għad għandha mhux biss il-bixra naturali iżda wkoll storja sħiħa x'tirrakkonta. Iżda minn lenti kulturali, id-Dwejra nkunu qed noqtluha meta nibdew insarrfuha fi "blue hole", "inland sea", "crocodile rock", "azure window" u imbarazz bħal dan li jwaqqagħha għal-livell ta' post kummerċjali bħal ħafna oħrajn.

Nagħlaq billi nrodd ħajr lil kull min għenni niġbor l-informazzjoni għal dan l-artiklu, b'mod partikolari lil qrabati ta' l-Għarb u lil Dr Anton Bugeja. U nerġa' nistieden ukoll lil min għandu xi tagħrif ieħor biex jaqsmu magħna.

## *Riferenzi*


1. Agius de Soldanis, Giovanni Pietro Francesco (Sek. XVIII). *Il Gozo Antico e Moderno, Sacro e Profano.* Verżjoni maqluba għall-Malti minn Mons. Ġużepp Farrugia (1936): *Għawdex bil-Ġrajja Tiegħu*; Edizzjoni "facsimile" maħruġa mill-Fondazzjoni Belt Vittorja (1999).
2. Aquilina, Joseph (1987). *Maltese-English Dictionary.* Midsea Books Ltd.
3. Attard, Anton (1991). Mill-Ħajja ta' l-Imgħoddi: Tagħrif Folkloristiku minn Għawdex.
4. Bartholomew Malta & Gozo Holiday Map (bla data). HarperCollins Publishers (ISBN 0-7028-3538-2).
5. Bezzina, John. (1951). *Ix-Xtajtiet t'Għawdex.* The Gozo Year Book 1959. The Social Action Movement (Gozo).
6. Bezzina, Joseph. (1991). *Forty Legends from Gozo.* Gaulitana 9. Publikazzjonijiet Bugelli.
7. Bezzina, Joseph. (1994). *Forty More Legends from Gozo.* Gaulitana 13. Publikazzjonijiet Bugelli.
8. Formosa, P. (1973). *A History of Gharb.* Teżi tal-B.A. (Università ta' Malta).
9. Lanfranco, Guido. (1960). *Cynomorium coccineum Linn.— A Maltese Historical Plant.* Melita Historica Vol. 3 (1).
10. Pedley, Martyn; Hughes Clarke, Michael & Galea, Pauline (2002). *Limestone Isles in a Crystal Sea: The Geology of the Maltese Islands.* PEG Ltd.
11. Zammit-Ciantar, Joe (2000). ***The Placenames of the Coast of Gozo (Malta)***


*Komunikazzjonijiet personali:*

1. Michael Camilleri "tal-ġambo" (missieri, mill-Għarb), snin '70-00
2. Salvu Camilleri "tal-ġambo" (zijuwi, mill-Għarb), snin '80-00
3. Zolla Camilleri (nannti, mill-Għarb), snin '70-'80
4. Frans Farrugia (minn Ħal Għaxaq), snin '90.
5. Edwin Lanfranco, 2006
6. Franco Mercieca (mill-Għasri), 1990
7. Custò "tal-padi" (mill-Għarb; barklor id-Dwejra), 1998
8. Vince Attard (Nature Trust), jikkwota sajjieda tal-lokal fl-2004.
9. Barklori (anonimi) fil-Qawra, waqt żjarat bid-dgħajsa fl-1989, 1993, 1996 u 1999.
10. Barklori/sajjieda (anonimi) fix-Xlendi, 2000.
11. Sajjieda (anonimi) bil-qasba jew bin-nases fid-Dwejra (Il-Blajta, Il-Mellieħa u Maqgħad Raġel) fis-snin 1993, 1996, 1999 u 2001.

# ĦSIEB L-ILMA ĠIERI FIL-BIRGU
## TA' L-IMGĦODDI

**Anton Attard**

**Fl-imgħoddi, l-aktar fi żmien l-ordni ta' San Ġwann, il-biża' ta' xi assedju mill-Misilmin kien iġiegħel lill-mexxejja tal-poplu jieħdu ħsieb li xi ħażniet ta' bżonnijiet essenzjali ma jkunu neqsin qatt. Minn ta' quddiem fost dawn kien l-ilma.**

Għalkemm wara l-Assedju ta' l-1565, il-Kavallieri bnew u marru fil-Belt Valletta, l-importanza strateġika tal-Birgu baqgħet li kienet qabel. Kienet ħaġa ċerta li, għal darb'oħra, jista' jkun il-mira ta' l-għadu. Għalhekk kien jinħtieġ li din il-belt ikollha dejjem għall-lest il-bżonnijiet essenzjali għall-għejxien ta' l-abitanti, f'każ li jingħalqu l-bibien tas-swar minħabba xi ħbit.

Il-provista ta' l-ilma kienet minn ta' quddiem f'moħħ l-amministraturi u spiss kien isir stħarriġ biex jaraw il-qagħda ta' dan il-prodott essenzjali. Stħarriġ ta' din l-għamla kien sar f'Mejju ta' 1645 mill-Gran Prijur ta' Alvernja, Fra De La Viriville. Dan kien ħalla rapport iddettaljat ħafna dwar il-qagħda tal-ħażniet ta' l-ilma li kien hemm fil-Birgu ta' dak iż-żmien.

**SITT GĦEJUN TA' L-ILMA ĠIERI**

Fl-istħarriġ li għamel, il-Gran Prijur iltaqa' ma' sitt nixxiegħat ta' ilma, li dwar kull waħda minnhom ħalla tagħrif iddettaljat għall-aħħar. Fir-rapport li ħejja, għamilha ċara li f'dawn il-bjar ma jidħolx ilma tax-xita, iżda jimtlew biss bl-ilma ġieri li jnixxi mill-vini fil-blat.

L-ewwel waħda li żar kienet *f'Xatt ix-Xwieni* (illum ix-Xatt ta' Sant' Anġlu jew ta' San Lawrenz). Din kienet fid-dar ta' Geo Domenico Bonnici, Alfier tal-Birgu. L-ilma kien jinġabar f'bir fond tletin xiber, għalkemm dakinhar li rah kien fih biss erbatax-il xiber ilma. Għalkemm l-ilma ma kienx tal-kwalita' mixtieqa, il-Prijur iddikjara li kien tajjeb għall-ħasil u biex jinxtorob mill-bhejjem.

Mhux bogħod wisq minn din, fi *Triq San Lawrenz*, kien hemm nixxiegħa oħra. Din kienet fid-dar li kellu Nardu D'Armeni, mikrija lil Gużeppi Camilleri. L-ilma li joħroġ minnha kien jispiċċa f'bir fond sittax-il xiber. Għalkemm dan kien xi ftit salmastru, f'każ ta' ħtieġa seta' jinxtorob ukoll u seta' jintlaħaq mit-triq faċilment.

Ftit 'il fuq, fi *Triq ta' Lhud*, li parti minnha għadha teżisti sal-lum, fid-dar ta' Dun Klement Attard, Fra Viriville qal li eżamina bir li jimtela bl-ilma ġieri. Għalkemm il-bir kien fond tnejn u tletin xiber, meta rah hu kellu biss sitt ixbar ilma. Kien ilma frisk, ħelu, u tajjeb għax-xorb. Il-ħerża tal-bir kienet tintlaħaq mit-triq li kien hemm fuq wara tad-dar.

Fl-istess triq, f'dar li kien jgħammar fiha Kristoforo Mino', De La Viriville jgħid li kien hemm nixxiegħa oħra. L-ilma li joħroġ minnha kien jinġema' f'bir fond erbgħa u għoxrin xiber; għalkemm kien jasal biss f'livell ta' sitt ixbar. L-ilma kien joħroġ kotran tant, li l-ekwipaġġ tax-xini Kapitana, wara jum sħiħ itellgħu minnu, baqa' ma tbattalx. Il-kavallier żied jirrapporta li għalkemm l-ilma kien ftit salmastru, iqisu tajjeb biex jintuża għat-tisjir, għall-għaġna tal-ħobż, u biex jixorbuh il-bhejjem.

Ħażna oħra ta' ilma ma kenitx 'il bogħod wisq minn dawn it-tnejn. Din kienet taħt id-dar, propjeta' tal-knisja ta' San Lawrenz, bieb ma' bieb ma' l-imħażen li kien għad għandu l-Ordni fi Triq Monserrat. Il-ħerża tal-ġiebja kienet tista' tintlaħaq mit-triq. Ingħad li din ġiet imbarrata sbatax-il sena qabel, wara li fiha kienet intefgħet u għerqet mara. Iżda wara li ġiet eżaminata, fuq ordni ta' De La Viriville, inkixfet mill-ġdid. Instab li l-ġiebja kienet fonda erbgħin xiber u wiesgħa daqs għoxrin oħra. L-ilma kien fond biss erbat ixbar. Instab li dan kien ilma frisk, ħelu u tajjeb għax-xorb. Iżda billi kienet ilha magħluqa għal dan iż-żmien kollu, ingħata parir li, wara li titnaddaf mill-materjal li kien inġabar fiha, titħalla miftuħa għall-arja, biex toħroġ l-umdita'.

Nixxiegħa oħra li qanqlet ċerta kurżita', kienet dik li spezzjona l-Gran Prijur fid-dar ta' Filippu Casbor, fi triq li indikawha bħala *'l isfel mal-ġenb tal-Palazz ta' l-Inkiżitur*. Din tista' tkun dik li llum hi *Triq il-Lbiċ*. Hawn l-ilma kien jinġama' f'ħofra fonda erbatax-il xiber bi tlieta oħra wiesgħa. Għalkemm l-ilma qatt ma naqas, ma kienx iżomm fl-istess livell. Waqtiet kien jogħla u f'oħrajn jitbaxxa. B'hekk, tqieset li ma tistax torbot fuqha. L-ilma fiha tqies tajjeb għat-tisjir, għal xi għaġna, u għall-

bhejjem. Għalkemm il-ħofra, jew bir, kien fil-bitħa tad-dar, f'każ ta' ħtieġa seta' jintaħaq faċilment minn barra t-triq.

Tgħid l-avvanzi fit-teknoloġija u x-xjenza tal-lum jistgħu jwasslu għas-sejba jew il-konferma ta' uħud minnhom?

## Bibliografija


Librerija Nazzjonali – Ms. Vol. X, ff.729-732


## GĦADHOM HEMM ILLUM?

Tul dawn it-350 sena, fil-Birgu sar tibdil kbir u mhux għalkemm tażżarda taħseb fejn dawn l-għejun setgħu kienu. Iżda meta tkellimt ma' xi anzjani, uħud minnhom jiftakru diversi pompi li bihom kienu jtellgħu l-ilma fi ċkunithom.

Semmewli waħda qrib id-dar ta' l-Arċipriet. Jista' jkun li hawn, fl-antik, seta' kien hawn id-dar ta' l-Alfier Bonnici.

Jiftakru oħra fejn *Triq Sant' Anton* tiltaqa' ma' *Triq il-Palazz tal-Gvernatur*, viċin il-Pjazza. Allura, din tista' tkun dik ta' Kristofru Mino' jew ta' Dun Klement.

Oħrajn semmew pompa oħra fi *Triq il-Lbiċ*, kantuniera ma' *Triq il-Papa Alessandru*. Ma tridx wisq biex din tkun dik li kellu f'daru Filippu Cosbor.

Pompa oħra li semmewli kienet in-naħa tax-xaqliba magħrufa bħala *l-Imġarraf*. Tgħid din kienet dik fid-dar ta' Nardu d'Armeni?

Kien hemm pompa ttella' l-ilma n-naħa tal-*Pjazzetta*, qrib il-knisja ta' Monserrat. F'din ix-xaqliba hu magħruf li l-Ordni kellu xi bini, fosthom il-Palazz tal-Gran Mastru u miegħu probabbilment xi mħażen ukoll. Allura jista' jkun li hawn kien hawn in-nixxiegħa li fil-ġiebja tagħha kien għarrqu lil dik il-mara.



**TRIQ IL-LBIĊ - In-naħa t'isfel tal-Palazz ta' l-Inkiżitur, fejn l-anzjani jiftakru pompa ttella' l-ilma. Fuq ix-xellug dar antika li tista' tkun dik ta' Filippu Cosbor**

# KITBA TA' QABEL IŻ-ŻWIEĠ

George Cilia

F'din il-ħarġa ta' l-Imnara se nurikom kif kienet issir kitba ta' nutar fis-snin għoxrin; kitba miktuba minn idejn in-nutar, bit-Taljan, u bil-bolli postali skond il-liġi – f'dal-każ bolli tas-sitt ħabbiet - li jidhru mwaħħlin f'kull paġna.

Maria Bezzina, armla ta' Ġorġ Bezzina, dehrilha li l-isbaħ rigal għal bintha Lorenza qabel iż-żwieġ għandu jkun dar il-Birgu fejn bintha jinħtiġilha tgħammar meta tasal għall-ħajja miżżewġa. Dan il-post imsemmi fil-kuntratt iġib in-numru Erbgħa u Ħamsa; dar u ħanut, magħrufa bħala "id-dar tal-kurċifiss", fi Triq Brittannika, il-Birgu. Il-kurċifiss hu msemmi fl-istorja għax quddiemu kienu jsiru l-eżekuzzjonijiet bit-tgħalliq qabel is-seklu sittax.

Din il-kitba, li saret qabel iż-żwieġ, tidher li ma kinitx maħsuba biex tfakkar lill-għarajjes (bħalma kien jingħad fl-imgħoddi) x'se ġġib magħha l-għarusa, jew x'se jwiegħed u jġib miegħu l-għarus, jew liema festi għandhom igawdu wara r-rabta taż-żwieġ. Xejn minn dan, iżda l-aktar ħaġa meħtieġa: dar imdaqqsa fejn jgħammru l-miżżewġin l-ġodda, kif kienet ix-xewqa tagħhom u kif kien irid Alla. Kundizzjoni waħda jingħad li għamlet Maria Bezzina: dik li bintha Lorenza tibqa' tgħix il-Birgu issa li kienet tgħarrset ma' ġuvni minn Bormla. Din il-proposta intlaqgħet bil-ferħa miż-żewġ naħiet. Intant, Lorenza u Ġużeppi Cilia ingħaqdu fis-sagrament taż-żwieġ nhar l-Imnarja ta' l-1928, u kellhom żewġ ulied: George u Victoria. Imma fil-11 ta' Ġunju 1940, il-ħajja familjari, kwieta u serena, intemmet ħesrem. Dakinhar sar esodu, u l-Birgu tbattal minn niesu, li fittxew kenn in-naħa ta' fuq ta' Malta, kif għamilna aħna wkoll, kaġun ta' gwerra qerrieda li damet is-snin, b'konsegwenzi ta' qsim il-qalb, telf ta' proprjeta', u mwiet ta' ċittadini Maltin.


Il dì sedici maggio mille nove cento venti otto.
Innanzi me Notaro Salvatore Cauchi ed alla presenza dei testimoni noti ed idonei si sono costituiti personalmente.
Da una parte la Signora Maria vedova di Giorgio Bezzina figlia del fu Gio Batta Borg nata e residente in Vittoriosa.
E dall'altra la Signorina Lorenza sua figlia celibe, e figlia del detto fu Giorgio Bezzina, nata e residente in Vittoriosa.

A me noti.
Per questo atto pubblico la prenominata Signora Maria vedova Bezzina spontaneamente vende e trasferisce alla predetta Signorina Lorenza Bezzina sua figlia che accetta e compra l'utile dominio perpetuo della casa colla sottoposta bottega posta in Vittoriosa, Strada Brittanica segnate coi numeri quattro e cinque, coi loro giuis e pertinenze, soggette all'annuo perpetuo canone di lira sterlina una e scellini dieci, da tutt'altro franche e libere pervenute alla venditrice dalla eredità intestata di detto

Gio Batta Borg quale unica sua figlia ed erede legittima, morto verso l'anno mille nove cento sette per cui la sua successione non proviene da trasferimento imponibile.

La presente compravendita siegue tra le parti contraenti mediante il prezzo convenuto e stabilito di lire sterline tre cento dieci, prezzo già fissato e stabilito dal Perito Architetto Signor Gustavo Soler con sua relazione e stima del dieci Maggio corrente che si trova in potere della Venditrice.




Il quale prezzo di £310 essa venditrice dichiara di aver già avuto e conseguito dalla compratrice alla quale rilascia quietanza.

Da aversi e possedersi i detti immobili dalla compratrice da oggi in poi ed in perpetuo.

La venditrice promette e si obbliga di difendere e garantire alla compratrice il pacifico possesso e godimento di detto immobile da qualunque evizione e molestia e per tale oggetto ipoteca a favor di lei tutti i di lei beni presenti e futuri in generale indicando pei fini della inscrizione ipotecaria lire sterline venti oltre il detto prezzo.

[illegible]

Previa la debita cerziorazione, questo atto è stato fatto, letto e pubblicato in Malta in lingua maltese nel mio studio notarile posto in Cospicua, Strada Santa Teresa numero diciotto presenti per testimoni il Signor scritturale Francesco Pace Ubaldini fu Giuseppe, residente in Cospicua e l'impiegato nel Dock Yard Giorgio Zammit fu Giuseppe residente in Vittoriosa.

(Fti) Maria v. Bezzina
" Lorenza Bezzina
" George Zammit
" Francesco Pace Ubaldini
" Salvatore Cauchi
Notaro Pubblico Maltese.

Vera Kopja

Inħolqija minn l-Attijiet tan-Nutar Salvatore Cauchi fit-tmienja u għoxrin ta' Jannar elf disgħa mija tmienja u tletin (1938).—

[illegible]
Nutar Pubbliku Malti
Konservatur

## DAR LI MA NFETHET QATT AKTAR.

Meta spiċċat il-gwerra b'Malta rebbieħa f'Settembru ta' l-1943 u reġgħet feġġet il-qawsalla fuq il-bini mwaqqa' tal-Birgu, niesu xtaqu jerġgħu lura lejn djarhom. Imma ġara li mhux kulħadd seta' jagħmel id-daħla lura f'pajjiżu u f'daru. Għadd kbir ta' djar iġġarrfu bil-

ħidma ta' l-għadu. Waħda minnhom kienet darna. Niftakar meta morna naraw x'ġara għall-ewwel darba; rajna kif fuq ġewwa kien tfarrak kollox barra mill-faċċata u l-kurċifiss skolpit fil-ġebel fuq in-naħa ta' barra t-triq. Ħsibna li nistgħu nibnuha mill-ġdid, bħal ma kien qed jagħmel ħaddieħor, bil-flus imwiegħda għal dan il-għan. Iżda lanqas dan ma stajna nagħmlu.

Wara l-gwerra, l-gvern Ingliż ħa r-responsabbilta' tar-rikostruzzjoni ta' gżiritna, u għal dan il-għan bagħat żewġ town-planners: A. Hubbard u P.S. Harrison, biex ifasslu l-pjanti ta' bini u toroq ġodda għat-tlett ibliet u l-belt Valletta. Ix-xorti ħażina reġgħet laqtet lil din id-dar tagħna, għax f'dan il-pjan ta' rikostruzzjoni ġiet immarkata, flimkien mal-blokk ta' madwarha, biex flokha jinbnew l-appartamenti tal-Gvern, kif fil-fatt sar.

Hekk tispiċċa l-istorja tad-dar li ma nfetħet qatt aktar. Jien u oħti niftakru b'nostalġija dejjiema fit-tfulija u t-trobbija ġo dar li twelidna fiha u li m'għadhiex teżisti aktar. Il-kurċifiss, salvat mill-bini mġarraf, reġa' twaħħal mal-faċċata ta' l-appartamenti, bi skrizzjoni ta' l-irħam, imwaħħla mal-ħajt, u li tgħid l-istorja tiegħu. L-appartamenti issa sabu posthom fil-pjazza tal-Birgu. Ir-rikordju waħdieni li fadal minn din id-dar, numru erbgħa u ħamsa, huma l-erbgħa mfietaħ tal-bibien ta' barra, imdendlin fl-istudju tiegħl, fejn noqgħod illum f'Tas-Sliema

16/06/2006

## Kotba li Qrajna

# FENĊELĊEN

Ħrafa Tradizzjonali Għat-tfal miktuba mill-ġdid minn

**DORIS VELLA CAMILLERI**




Doris Vella Camilleri li kienet għalliema fl-iskejjel tal-Gvern, laħqet *script writer* fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni għax-xandir tal-iskejjel, li kien maħsub biex jeduka t-tfal. B'hekk nibtet fiha, anzi biex inkun iżjed preċiża, b'hekk kompliet titkebbes fiha l-imħabba li dejjem kellha għall-Folklor u għall-kitba.

Matul iż-żmien hi kitbet għadd ta' xogħlijiet - ħrejjef, rumanzi, drammi – dejjem bil-għan li twassal permezz ta' kitbietha dik l-edukazzjoni morali tant meħtieġa, speċjalment fid-dinja tal-lum, lill-qarrejja kbar u żgħar.

Għamlet żmien twil tfittex u tistudja l-ħafna ħrejjef dwar Ġaħan, il-karattru ferm popolari kemm fostna l-Maltin kif ukoll fost il-ġnus ta' għadd ta' pajjiżi ġirien tagħna. Ftit snin ilu ppubblikat l-ewwel xogħol tagħha: *Il-Ġaħan ta' Madwarna*.

Dan l-aħħar Doris ippubblikat ħrafa oħra grazzjuża, dik ta' Rapunzell, magħrufa ħafna fost it-tfal ta' bosta pajjiżi, li hi libbsitha libsa ġdida u tatha l-isem ta' Fenċelċen; u ma naqsitx li tinqeda biha biex twassal lill-qarrejja l-messaġġ tagħha edukattiv.

Infatti, fil-verżjoni ta' Doris ma niltaqgħux ma' saħħara kattiva li taħqar it-tfajla, iżda ma' nanna li dejjem tagħtiha pariri siewja, u fit-tfajla nsibu sentimenti sbieħ ta' mħabba lejn il-ġenituri tagħha.

Dan il-ktejjeb ta' għoxrin paġna għandu qoxra tassew attraenti u xi stampi oħra bil-kulur li jinsabu ġewwa – xogħol ta' Monica Spiteri. Hu stampat fuq karta sabiħa u t-tipi huma ċari. Fi ftit kliem hu ktejjeb li wieħed żgur li jieħu gost jaqrah kemm għall-kontenut, kif ukoll għall-preżentazzjoni tiegħu.

**Maria R. Pisani**

# NOTI DWAR IL-BUTTAR, IL-BTIETI, U L-KAPUTA

**Guido Lanfranco**

Minn wara t-tieni gwerra dinjija beda jsir tibdil mgħaġġel fl-użu tal-kontenituri għall-ġarr ta' prodotti likwidi u solidi. Konna naraw ħafna qfief, xkejjer u btieti ta' kull daqs. Il-buttar kien jagħmel btieti, bramel, banjijiet, siegħan, tmien, bziezen tal-ġelat u oħrajn. Ukoll biex ibexxu t-toroq kienet tgħaddi bettija kbira mimlija bl-ilma fuq karrettun b'raġel jimxi warajha jbandal *pipe* tal-luna biex jifrex l-ilma li jraqqad it-trab tas-sajf. Fl-istess żminijiet, f'postijiet fejn ma kienx għadu wasal is-servizz tad-drenaġġ jew fossa kien jgħaddi kuljum karrettun bil-bettija biex in-nies ibattlu fiha l-bramel u s-sloppijiet. F'diversi ħwienet konna naraw krietel ta' daqsijiet differenti għall-inbid u għaż-żejt kif ukoll oħrajn għall-ilma fejn kienu għadhom ma waslux il-kanen.

### ŻMIEN L-ORDNI TA' SAN ĠWANN

Ix-xogħol tal-buttar kif nifhmuh aħna ma kienx jissemma' qabel ġew Malta l-Kavallieri ta' San Ġwann. It-trasport ta' likwidi u solidi jidher li kien l-aktar permezz ta' diversi tipi u daqsijiet ta' ġarar u qfief. L-Ordni ta' San Ġwann qajmet snajja' li kienu bierda u daħħlet oħrajn li ma kienx hawn. Kienet essenzjalment Ordni reliġjuża imma wkoll navali tissorvelja l-Mediterran f'isem ir-renjanti u n-negozjanti Ewropej kontra t-Torok, il-kursari u għedewwa oħra fuq il-baħar. Malli ġew Malta kellhom jaħsbu fit-tarznar, għall-manteniment u l-bini tal-flotta tagħhom, bini ta' djar u palazzi, provvisti ta' ikel u ilma u l-kumplament. Għal dawn kienet tinħtieġ nies tas-sengħa bħal benneja, dekoraturi, ħaddieda, mastrudaxxi, ta' l-imqadef, kurdara, tal-qlugħ, fundituri, qlafat u bosta oħrajn. Imma jidher li ma sabux biżżejjed Maltin biex jaqduhom. Għalhekk huma ġabu minn barra nies esperti ta' kull xorta biex iħarrġu lill-Maltin, u fosthom ġabu l-buttara li kien hemm bżonnhom fuq l-art u fuq il-baħar biex jaħdmu, jsewwu u jmantnu dawk il-ħafna għamliet ta' btieti, bramel u kontenituri oħra li kienu jinħtieġu fuq il-galeri u fl-imħażen ta' l-Ordni.

Fuq il-galeri kien ikun hemm bżonn kontinwament min jaħdem il-qlugħ, ħbula, mqadef, ħadid u min iqalfat u jsewwi l-ħsarat li jinqalgħu. Il-buttar kellu xogħol kontinwu biex imantni, jiċċekkja, jżomm imxarrbin, inaddaf jew jaħdem btieti ta' kull daqs u għamla li kien ikun fihom żejt, ilma, porvli, dqiq, frott imqadded u provvisti oħra.(1)

Ma' l-istorja ta' żmien l-Ordni timxi wkoll dik ta' l-iskjavi. Il-jasar kien magħġun mal-ħajja ta' kuljum, bħallikieku kien parti mill-ambjent li fih kienu jgħixu n-nies ta' dawk iż-żminijiet. Is-sistema ta' l-iskjavi kienet ilha aċċettata kullimkien għal mijiet ta' snin sakemm f'Malta spiċċat ħesrem mal-miġja ta' Napuljun. Fl-istorja ta' dak iż-żmien insibu mijiet ta' okkażjonijiet fejn jissemmew il-ħtif, bejgħ, xiri, wirt, għotjiet, bdil u fidwa ta' lsiera, kemm barranin kif ukoll Maltin. Kulħadd (min kien jista' jħallas!) kien ikollu xi skjav jew skjavi, mill-Gran Mastru sa negozjanti u mill-Papa sa uħud mis-saċerdoti u kunventi lokali. Fost il-ħaddiema ta' l-Ordni fuq il-galeri kif ukoll fuq l-art kien hemm dejjem xi lsir jew aktar jaħdmu ta' buttara, jagħmlu u jmantnu s-soltu btieti, bramel u kontenituri oħra għall-ilma u l-inbid. Dokumenti tas-sekli sittax u sbatax ta' sikwit isemmuhom flimkien mal-ħlas li kien jingħatalhom. Bħala eżempju nfakkru wieħed li fl-1651 talab żieda, u qalagħha, għax qal li kien qed jiffranka ħafna flus lill-Ordni, u ieħor skjav mgħammed buttar li miet fl-infermerija. Skjav ieħor buttar li ta servizz tajjeb lill-Ordni kien ġie meħlus fl-1581. Skjav buttar li kien jaħdem it-tarzna kien korra lil wieħed tal-ħanut f'xi argument fl-1724 u spiċċa kundannat għall-mewt u mgħallaq.(2)

### ŻMIEN L-INGLIŻI

Jidher li fl-ewwel snin tal-ħakma Ingliża f'Malta ma kienx hawn buttara biżżejjed u kellhom iġibu buttara minn Sqallija. Fost oħrajn jissemmew żewġ buttara li waslu Malta f'Lulju tal-1801 minn Messina, miġjubin biex jaħdmu btieti ta' l-inbid għall-gvern.(3) L-Ingliżi ħaddmu t-tarzna għall-bżonnijiet tal-flotta navali tagħhom u fost snajja' oħra kellhom il-*cooperage* jew *workshop* tal-buttara. Għall-ewwel kien f'post imma meta sar xi tibdil fl-amministrazzjoni fl-1819 ġie trasferit għal qrib il-Fortizza Sant' Anġlu. 'Ukoll fil-bidu tas-seklu għoxrin l-uffiċjal inkarigat mill-*victualling yard* tal-Birgu tul l-1904-1906 u 1918-1921, ilmenta li l-buttara Maltin kienu għadhom ma laħqux il-perfezzjoni u l-effiċjenza bħal postijiet oħra fl-Ewropa Mediterranja.(4) Għandu mnejn, fost raġunijiet oħra, li l-Maltin aktar kienu jaħdmu stil għalihom minħabba li f'artna ma jkunx hawn l-injam meħtieġ għall-inbejjed u kienu dejjem jirriċiklaw btieti li jaslu minn barra.

Imma sa qabel u wara t-tieni gwerra dinjija x-xogħol jidher li fit-tarzna kien isir tajjeb u bid-dixxiplina meħtieġa mill-ħaddiema Maltin. Fl-2002 intervistajt lil Joe Bonello ta' 73 sena li kien *dockyard cooper* mill-1945 sal-1964, u hawn se nġib xi nformazzjoni fi kliemu dwar kif kien ġeneralment jinħadem kartell.(5)

"Hija sengħa ta' tbatija . . . Fl-eqqel ġranet tal-kesħa fix-xitwa kont tkun trid taħdem il-kartell bil-fwar ħiereġ minnu u ssir għarqan xraba, . . . aħseb u ara fis-sajf! Ix-xogħol kollu kien isir bl-idejn b'għodda antikwata. Kien biss fl-aħħar snin qabel ma għalqet il-bażi

Ingliża f'Malta, li bdew jintużaw żewġ magni, . . . dik ta' l-isserrar (*circular saw*) u l-oħra munxar (*band saw*). Min-nofs is-seklu għoxrin 'l hawn is-sengħa tal-buttar bdiet tnaqqas mill-importanza tagħha. Fil-preżent nistgħu ngħodduha bħala sengħa ta' l-imgħoddi, għallinqas hawn Malta. Ditti magħrufa lokali għall-għasir u l-ibbuttiljar ta' l-inbid m'għandhomx buttar impjegat magħhom. Konna nirċievu kwantità kbira ta' krietel mimlijin rum minn barra . . . il-*puncheon* ta' 100 gallun, . .il-*hogtshead* ta' 50 gallun, . . il-*barrel* ta' 40 gallun. Dawn jiġu żvujtati ġo bajla kbira għamla ta' qanpiena li tesa' 700 gallun. Kien ikun hemm ħafna minn dawn. Konna nħolluhom miċ-ċirkijiet u nwaqqgħuhom biex inkunu nistgħu nagħmlu konversjoni minnhom, jiġifieri krietel iżgħar jew insewwu bihom."

Dwar il-kostruzzjoni ta' **kartell** Joe Bonello jkompli: "Ikollu madwar 15-il dugħa. **Dugħa** hija waħda minn dawk l-injamiet dojoq u mqawsa li biha jitwaqqaf il-kartell. (Ikollu wkoll) żewġ **tuppani**, speċi ta' għatu ingastat fl-injam, 4 **ċirkijiet**, wieħed f'kull ras, u tnejn fiż-żaqq. L-injam li konna nużaw kien ir-ruvlu Ingliż, . . . bil-vina magħluqa u iebes ħafna. L-aktar li kienu jintużaw u ġeneralment naħdmu fuqhom kuljum kienu l-*kilderkin* u s-*small cask*.

"Ninċanaw il-kumenti tad-dugħa li jridu jiġu mxaqilbin ftit 'l ġewwa (**tastatavati**). L-inċanar ma jsirx biċ-ċana fuq id-dugħa iżda bid-dugħa fuq iċ-**ċana**. Din iċ-ċana tkun twila 5 piedi u wiesa' 6 pulzieri kwadru, ingastata ma' strippa għolja 26 pulzieri u tibqa' nieżla sa l-art biex tkun tista' tagħmel forza l-isfel u tbati anqas. Id-dugħa trid tkun nofs pulzier aktar wiesa min-nofs biex tieħu l-forma taż-żaqq. Tnejn mid-dugħa jridu jkunu (aktar wesgħin) miż-żaqq għax meta tlesti l-kartell (fihom) trid tagħmel toqba (**bokka**) li tkun pulzier u nofs dijametru. Wara li tinċana d-dugħ trid tirraspa b'żewġ kwalità ta' raspi. Ir-raspa tkun speċi ta' sikkina. Waħda (biex tirraspa fuq barra) tkun qisha *handle* ta' *bicycle*, u l-oħra ta' ġewwa tkun qisha *handle* ta' *racer* forma ta' qrun. Bir-**raspa ta' barra** tlaqqax il-ġnub it-tul kollu tad-dugħa u bir-**raspa ta' ġewwa** tlaqqax id-dugħa min-nofs biss it-tul kollu biex id-dugħa tkun tista' tieħu l-barma fit-tond."

Naslu biex mid-dugħa jsir it-twaqqif tal-kartell li jibda bil-**forma ta' l-arbular** Joe Bonello jgħid: "Issa tiġi biex tgħaqqad il-kartell. Ikollok il-forma ta' l-arbular, ċirku tal-ħadid. Tehmeż **fulfiċetta** ma' waħda mid-dugħat il-wesgħin tal forma u (tkompli) tpoġġi d-dugħ waħda ma' l-oħra sakemm timla l-forma kollha. Il-kumenti kollha jridu jkunu miftuħin daqs kwart ta' pulzier minn barra. (Wara dan) ikollok il-**forom ta' l-injam** li ngħidulu tal-Canada, li ma jiskaldax, oħxon pulzier u kwart u għoli żewġ pulzieri biex ikun jiflaħ għad-daqqiet tal-mazza. Tpoġġi (forma) waħda (ta' l-injam) wiesgħa kbira n-naħa taż-żaqq, mbagħad tagħmel oħra aktar 'l fuq (minflok) il-forma tal-ħadid ta' l-arbular. Tikkargahom 'l isfel bid-daqqiet tal-**mazza.** Għalissa dan ikun ikkargat minn ras waħda; ir-ras l-oħra tkun għadha miftuħa bħal qaqoċċa. Trid is-saħħa biex idur l-injam, (għalhekk) ikollok **kenur** magħmul minn strxxi tal-ħadid, għoli xi pied u nofs pied dijametru, titfa' (fih) biċċiet li nkunu qattajna mid-dugħ għax dawn iżommu ġamra qawwija. Inxarrbu l-kartell minn ġewwa bil-**misħun** u nqabbdu n-**nar**. Ikun hemm ilsien tan-nar kważi għoli daqs il-kartell. Wara xi għoxrin minuta tibda tikkarga il-forom ta' l-injam u ddawwru għar-ras l-oħra li tkun għadha miftuħa.



BOQXIEX TA' BARRA JEW RASPA TA' BARRA



BOQXIEX JEW RASPA TA ĠEWWA



MAZZA



ĊANELLA



WIRDIENA



INĊINATUR



KAPUNARA



LEXXUNA



KUMPASS



SPASSELL

Iddaħħal forma daqsxejn kbira u bil-mod, b'daqqiet ħfief tal-mazza tniżżilha ftit 'l isfel. Terġa' xxarrab il-kartell bil-misħun u titfgħu jisħon. Issa trid toqgħod attent li ma jaqbadlekx għax tant jisħon li min ħin għall-ieħor isir vampa nar. Trid tlesti barmil bl-ilma u mopp biex malli jaqbad titfih malajr. Meta tara li jkun saħan biżżejjed tneħħih minn fuq in-nar u tibda bil-mod tniżżillu dik il-forma l-kbira. Iddaħħal żewġ forom oħra, waħda iżgħar mill-oħra. Id-daqqiet tal-mazza jridu jkunu ħfief għax daqqiet goffi jistgħu jaqsmulek xi dugħ min-naħa taż-żaqq u tkun trid tibdilhom dak il-ħin stess. Terġa' xxarrab il-kartell u tkompli ssaħħnu ftit ieħor għal xi 5 minuti u terġa' tikkarga l-forom għall-aħħar darba. Immedjetament terġa' xxarrab il-kartell, dejjem minn ġewwa, u kif ikun għadu ħiereġ minnu dak il-fwar tibda taħdmu biex issib l-injam artab għax jekk jiksaħ u jinxef ikun iebes ħafna. Tpoġġih fuq iċ-**ċanga** (din tkun biċċa zokk ta' siġra għolja xi 9 pulzieri b'dijametru ta' 2 piedi) u tmejlu fuq iż-**żokk** (dan ikun għoli 3 piedi u pied kwardu) u tibda tillivella l-irjus biċ-**ċanella**. Din tkun ċana forma ta' banana biex tkun tista' tinċana mix-xellug għall-lemin għat-tond. Mbagħad tkun trid tillixxa l-irjus fuq in-naħa ta' ġewwa. (Għal dan) tuża ċana oħra daqsxejn għat-tond tissejjaħ il-**wirdiena**, mill-lemin għax-xellug, dejjem kontra l-vina. Wara tkun trid tagħmel l-**inċina**. L-inċina hu speċi ta' kanal 3 linji ta' pulzier fond u wiesa' l-istess. Din (l-inċina) ssir bl-**inċinatur**. Dan ikun speċi ta' buvett bis-snien u difer u ddawru għat-tond madwar iż-żewgt irjur tal-kartell. Imbagħad tillixxa bil-**lexxuna** l-irjus biex ma jibqgħux ċatti. Il-laxxatura trid taqlibha 'l isfel daqs 3 linji biex ir-ras tiġi mxaqilba 'l isfel."

Issa jasal biex jagħmel l-għotjien (tuppani) wara li jieħu l-qisien sewwa biex ix-xfar jidħlu fl-inċina: "Issa tiġi biex tagħmel it-**tuppani** taż-żewġt irjus. . . . . Biex tagħmel tuppan taqbad daqs 4 jew 5 biċċiet injam ħoxnin pulzier, tagħtihom kument dritt u twaħħalhom bil-kavilji min-nofs il-ħxuna tal-kument ma' xulxin. Bil-**kumpass**, bil-qies li għandek, tħożż ċirku u tisserrah bil-**munxar**. Il-ħxuna (tax-xifer) tat-tuppan tkun pulzier u trid tirriduċiha għal 3 linji biex jista' jidħol fl-inċina jew buvett li tkun għamilt. Tinċanah minn naħa waħda bil-**boqxiex ta' barra**, dejjem kontra l-vina u ġġibu abjad, nadif. Tmur fuq iz-zokk u bir-**raspa ta' barra** (u waqt li) tross bi spallejk it-tuppan maz-zokk tibda tnaqqax minn taħt u minn fuq madwar iċ-ċirkonferenza sakemm twasslu għal dak il-qies. Meta tlesti iż-żewġ tuppani, taqbad biċċa **buda** li l-Ingliżi jgħidulha *flake*. Din tkun qisha qasba tas-sajd twila xi 6 piedi ħoxna daqs is-seba' tan-nofs, ixxarrabha bil-misħun u tiġi ratba. Tofroqha b'difrejk it-tul kollu u ddawwarha ma dawn it-tuppani biex iddaħħalhom f'dak il-kanal (inċina, buvett) u ma jkunx hemm biża' li jillijkja. Din il-buda tintuża għal kull qies u xorta ta' tuppani."

Għall-aħħar fażi tal-kartell jgħidilna x'kien jagħmel: "Meta tlesti ż-żewġ tuppani tħoll il-forom ta' l-injam u ddaħħalhom f'posthom. Issa tiġi biex tlibbsu ċ-**ċrieki tal-ħadid**. L-ewwel tagħmel ta' l-irjus. Ikollok ċirkijiet ta' krietel akbar, tneħħilhom ir-*rivets* u tiftaħhom, tieħu l-qies, tagħmlilhom żewġ toqbiet, titfagħlhom żewġ *rivets* u tirbattihom bil-**mazza**, tqegħidhom f'posthom u tikkarghom 'l isfel. Mbagħad tiġi biex tagħmel iċ-ċrieki taż-żaqq. Taqla' l-forom ta' l-injam u tagħmel bħalma għamilt b'ta' l-irjus u tikkalkula kemm għandek tagħmilhom bogħod minn xulxin. Fuq din il-ħaġa hemm qawl Malti li jgħid: 'Ħsieb il-buttar fejn ipoġġi ċ-ċirku'. (Wara li) tinċirkjah tkun trid tagħmel it-**toqba (bokka)** Tagħżel dik id-dugħa l-aktar wiesgħa miż-żaqq, ittaqqabha b'**golja tad-difer** tal-pulzier mbagħad tkun trid twessagħha għal pulzier u nofs biex tkun tista' tieħu **tapp** ta' l-injam tal-pulzier u nofs dijametru. Biex twessa' din it-toqba trid biċċa għodda tissejjaħ **kapunara**. Din tkun qisha lenbut twil maqsum min-nofs it-tul kollu b'xafra kull naħa. Fil-wesa' n-naħa ta' fuq ikollu toqba fejn jista' jidħol *handle* ta' l-injam u ddawwar mix-xellug għal-lemin. Il-kartell ikun lest. Minn din il-kwalità ta' krietel *kilderkin* kont trid tagħmel 9 f'ġimgħa ta' 5t ijiem." Joe Bonello jsemmi ħafna għamliet ta' kontenituri li kienu jagħmlu fil-*workshop* tat-tarzna li jvarjaw skond l-użu tagħhom, fosthom għar-rum, wiski, ilma, ħall abjad, ħmira, melħ u ħobż minbarra bramel għar-ramel għat-tifi tan-nar. (Ara ir-ritratt provdut minnu stess).(6)

## GĦAL-LIKWIDU U GĦAS-SOLIDU

Għalkemm il-btieti ġeneralment nafuhom bħala kontenituri għall-inbid u likwidi oħra, kien hemm oħrajn magħmulin differenti biex fihom iġorru merkanzija solida. F'xi għelieqi jew ħdejn xi razzett ġieli kien ikun hemm btieti biex fihom tinġabar il-patata għall-espotazzjoni. In-negozjant kien jibgħat il-krietel miftuħin lill-bidwi bit-tuppan u l-anell ta' fuq maqlugħin. Il-bidwi kien jimlihom u jagħlaqhom lesti għat-trasport. Il-btieti ta' l-inbid jew likwidi oħra kienu jridu jinħadmu bir-reqqa biex ma jqattarx, minn injam tajjeb li ma joħloqx ħsara jew tibdil fil-likwidu maħżun fih. Kienu jinħadmu minn buttara speċjalizzati f'dik is-sengħa li kienu jrossu d-dugħa biċ-ċrieki tal-ħadid. Krietel għall-patata u prodotti oħra tal-biedja ma jkollhomx il-problema li jnixxu, għalhekk il-btieti tagħhom ma kienx hemm bżonn li jinħadmu biex ma jqattrux jew minn injam kompatibbli mal-kontenut għalhekk kienu jagħmluhom mill-injam ta' l-abjad u jrossu d-dugħa bi ċrieki tal-qastan miġjubin apposta mill-Italja. F'diversi artijiet fejn jinħadmu dan it-tip ta' btieti jużaw ċrieki jew anelli minn siġar oħra bħal taż-żafżafa u tal-ġellewż. L-Ingliżi jużaw il-kelma *coopering* jew *cooperage* għas-sengħa tal-buttar, imma fejn jinħadmu btieti għall-frott u l-patata kienu jgħidulu *slack coopering*, jiġifieri ma jinvolvix trassis perfett tad-dugħa u t-tuppani bħal btieti ta' l-inbid. Sa qabel it-tieni gwerra dinjija kienet tiġi esportata ħafna patata minn Malta u l-Marsa kien hemm għadd ġmielu ta' buttara jaħdmu biex jipproduċu mijiet ta' krietel għaliha. Wieħed milli kienu jaħdmu fihom fil-Marsa kien Ċensu Sammut. Meta kellu 83 sena fl-1996, kien itervistat minn Anton Cassar dwar xogħolu. Hu qal li x-

xogħol tal-btieti tal-patata kien sengħa differenti ħafna minn dak tal-btieti ta' l-inbid. Anzi nsista li l-btieti ta' l-inbid kienu magħrufin bħala **kaputa**.[7] Din il-kelma rari konna nużawha għalkemm kienet tinstema' kultant. Id-dizzjunarji ta' Ġużè Aquilina u Erin Serracino Inglott ifissru li ġejja mill-iSqalli, imma fid-dizzjunarji Taljani qajla ssibha.

Mad-dawra tal-portijiet konna naraw ħafna krietel jew btieti ta' kull daqs fuq il-mollijiet, fuq id-dgħajjes t'Għawdex u fuq skejjen ġejjin u sejrin. Krietel kbar ħafna għall-imbejjed jgħidulhom **karaturi** kienu jinżammu fl-imħażen tal-produtturi. Minn barra kien jiġi wkoll il-laring ġo krietel bħal dawk tal-patata.. Fl-istess inħawi kien hemm jaħdmu diversi buttara għall-btieti ta' l-inbid u l-krietel tal-patata. L-għodda tagħhom, ukoll jekk għall-istess xogħol, kienet tvarja għax kienet ssir mill-ħaddieda lokali. Dawk li jagħmlu l-btieti ta' l-inbid, biex irossu jew jikkargaw iċ-ċrieki jew anelli tal-ħadid kienu jużaw l-**ispassel** li kienet ħadida tawwalija bit-tarf milwi biex iżommuha fuq iċ-ċirku u jagħtu fuqha bil-mazza. Oħrajn, minflok il-forma ta' l-injam li kienu jużaw tat-tarzna biex iwaqqfu d-dugħa, kienu jisservew b'katina mdawwra mad-dugħa.

Il-krietel ta' l-inbid li jitbattlu ma kinux jistgħu jerġgħu jimlewhom bl-inbid jekk ma jitnaddfux sewwa minn ġewwa għax jekk jibqa' traċċi minn ta' qabel, l-inbid il-ġdid malajr jiqras. Xi kumpaniji ta' l-inbid kienu jżommu l-btieti fil-baħar għal xi ġimgħa biex jitnaddfu u jekk xi tartru jippersisti kienu jixħtu **katina** fil-bettija u jirrumblawha biex, biċ-ċaqliq tagħha fuq ġewwa, tkompli tqaxxar xi fdalijiet; wara kienu jaħarqu biċċa xkora mxarrba bil-kubrit imdendla fil-bettija. Din is-sistema ta' tindif kienu jużawha wkoll xi bdiewa u oħrajn li kienu jagħmlu l-inbid tagħhom stess.[8]

**Ir-ritratt tal-*workshop* tat-tarzna fl-1950, provdut minn Joe Bonello tal-Birgu, juri:**
**1. *Grog tub* ta' 10 galluni. 2. *Grog tub* ta' 30 gallun. 3. *Barricoe* ta' 6 galluni. 4. *Grog tub* ta' 40 gallun.(illustrat) 5. *Grog tub* ta' 40 gallun mhux illustrat. 6 u 7. *Grog tub* ta' 30 gallun. 8. *Grog tubs* ta' 10 galluni. 9. *Grog tubs* ta' 20 gallun. 10. *Grog tub* ta' 30 gallun. 11. *Harness tub* ta' 36 gallun. 12. *Kilderkin.* 13. Dugħ tal-*kilderkin* biex jintuża flok dawk miksura. 14. Iż-żiemel, biex tirraspa d-dugħ fuqu u ġġibu sura għat-tond; jidher qed jaħdem fuqu l-istess Joe Bonello intervistat mill-kittieb preżenti u kkwotat f'din il-kitba. 15. *Kilderkin* qiegħed jissewwa, jinbidlulu d-dugħ miksur. 16. Mejda biex jikkargaw dawk li għandhom il-*handles.* 17. Iċ-ċana komplita bis-sieq biex tinċana d-dugħ fuqha.**

*Noti u referenzi:*


1. Wismayer, Joseph M. *The fleet of the Order of Saint John 1530-1798* (1997) p.20; Muscat, Joseph *The Birgu galley arsenal* (2001) p.20. Bugeja, L., Buhagiar, M., Fiorini, S. (Ed.) *Birgu, a maritime city* I (1993) p.44
2. Wettinger, Godfrey *Slavery in the islands of Malta and Gozo c1000-1812* (2002) p.366.




3. Gatt, Ġużè *Snajja' Maltin fl-ewwel żmien ta' l-Ingliżi f'Malta* f'It-Torċa 21-ix-1975 sa 25-i-1976, p.71.

4. Bonnici, Joseph u Cassar, Michael *The Malta Grand Harbour and its dockyard* (1994) p.44.

5. Joe Bonello ta' 73 sena, Triq San Ġorġ, il-Birgu, kien buttar fit-tarzna ta' l-ammiraljat bejn l-1945 u l-1964. Meta ntervistajtu fil-11 ta' Frar 2002, minbarra spjegazzjoni orali tani wkoll noti bil-kitba li minnhom ħadt siltiet għal dan l-artiklu. Tani wkoll kopja tar-ritratt tal-*cooper's workshop* fl-1950 li qed jiher ukoll f'din il-kitba bit-tifsira li tani huwa stess.

6. Joe Bonello għadda kopja ta' l-istess noti u ritratt lil Joseph Abela li kiteb artiklu *H. M. Yard Cooperage, Malta* li deher fis-Sunday Times fis-26-l-2003 p.46-47.

7. Cassar, Anton *Ix-xogħol tal-krietel u s-sengħa tal-buttar* f'L-Antenna Nru. 372, 28-ii-1996 p.58 u 13-iii-1996 p.58, ibbażat fuq intervista ma' Ċensu Sammut ta' 83 sena; Kitbiet oħra dwar ix-xogħol tal-buttar: Galea, Ġużè *Xogħol u snajja' ta' l-imgħoddi* (1969, 1972) p.86-91; Lanfranco, Guido *Xogħol, ġaħġiħ u snajja' li spiċċaw* (2002, 2003) p.126-127 u *Sagħtar* Marzu 1997 p.8; Cassar, Karmenu *Il-buttar* f'Il-Mument 13-iv-1980; Bugeja, Buhagiar, Fiorini *op. cit.* p.293.

8. Spiteri, Charles *Meta l-inbejjed kienu jkunu fil-btieti* f'In-Nazzjon Tagħna 10-viii-1987 p.8-9 u *Tifkiriet ta' l-imgħoddi* (1989, 1993) p.5-8, ibbażat fuq intervista ma' Espedito Azzopardi ta' 77 sena; Galea, Victor *Qwiel u qaddisin*(1999) p.234-235.

---

*APPREZZAMENT*

# ĠUZE' CHETCUTI

Fit-18 ta' Lulju 2006 miet Ġużè Chetcuti anqas minn xahar qabel ma kellu jagħlaq 92 sena. Twieled Bormla fil-11 ta' Awissu 1914. Għamel sentejn għalliem fl-iskejjel primarji imma daħal fiċ-ċivil u fl-1940 beda jaħdem ta' *translator* fl-uffiċċju ta' l-informazzjoni u wkoll *announcer* fuq ir-radju fi żmien il-gwerra. Kien dejjem involut attivament fl-attivitajiet ta' l-għaqdiet li jikkonċernaw il-letteratura Maltija, peożija u drama. Fis-snin ħamsin beda jgħallem il-Malti fil-Liċeo u wara f'taqsimiet u kumitati oħra fid-dipartiment ta' l-Edukazzjoni fejn sikwit kelli l-okkażjoni li niltaqa' miegħu kif ukoll iltqajna l-Palazz f'Diċembru tal-1996 meta t-tnejn messna l-medalja ta' Ġieħ ir-Repubblika.

Kiteb mijiet ta' artikoli u għadd ġmielu ta' kotba, fosthom l-*Antoloġija ta' Letteratura Folkloristika Maltija* fl-2002 b'624 paġna u fiha nkluda għoxrin artiklu minn membri ta' l-Għaqda Maltija tal-Folklor magħżulin mill-pubblikazzjoni tagħna *L-Imnara* li għaliha kien ukoll ikkontribwixxa xi kitbiet. Kien issieħeb membru fl-Għaqda tagħna sbatax-il sena ilu, f'Mejju 1989 u sikwit kien jikteb biex juri nteress fix-xogħol tagħna. Bil-mewt ta' Ġużè Chetcuti l-familjari tiegħu tilfu membru għażiż, Malta tilfet persunaġġ pijunier u prinċipali fil-kitba tal-Malti, jiena tlift ħabib antik u l-Għaqda tagħna tilfet membru mportanti. Madankollu l-memorja tiegħu, xogħolu u ismu se jibqgħu apprezzati u jitgawdew minn kulħadd.

**Guido Lanfranco**

---

# *APPREZZAMENT*

Fl-1 t'Awissu, 2006 tħabbret il-mewt ta' **Sabina Cassar** fl-eta` venerabbli ta' 99 sena, li għal dawn l-aħħar snin kienet rikoverata f'*Casa Messina*, ir-Rabat. Hi kienet l-armla ta' Dott. Charles Cassar, M.D., il-fundatur u għal bosta snin il-President ta' l-Għaqda tal-Folklor.

Lil Sabina kont ili nafha *di vista*, billi t-tnejn konna noqogħdu l-Belt u mhux 'il bogħod minn xulxin; u kont nammiraha ħafna, dejjem tħaffef 'l hemm u 'l hawn, dejjem bi tbissima fuq fommha u dejjem lesta biex issellem. Kienet persuna tassew simpatika. Iżda qisu għal nofs it-tmeninijiet inqalgħet okkażjoni li permezz tagħha sirna nafu lil xulxin aktar mill-qrib.

Niftakar li konna qegħdin inħejju biex intellgħu fit-Teatru Manoel waħda mill-opri mmużikati minn Maestro Carmelo Pace (aktarx li kienet *Angelica – l-Għarusa tal-Mosta*), u billi n-Nutar Dott. V.M. Pellegrini kien il-librettista kif ukoll il-*producer*, u jien kont responsabbli għall-għażla tal-kostumi u elf ħaġa oħra, konna morna flimkien għand Sunta Camilleri tal-Ħamrun, li kienet tikri l-kostumi, biex nordnawlha dak li kellna bżonn. Ħin minnhom inqalgħetilna diffikulta` - ma niftakarx jekk hux fuq il-props jew fuq il-kostumi ta' l-epoka li fiha jiżvolġi ruħu s-suġġett ta' l-opra – u Sunta ssuġeritilna nikkuntattjaw lil Dott. Cassar, tatna n-numru tiegħu u qaltilna li żgur kien jgħinna. U hekk kien, għax Dott. Cassar stedinna f'daru, u mhux biss solvielna l-problema li kellna, iżda tant laqgħuna – hu u Sabina – li ħassejna li donna konna ilna midħla ta' xulxin ħajjitna kollha.

Dott. Cassar ħajjarna nidħlu fl-Għaqda tal-Folklor; u hekk għamilna. Ma domniex ma ġejna eletti fil-kumitat, u billi ma kellniex post fejn niltaqgħu, għal bosta snin ospitawna f'darhom u dejjem ġejna milqugħa kordjalment, tant li meta Sabina kien ikollha bżonn toħroġ kienet tgħidli: "Maria, llum se mmur inżur lit-talija; Inti l-hostess; ir-refreshments f'idejk. Diga ppreparajtlek kollox". U wara l-waqfa għar-*refreshments* Dott. Cassar kien ġentilment iqum minn postu biex jiżbarazza t-tazzi, kikkri, eċċ. Tant kienu koppja li jikkomplimentaw perfettament lil xulxin li ma tistax issemmi lil waħda u ma ssemmix lill-ieħor.

Għalkemm Sabina ma kinitx membru tal-Kumitat dejjem għenet kemm setgħet lill-Għaqda tagħna. Ukoll wara l-mewt ta' Dott. Cassar, hi kienet sfurzatna biex nibqgħu niltaqgħu f'darha, iżda aħna ħassejna li ma kinitx prudenza li nżommuha marbuta d-dar minħabba l-laqgħat tagħna.

Filwaqt li jien, flimkien mal-membri kollha tal-kumitat nagħtu l-għomor lill-familjari tagħha speċjalment lit-tliet uliedha – s-Sinjura Georgia Tabone, Dott. J. Cassar, M.D., u l-Perit Charles Cassar – nixtieq nagħlaq dawn l-erba' kelmiet bi frażi Ingliża li tfisser ħafna iżda mhux faċli taqlibha għall-Malti: is-Sinjura Sabina Cassar kienet fil-veru sens tal-kelma ***a perfect lady***.

**Maria R. Pisani**

# RIZZI MIMLI

**Karmenu Pace**

**" Tar-rizzi waqa' l-baħar,**
**ta' l-imħar qabeż għalih,**
**tar-rizzi tala' jiġri,**
**u ta' l-imħar baqa' fil-qiegħ".**

Sfortunatament ir-rizzi reġa' ġie moda, din id-darba fir-ristoranti. Bil-mezzi li hawn illum wieħed jaqlagħlek xkora rizzi f'temp ta' siegħa. Dan qed jinbiegħ lir-ristoranti li qed iservuh bħala zalza ma' l-għagin. U qed jimlewh ukoll go vażetti żgħar u jinbiegħ bi prezz għali. Minħabba f'hekk qed issir qerda minnu. Dari r-rizzi wkoll kien popolari mal-Maltin, l-iktar fix-xhur tas-sajf. Sa ħamsin sena ilu lanqas maskri tal-baħar ma kien hawn u dak li jkun kien jinżel għar-rizzi b'għajnejh miftuħa u jaqilgħu b'xi mgħarfa.

## IL-ĦĠIEĠA U L-GAFFA

Imbagħad ivvintaw il-ħġieġa. Din kienet tkun kaxxa ta' l-injam wiesgħa xi pied u għolja xi pied ieħor. Il-qiegħ tagħha kien usa' minn fuq u għalhekk il-ġnub kienu immejla bħal ta' xi sur. Mal-qiegħ fil-kument kienet titwaħħal ħġieġa bl-istokk biex ma jidħolx ilma, bħal meta konna nistokkjaw xi ħġieġa ta' tieqa ta' l-injam. L-injam ried ikun ta' l-aħmar. Fuq żewġt iġnub minn ta' fuq iħarsu kontra xulxin kienu jitwaħħlu żewġ anelli u magħhom kien ikun marbut l-għalaq tal-ħadid ġej għat-tond biex tkun tista' taqbadha u terfagħha minnu. Il-ħġieġa fl- aħħar kienu jagħtuha passata jew tnejn minju, u oħra ħadra għall-gost.



Il-ħġieġa u l-gaffa

Bil-ħġieġa is-sajjied ikun jista' jara ċar x'hemm fil-qiegħ. Meta jilmaħ ir-rizzi dan kien iniżżel il-gaffa. Din kienet magħmulha minn ħadida ħoxna biex ma titgħawwiġx malajr, u tkun mgħawġa fi tnejn bħal furketta bil-ponot ta' quddiem merfugħin ftit 'l fuq biex tiġi qisha pala ta' id fejn tkun tista' toqgħod ir-rizza. Din kienet tintrabat bi spaga ma' manku ta' l-injam li gieli kien ikun magħmul f'żewġ biċċiet u jeħel ma' xulxin permezz ta' kamin f'tarf kull biċċa ta' xi tliet piedi. Mela meta tkun armata kollha l-gaffa tkun twila mas-sitt piedi.

Mela s-sajjied kien ikun fuq xi ħafa jew blata sa' qaddu fl-ilma jifli l-qiegħ u meta jara r-rizzi dan kien iniżżel il-gaffa taħt ir-rizza u bi skoss pront jaqlagħha għal ġol-pala tal-gaffa u bil-mod il-mod itellagħha sa' wiċċ l-ilma imbagħad iwaqqagħha għal ġol-ħġieġa. Hekk ir-rizzi kien irid jaqbadhom waħda waħda. U dejjem jibnihom mal-ġenb tal-ħġieġa biex ikollu minn fejn jibqa' jara l-qiegħ.

Meta ma jkunx jista' jara iktar is-sajjied kien imur ibattal il-ħġieġa ġo xi ħofra fuq il-blat, li jkun fiha ftit ilma baxx, ngħidulha għadira, u jerġa' jmur biex jimla' oħra. Mhux l-ewwel darba li meta jiġi lura kien isib li r-rizzi mexa, ħareġ mill-għadira u ħarab 'l hinn u 'l hawn. Kien hemm ukoll min irranġa l-gaffa b'tali mod li seta' jwaħħal bħal xibka magħha u dan kien jaqbad ir-rizzi billi jkaxkara mal-qiegħ u jħabbel ir-rizzi fiha. Jew tkun għamla ta' borża u r-rizzi jaqa' fiha, u b'hekk ma jkollux għax joqgħod jerfa' il-gaffa sal-wiċċ ma' kull waħda li jaqbad. Dak iż-żmien kienu jgħidu li tant kien hawn rizzi li kont taqla' x'tiekol malajr anke minn mal-blat bla ma tinżel fil-fond. Ta' min jgħid li r-rizzi jitrabba fejn ikun hemm il-blat u l-ħaxix u qatt ma ssibu fejn hemm ir-ramel.

## IL-QRENDI: ROKKU TA' BEJŻU

Il-Qrendi xi sebgħin sena ilu kien hemm wieħed, Rokku Ta' Bejzu, li kien imur għar-rizzi bil-qoffa jew bil-qartalla. Kien immur lejn post taħt it-tempji ta' l-Imnajdra jgħidulu **In-Niffied**, jitfa' l-qartalla fil-wiċċ u jogħdos bla maskra u jaqla' r-rizzi ħodon ħodon u jbattlu għal ġol-qartalla sakemm jimliha. Il-qartalla kienet tkun magħmula mis-simar u għalhekk izżomm fil-wiċċ. Imbagħad kien jitla' biha wara dahru ġox-xagħra sa ħdejn it-torri magħruf bħala **T' Irsejjen** fejn kien jistrieħ ftit u jkompli bi triqtu bil-mixi lejn il-Qrendi. Mill-baħar sar-raħal għandek mat-tliet kwarti jew siegħa, u mgħobbi.

Imbagħad kien idur mat-toroq tar-raħal jgħajjat:

**"Wasal tar-rizzi!"**

U kien jieqaf l-aktar fil-pjazza ta' **Bieb ix-Xaghra** li uffiċjalment isejħulha l-pjazza ta' San Mattew, fejn hemm l-istatwa. Jieqaf ħdejn il-Knisja (dari ma kienx hemm pjazza quddiemha imma ġnien kbir u sabiħ ta' żmien il-Kavallieri). U waqfa oħra lejn is-Salvatur. Min kien iridu maqsum kien joħrog bil-platt f'idu u Rokku kien iserraħ biċċa sufra fuq xifer il-qartalla u fuqha jaqsmilhom ir-rizzi. Ix-xewk tar-rizzi kien jidħol fis-sufra hekk kif jagħfasha biex jaqsamha u għalhekk ma kinitx tista' taħrablu minn taħt xifer is-sikkina u tweġġa' lilu jew tiġi fuq il-pala ta' sieq xi ħadd li ħafna drabi, dak iż-żmien, kien ikun ħafi.

Meta tfaċċaw il-maskri tal-baħar (għall-ewwel kienu tondi u kbar daqs il-wiċċ, b'pajp fin-nofs, fuq moħħok jew fil-ġenb li kien ikollu bokka biex ma jidħolx ilma meta togħdos. Imbagħad ġew il-moderni bil-pajp f'ħalqek u l-maskra saret qisha nuċċali li tgħattilek sa taħt imnieħrek. B'hekk naqas il-volum ta' l-arja fil-maskla u l-għaddas beda jagħmel inqas sforz biex jinżel taħt l-ilma.

Insomma, permezz tal-maskri sar eħfef li taqla' r-rizzi u jekk iżżomm nifs tajjeb stajt taqla' anke sa nofs tużżana jew tmienja jew iktar skond kemm tagħtik il-ħatfa ta' jdejk. Għalkemm dak li jkun seta' wkoll iniżżel xibka tan-najlon miegħu, biċċiet minnhom kienu forma ta' basket u kienu jinħadmu Marsaxlokk, u timla' kemm ikollok nifs.

Bl-għajnuna wkoll tal-flippers l-għaddas seta' jinżel iktar fil-fond iktar malajr u jimxi mal-qiegħ jiġbor ir-rizzi. Kien hemm ukoll min kien iżomm kaxxa ta' l-injam fil-wiċċ u joqgħod tiela' u nieżel sakemm jimliha. Din il-kaxxa ġieli nbidlet ma' xi banju tal-plastik. U kien hemm ukoll min kien ivvinta tajer kbir ta' ġewwa tal-karozza jew trakk, miegħu jorbot bħal xkora biex tifforma qaleb u r-rizzi li jaqla' jitfgħu ġo fih u fl-aħħar ikaxkar kollox lejn ix-xatt. Illum dan ix-xogħol qed isir anke biċ-ċilindri ta' l-arja fejn għaddas jista' jdumlek 'l fuq minn siegħa taħt wiċċ il-baħar u jkaxkar ir-rizzi kollu li jkun hemm.

Dari tar-rizzi kien jitla' ferħan ir-raħal, dejjem jipprova jasal għal xi l-ħdax jew il-ħdax u nofs ħalli n-nies jikluh ma' l-ikla ta' nofs in-nhar. Fil-fatt ir-rizzi kien jittiekel l-iktar f'dan il-ħin u mhux filgħaxijiet. U tar-rizzi kien jiġi l-iktar nhar ta' Sibt meta jkun frank. Idur mat-toroq tar-raħal b'xi kaxxa jew karozza tat-trabi, bir-rizzi frisk mgħotti b'xi xkora tal-faxx imxarrba biex jibqa' ħaj u b'xi qabda ħabaq tal-baħar biex ifewwaħ u jiftaħlek l-aptit.

**"Tar-rizzi hawn, Ara kemm hu mimli!".**

Ir-rizza hi animal preistoriku. Ilha teżisti miljuni ta' snin u ftit inbidlet. L-ikbar għadu tiegħha huwa l-bniedem u t-tniġġis. Ir-rizzi huwa magħruf għax-xewk spiss u li jniġġes tiegħu. Bejn kull xewka ir-rizzi għandu s-swaba' (tentakoli) li bihom jaqbad mal-blat. Meta tħoss il-periklu r-rizza tintrass iktar mal-blat billi toħroġ iktar swaba' u tinġibed 'l ġewwa hekk li jekk ma taqlagħhiex ma' l-ewwel prova taf tħabbtek u tkun trid tagħmel is-saħħa biex taqlagħha. Jekk taħsadha, anke b'subajk tkun tista taqlagħha, imma jekk tinduna bik trid tistenna sakemm terġa' tintreħa minn mal-blat. Fejn tkun ir-rizza tifforma bħal ħofra fil-blata għax ir-rizza b'munqara dejjem taħfi u tiekol. Ir-rizzi jirgħa wkoll, jiġifieri kappaċi jimxi u jibdel postu, biex isib l-ikel tiegħu. Kultant meta jkun il-waqt taf taqla' rizza u taħtha issib il-ferħa tagħha żgħira daqs buttuna. Ir-rizza tiekol mill-blat u l-ħaxix li jkun hemm. Fil-fatt meta taqsam rizza gieli ssibilha ħafna ramel ġewwa u bħal ħaxix. U skond Peppi Spiteri Ta' Qazzitu, li għandu erbgħa u tmenin sena, it-togħma tar-rizzi tinbidel mal-post minn fejn taqilgħhu.

Ir-rizza għandha ż-żokra li fil-fatt hija ħalqha u dan hu magħmul minn munqar b'xi ħames sinniet li jinfetaħ u jingħalaq biex jobrox mill-blat u jaqta' l-ħaxix. Ir-rizza dejjem tkun imqabbda mal-blat min-naħa taż-żokra, jiġifieri tkun wiċċa ma' l-art u darha lejk. Sewwa sew fin-nofs ta' daharha nsibu toqba żgħira mnejn joħroġ il-materjal li ma tkunx trid.

Il-ġisem tar-rizza taħt ix-xewk huwa magħmul minn qoxra iebsa tal-kalċju. Meta ssib xi rizza li tkun ilha mejta f'qiegħ il-baħar tara li x-xewk kollu jkun waqa' u l-qoxra tiġi bajda u nadifa, u tista' tinnota li l-qoxra hija magħmula minn ħames biċċiet separati magħqudin flimkien. Ikun hemm bħal ferq bejn biċċa u oħra bħal, ngħidu aħna, kif tagħqad il-qorriegħa ta' ras il-bniedem.

Hemm ir-rizzi li hu tajjeb għall-ikel u hemm dawk li ma jittieklux; ngħidulhom **patrijiet**. Dan minn ġewwa ma jkunx fih dawk is-swaba sofor iżda swaba kannella rqaq ħafna u għalhekk ma jittikilx. Il-patri jingħaraf mir-rizza għax hu ta' lewn iswed, bix-xewk itwal u inqas spiss minn tar-rizza. Iż-żokra ta' rizza tajba tkun dejjem ħamranija, tal-patri dejjem sewda. U barra minn hekk il-patri hu magħmul iktar ċatt.



**Rizza**



**Patri**

Fil-fatt anki r-rizzi t-tajjeb għandu lwien differenti. Hemm vjola ċar, vjola skur qisu iswed, kannella ċar u kannella ħamrani u skur, hemm ħadrani u hemm ukoll rizzi kollu abjad. L-ilwien tar-rizza qatt ma jlaħħqu l-iswed tal-patri.

Hemm ukoll razez differenti. Kultant issib xi **rizzun**, li hawn min jafu wkoll bħala **qanfud**. Dan ikun ta' daqs xi darbtejn jew tlieta tar-rizza komuni. Ix-xewk tiegħu ikun baxx u ma jniggisx daqs tar-rizza. Ilwienu jistgħu jkunu vjola kollu, vjola mnaqqax bl-abjad, jew abjad kollu. Dan ma jittikilx għax ma fihx laħam jew flieli kbar ġewwa.

Kull rizza jkollha dejjem ħames flieli forma ta' salib fuq gewwa. Fil-fatt jikber felli fuq kull parti tal-qoxra tagħha kif spjegajt qabel. Il-flieli mhux dejjem ikunu mlaħħmin l-istess u mhux dejjem ikunu ta' l-istess lewn. Ġieli taqla' rizza kbira u tkun vojta u ġieli taqla' waħda żgħira u tkun mimlija flieli ħoxnin. Skond Peppi Ta' Qazzitu u mill-esperjenza tiegħi l-post għandu x'jaqsam ħafna. Hemm ċertu postijiet li tmur meta tmur dejjem se issibu mimli.

### "IL-QAMAR JIMLA R-RIZZI"

Imma dari kienu jemmnu li jekk ir-rizzi jkunx mimli jew vojt jiddependi mill-qamar . Jekk ikun kwinta jew qed jimla allura r-rizzi se jkun mimli, jekk il-qamar ikun moħbi, jew qed jonqos, jew ikun felli, allura r-rizzi jkun vojt. Ta' min jinnota li hemm kliem li nużawh kemm għar-rizzi kif ukoll għall-qamar, bħal felli, jimla' u mimli.

Jgħidu li l-flieli huma l-bajd tar-rizza u hawn min iqabblu mal-kavjar li hu l-bajd tal-istergun. It-togħma tar-rizzi hija ħelwa, imma mhux kollu hu ta' l-istess ħlewwa. Ir-rizzi jagħmel il-ħalib fix-xhur ta' bejn Novembru u April u meta jkun bil-ħalib it-togħma tkun morra. Dan il-ħalib joħrog mill-flieli stess hekk kif taqsam ir-rizza. L-aħjar tar-rizzi huwa bejn Mejju u Settembru. Il-lewn tal-flieli wkoll ivarja, minn isfar ċar, isfar skur, ixqar jew kannella.

Razza oħra ta' rizzi tinsab f'fond ta' madwar tletin metru. Din ir-rizza għandha ġisimha iżgħar iżda x-xewk tagħha hu inqas spiss, rqiq u twil xi erbgħa jew ħames pulzieri. Jgħidulha **rizza tal-fond** u ssibha f'xi għar imdellel. Din ir-rizza ma tissemmiex fil-ktieb *Wildlife of the Maltese Islands*, imma tissemma fil-ktieb *Sea Fishes of the Maltese Islands and the Mediterranean* ta' Lawson Wood (Progress Press, 2002). Jien naf sew li teżisti Malta għax, billi nħobb nogħdos biċ-ċilindri ta' l-arja, rajtha kemm-il darba b'għajnejja stess. Ix-xewk tagħha qishom splenguni mislutin u ma tistax taqbadha b'idek. Hawn min jgħid li x-xewk tagħha hu velenuż. Fil-fatt anki x-xewk tar-rizza l-komuni jagħtik ftit velenu meta jniggzek u jdum juġgħek ftit fejn titniggez. L-uġigh kbir ta' min rifes xi rizza huwa magħruf u uġigħ ikbar tħoss biex taqla' x-xewk waħda waħda b'xi labra. Jgħidu li jekk tqattarlu l-meraq tal-lumi aħjar. L-agħar huwa meta wieħed jirfes xi rizza mejta mormija fuq il-blat minn xi ħadd bla qalb.



**Rizza tal-Fond**

Hemm rizza ta' għamla differenti ħafna mill-oħrajn. Jien insejħilha r-rizza tal-parit, imma hawn ħafna min jafha bħala **raddiena**. Tgħix fil-fond u titla' l-aktar max-xbieki tas-sajjieda li jfarrkuha b'martell sabiex inaddfu x-xibka. Din hija magħmula żgħira fin-nofs bi xi tużżana xewk, tawwali u oħxon li ma jniggżikx. Din hija xi ftit rari.

Biex tkun tista' tieklu r-rizzi trid taqsmu. U biex taqsam ir-rizzi bla ma tnigges irid ikollok ix-xeħta. Ir-rizza trid tkun tħares biż-żokra lejn il-lemin. Twaqqaf ir-rizza fuq ġenbha u bis-saba' l-oħxon tmid ix-xewk ċatt filwaqt li tagħfas biex iżżomm ir-rizza



Raddiena



Rizzun jew Qanfud

soda. Biex taqsamha trid tuża mus jew sikkina b'xafra iebsa. Mela bix-xellug iżżomm ir-rizza u bis-sikkina f'idek il-leminija tibda tagħfas filwaqt li tagħmel movement 'l quddiem u lura sakemm tinkiser il-qoxra u tibqa' tniżżel is-sikkina bil-mod 'l isfel biex ir-rizza ma tifrakkasahiex.

Importanti li l-biċċa ta' fejn ikun hemm mill-flieli tibqa' sħiħa. Is-sikkina trid iżżommha ftit 'l hinn min-nofs iktar lejn in-naħa taż-żokra. Jiġifieri r-rizza ma taqsamhix f'żewġ partijiet indaqs, għax inkella taħli mill-flieli li jmorru mal-parti taż-żokra li tintrema għax ma jkunx hemm isfar magħha. Mill-banda l-oħra hawn min b'xeħta kbira jgħaddi x-xafra tas-sikkina eżatt maż-żokra ħalli din ma jkissirhiex. Għax iż-żokra hawn min iħobbha ħafna. Din tista' tiġbida b'subgħajk, tqaxqixha,u tixrobilha l-ilma li jkun hemm fiha.

Biex ma tweġġax l-aħjar li r-rizza twaqqafha fuq wiċċ li ma jiżloqx meta tiġi biex taqsamha, bħal ngħidu aħna xi blata jew xi biċċa njama. Meta taqsam ir-rizzi trid toqgħod ukoll attent għal għajnejk, għax bla ma trid minn taħt xafret is-sikkina jibdew itiru ħafna bċejjeċ tax-xewk. Meta taqsam ir-rizzi joħroġ ħafna ilma minnu u jekk tkun taqsmu ġo xi turtiera allura tkun tista' tixrob minn dan l-ilma li hu tajjeb ħafna biex imexxilek. It-togħma tiegħu hija bejn ħelu u mielaħ iżda li jinxtorob.

Il-ġewwien tar-rizzi minbarra l-flieli jkun fih ukoll ir-ramel u ħjut kannella. Dawn ħafna jnaddfuhom bil-ponta tal-mus imma hawn min jieklu b'kollox biex ma jitlef xejn minnu. Min inaddaf ir-rizza qabel jieħu l-flieli ngħidu li **jfarfarha** mir-ramel billi jżommha f'idu wiċċha l-isfel u jagħti xi tliet skossi ħalli jaqa' dak li ma jkunx mal-qoxra u b'hekk jibqa' l-isfar biss.

Ir-rizzi jittiekel b'modi differenti. Hawn min jgħawwar b'subajh jew b'xi kuċċarina u jiekol l-isfar waħdu. Imma l-antiki kienu jagħmlu ikla kbira mir-rizzi. Mela l-ewwel taqsam xi żewġ tużżani u tnaddfu. Imbagħad tlesti kisra ħobż, jew nofs ħobża, basla nejja, biċċa ġobon, u tadama u jekk trid tista' tagħmel xi ftit żejt ġo sjett bil-meraq tal-lumija. Il-meraq tal-lumi tista' tqattru fir-rizza dirett ukoll. Mela fix-xellugija żżomm ir-rizza u bl-oħra taqta' biċċa ħobz bl-ilbieba, żgħira li tista' tidħol fir-rizza u ttella felli jew tnejn biha imbagħad tieħu gidma ġobon, gidma tadama u gidma basla.

Il-biċċa tal-ħobż tista' tbilla fiż-żejt qabel iddaħħalha fir-rizza. Hawn min b'biċċa ħobż inaddaflek rizza sħiħa. Jiġifieri se jkollu ħafna isfar ma' gidma waħda u allura jkollu togħma kbira ħelwa tar-rizzi. U hawn min ma' biċċa jiekol biss nofs felli u jxappap il-gidma ħobż fl-ilma tar-rizza stess u hekk jispiċċa jikollok ħobża. Hawn min jgħidlek li jekk ma jagħmilx hekk it-togħma ħelwa ddardru. Min juża ħafna ħobż biex jiekol ngħidu li jkun qed iġewweż (mill-kelma "ġwież").

Jekk wieħed ikun qed jiekol ir-rizzi ma' xatt il-baħar il-qxur tar-rizzi jista' jarmih fil-fond u jkun qed jagħmel pjaċir lill-ħut tal-qiegħ bħal-lhudi u l-għarusa li jiġġennu għalih. Fil-fatt hawn min ikisser ir-rizzi u jitfgħu l-baħar qabel jibda jistad biex iressaq il-ħut.

Sa fejn naf jien din il-moda ġdida li ssir zalza tar-rizzi nibtet f'dawn l-aħħar għaxar snin u biex tagħmilha trid kwantita' mhux ħażin ta' rizzi. Dan qed iqalla' xi flus lil ftit nies iżda qed ikun ta' qerda għar-rizzi.

Meta konna żgħar u missieri jasal id-dar bix-xkora tal-faxx wara dahru u go fiha l-ħġieġa mimlija rizzi ħaj, konna nieħdu gost nieħdu r-rizzi u nagħmluh wiċċu 'l isfel biex narawh jimxi. Fil-fatt jekk ix-xewk tar-rizzi ma jkunx jiċċaqlaq u iktar u iktar jekk ikun mimdud ikun sinjal li dan mhux frisk u wieħed joqgħod attent milli jieklu.

**"Rizzi mimli, ara kemm hu frisk, mimli r-rizzi!"**

# MILL-IMGĦODDI.

## Tagħrif minn

## Lorenzo Zahra.

Tajjeb insemmu xi użanzi mill-imgħoddi.

**IĦALLU GĦAL RUĦHOM**

Kienet f'ras ħafna Maltin fl-imgħoddi li wieħed jaħseb għal ruħu meta jkun għadu ħaj. Għalhekk ħafna kienu jħallu xi legat billi jħallu soma flus jew piż fuq xi post biex il-werrieta jkollhom obligu li jagħmlu talb jew quddies għal ruħhom.

Kien hawn ukoll għajdut, li meta xi ħadd ikun ħalla piż biex mid-dħul tal-kera ta' xi post jitħallas xi talb jew quddies għal ruħ is-sid li jkun ħalla l-beni, u dan ma jkunx sar; jekk jinstemgħu xi ħsejjes jew jidhru affarijiet strambi f'dak il-post dawn ikunu minħabba l-obbligi li ma jkunux qed isiru.

**IL-KALDARUN TAL-BIRGU**

Billi fis-seklu dsatax kien hawn wisq faqar u anke guħ, il-Gvern kien waqqaf għaqdiet biex jagħmlu l-borma għall-fqar. Dawn l-għaqdiet kien jissejħu *Soup Society.* Fl-1832 il-Gvern ħatar kumitat li kien fih dawn is-sinjuru: Miss Frere; Mrs. Stilon; Mrs. Temple; Mrs. Wilson; Mrs. Irvine; Mrs. McDougat; Lady Hotham; u Lady Georgina li kienet it-teżoriera.

Is-Segretarja kienet Mrs. Hamilton. Mrs. Gaetana Vella kienet tieħu ħsieb il-ġbir.

Il-Maltin, l-aktar in-nies tal-Birgu, kienu jsejħu dan bħala "il-Kaldarun". Minn dan il-kaldarun kien jitqassam l-ikel lill-fqar, l-aktar fost in-nies ta' l-ibliet. Fil-Birgu, fl-1851, kienu nkarigati mit-tqassim tal-borma tal-fqar is-sur Lorenzo Bonello u t-tabib Pirotti.

Mhux ta' min jinsa li dak iż-żmien, il-Patrijiet Kapuċċini "ta' Santa Liberata", kif kienu magħrufa, kienu wkoll, mill-faqar tagħhom iqassmu l-ikel lill-foqra, u ħafna fqar mill-Birgu u minn Bormla kienu jmorru wara l-bieb tal-kunvent għal porzjon.

Ref MGG 19/9/1832 u Portafoglio 1850 – Ordine 1851

**MOTA TA' JANNAR**

Mhux ta' min jinsa drawwa li kienet ġejja mit-terremot tal-11 ta' Jannar 1693. Dak in-nhar kien inhass terremot f'Malta u ħafna bini kienet ġratlu l-ħsara. Jekk mitux in-nies jew le ma nafx, imma minn dak in-nhar il-Knisja daħħlet l-użanza li ta' kull sena, fil-11 ta' Jannar, fil-ħdax ta' filgħodu, tindaqq mota mill-qniepen kollha b'sinjal ta' dik il-ġraja, u biex il-Mulej jeħlisna minn flaġelli bħal dak tat-terremot.

**XI WEGĦDI**

Ftit hawn min jaf li l-knisja ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ta' Sarrija fil-Furjana kienet inbniet fi żmien il-Gran Mastru Cottoner biex il-Madonna teħlisna mill-flaġell tal-pesta. Kienet imbniet fl-1678 u saret b'wegħda li l-kleru ta' l-Ordni kien jagħmel purċissjoni nhar it-8 ta' Diċembru minn San Ġwann għal dik il-knisja. Din il-purċissjoni baqgħet issir ta' kull sena mill-kapitlu tal-Katidral. Dan iż-żmien, minħabba t-traffiku, issir fil-Belt, bl-ikona tal-Madonna ta' Caraffa.

Purċissjonijiet votivi, jew aħjar "tal-wegħda", kien hawn f'xi parroċċi oħra wkoll.

Fil-Birgu, il-purċissjoni tas-Salib Imqaddes kienet bil-wegħda li meta tidħol isir il-kant tal-Miżerikordja għal tliet darbiet mill-poplu.

Dari wkoll, meta jkun hawn in-nuqqas ta' xita kienu jsiru l-pellegrinaġġi. Hekk fil-Birgu darba kien sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Lawrenz għall-knisja tal-kapuċċini (li llum tagħmel mal-Kalkara), u jingħad li meta l-pellegrinaġġ wasal il-Kapuċċini, infetħu bwieb is-sema u għamlet ix-xita. Kien hawn ukoll użanza dari li f'xi talb speċjail kienu jinħarġu min-niċċa l-istatwi titulari fil-knisja għall-qima tal-parruċċani. Fil-Birgu tas-seklu dsatax, il-purċissjoni ta' San Lawrenz kienet issir b'żewġ statwi; waħda ta' San Lawrenz u l-oħra ta' Santu Rokku, din ta' l-aħħar għall-ħelsien mill-flaġell tal-kolera.

IL-WEGĦDA TA' SAN GIRGOR

Il-purċissjoni ta' San Girgor kienet ukoll tal-Wegħda; imma kienet issir mid-djoċeżi kollha, għax kulħadd kien jieħu sehem. Dak in-nhar il-fratellanzi kollha kienu jieħdu l-isbaħ standardi u dawn kien jinġarru minn irġiel ta' saħħa speċjail, l-aktar jekk ikun ir-riħ. Waqt il-benedizzjoni dawn l-istandardi kien jixxejru biex jagħtu tislima. Imma l-fratelli kienu jxejruhom jew biex juru liema l-isbaħ, jew biex juru s-saħħa tal-fratelli li jkunu qed iġorruhom. Darba, fl-1878, meta ta' Ħal Luqa xejjer l-istandard laqat lil xi ħadd u qam il-ġlied, tant li kellha tidħol il-pulizija.

(In-Naħla 1/5/1878)

# ĊIEF MOQLI BIT-TADAM JEW GĦALL-ISTUFFAT

## riċetti ta' Wied il-Għajn ta' qabel il-gwerra

Steve Borġ tkellem ma' Pawla Merċieca Taz-Zopp fil-7 t' April 2005 u l-21 t'April 2006 f'Wied il-Għajn.

**Iċ-ċiefa hija waħda mill-għasafar tal-baħar li tbejjet fuq Filfla u fl-irdumijiet Ta' Ċenċ f'Għawdex. Fl-1843 l-ornitoloġista Antonio Schembri semma' kif xi sajjieda kienu jgħattu t-toqba fil-blat fejn tbejjet sabiex jaqbduha, jixwuha u jremblu l-laħam fi blalen bħala lixka fin-nases tagħhom. Sebgħin sena wara, sewwasew fl-1913 in-naturalista Ġużeppi Despott kiteb artiklu fl-Archivium Melitense, leħen il-*Malta Historical and Scientific Society*, fejn filwaqt li tnikket bil-qtil taċ-ċief mis-sajjieda ta' Wied il-Għajn, Marsaxlokk u Birżebbuġa, qal ukoll li dawn "*non essendo atta a cibo umano, non offre quando presa*", jiġifieri li ma kienx priża tajba għaliex ma kienx jittiekel mill-bniedem.**

**Filwaqt li naqsmu n-niket miegħu, aktar u aktar bl-għarfien li għandna dwar il-ħtieġa li nħarsu dawn il-ħlejjaq, jidher li hawn provi li ċ-ċief kien, wara kollox, jittiekel. Illum għandna laħam kemm irridu, rix bil-gzuz u ċ-ċiefa hija mħarsa bil-liġi ta' Malta. Pawla Merċieca qatt ma rat ċiefa ħajja f'għomorha, għaliex dawk li kienu jittiekdu d-dar kienu jkunu nqatlu fuq il-baħar u jispiċċaw bħala laħam għall-foqra. Din il-kitba qed titwassal għall-finijiet li tkun dokument ieħor dwar l-ikel tradizzjonali Malti.**

---

"Il-Ħadd ma kienx nhar ta' xogħol. U għalhekk min kellu qoxra kien joħroġ ifittex ikla barranija. In-nies li kienu jgħixu mal-baħar ma kinux jieklu l-istess bħal ta' l-ibliet: Dawk jieklu aktar ikel ta' l-ifran. Imma l-ikel taċ-ċief ma jafux bih. Ikun is-sajf u ta' kultant is-sajjieda jaħsbu biex jaqbdu ikla ċief. Ma kienux jaqbdu ċief daqs il-gamiem jew is-summien, li kienu jaqbdu l-bdiewa minn fuq ir-raba'. Forsi kienu jaqbdu xi żewġ ċifiet kull wieħed, u xi drabi xi tiġieġa tal-baħar. Ara l-gawwi, dak ħadd ma jmissu - għax maħmuġ, jiekol kollox.

### FEJN JITTRAKKAW

In-naħa tagħna ċ-ċief jitrakka lejn l-Abjad iż-Żgħir, ħdejn Ras il-Miġnuna, jew il-Munxar, inkella lejn is-Sala, taħt it-'Triq' il-Wiesgħa, bejn iż-Żonqor u x-Xgħajra. Wieħed minn Wied il-Għajn mhux se jaqdef kajjikk sa' Filfla, fejn ibejjet iċ-ċief. Sa' l-Abjad iż-Żgħir dejjem għandek tliet kwarti qdif. Jaraw iċ-ċief dieħel mal-vapuri. Imorru għalih qabel ma jisbaħ u jilħaq jara d-dawl. Jisparawlu bis-senter, jiġbruh mill-ilma.

Jibdew iqaxxruh biex ineħħu l-ġilda morra, li tmur fil-qiegħ tal-baħar u jqattgħu l-laħam f'biċċiet. Ħafna drabi dan ix-xogħol isir fuq il-baħar, waqt li wieħed minnhom ikun qed jaqdef. Iċ-ċief jgħodds bħal blonġos għall-ħut u l-granċi u jiekol kollox ħaj.

Ir-rix tat-tajr inżommuh, mhux biss biex inrejxu bih, iżda anki għall-imħaded. Ir-rix il-kbir, imnittef mill-ġewnaħ jew id-denb konna narmuh, għaliex dan għandu ponta iebsa u jtaqqab l-investa. Dak li nieħdu minn maż-



Ċiefa

żaqq tajjeb. Kien hemm nies li jdaħħlu r-rix fil-forn biex jinkaljawh u joqtlulu xi dud jew baqq. Aħna konna nagħmluh ġo xkora tad-drapp bit-toqob, u nħalluh xi xahar fuq il-bejt ħalli x-xemx tqarqċu u tikwih. Ir-rix tal-gamiem u tas-summien l-aqwa rix, għax baxx u fin.

## IL-QALI TIEGĦU

Hekk kif missieri jasal l-art, ommi Mananni tiġbor iċ-ċief u tibda taqlih mill-ewwel. Kienet taqlih fix-xaħam tal-majjal. L-ewwel trid taqli t-tewm ħalli jiħmar. Hawn iżżid iċ-ċief. Ma tkunx użintu għax ma tkunx xtrajtu iżda qbadtu. Ma kienx hemm bejgħ tiegħu; mhux ħaġa kbira li kien kuntrabandu li taqbdu. Tqatta' t-tadam, skond kemm trid iz-zalza grassa u titfa' l-bżar u l-melħ. Ma tagħmilx ħwawar. Jekk tħobb ix-xaħam, għawwem il-laħam fih.

Hemm min il-laħam taċ-ċief jgħaddsu fil-ħall jew l-inbid biex ineħħi t-togħma tal-baħar. Laħam iċ-ċief iebes, allura biex isir sewwa nqattgħuh biċċiet żgħar. Fis-sidra l-aktar li se ssib laħam, għax id-dahar mimli kustilji. Minħabba f'hekk kien hawn min jagħmel il-qafas stuffat, ħalli jkun mgħawwem fil-meraq, biex joħroġ is-sugu mill-mudulun. Hekk kif il-laħam ikun inqela, tista' żżid it-tadam fuqu ħalli jiġi jtiegħem fil-laħam. Biex timla' l-platt tista' żżid patata moqlija roti fiż-żejt, ħalli titqarqaċ. Patata safra tajba, u patata bajda tajba wkoll. Jekk trid tista' żżid ukoll xi biċċa pastarda mgħollija

**Ċief Moqli biz-zalza tad-tadam**

* tliet sinniet kbar tewm
* 500g tadam ċatt
* 800g laħam taċ-ċief
* erba' patatiet imdaqqsin
* xaħam tal-majjal
* bżar u melħ
* ftit żejt
* pastarda mgħollija

**Stuffat taċ-ċief** (1)

Triq tqalli ċ-ċief b'basla u ftit xaħam, u tagħmel zalza tad-tadam. Hekk kif tqallih, titfgħu jgħum fil-borma bl-ilma, u żżid il-patata – kif tuggustaha, il-piżelli, ġewż imkisser, weraq imnixxef tas-salvja, żbib, zunnarija u qoxra ta' lumija. L-ilma jixxotta bis-sajran, il-piżelli tajba għax iddub u wara tagħqad. Il-qoxra tal-lumija tajba għax tneħħi l-aċtu mil-laħam u z-zokkor inaqqas dak taz-zalza.

* 800g laħam taċ-ċief
* tliet zunnarijiet kbar
* erba' patatiet imdaqqsin
* ftit żbib
* ġewż imkisser
* weraq imnixxef tas-salvja
* kikkra piżelli
* kuċċarina melħ
* kuċċarina zokkor
* qoxra ta' lumija

Fil-gwerra, bejn l-isparar u bejn li (l-Gvern) ma jħallikx toħroġ mill-port, ma baqgħux imorru għalih. Qatt ma sajjarnih aktar. Xi tletin sena ilu morna nieklu l-Mosta u tawna ċ-ċief minflok fenek. Għaraftha mill-għadma tas-sieq għax tonda, mhux bħal tal-fenek. U bidlithuli. Naħseb li hawn xi ħadd għadu jieklu. Din ikla tas-sajjieda u l-foqra, mhux tas-sinjuri ta' l-ibliet."
(U tkemmex wiċċha bħallikieku qed tgħid: 'Mur ġibhom jieklu ċ-ċief dawk ta' l-ibliet.)

(1) Frankie Agius, minn Wied il-Għajn, jgħidli li "Ommi Anna ta' Frenċ, imwielda Pulis, mill-Blajjiet (F'Wied il-Għajn) taf sew din ir-riċetta imma minflok salvja kienet tagħmel il-weraq tar-rand u anki żżid il-*mixed spice*. F'tisjira waħda kienet tagħmel ma' tmien ċifiet, ħafna minnhom ikaċċjati mill-Abjad iż-Żgħir u l-Munxar. Qabel kienet issajjar il-kwakk. Biex tqaxxar iċ-ċief trid idaħħal il-mus miż-żokra u tofroq il-ġilda minn mal-laħam. Is-saqajn, il-ġwienaħ, u mill-għonq 'il fuq trid taqtgħu barra u tarmih. Ommi qatt ma rat ċiefa ħajja". 28 t'April 2006.

©Steve Borġ 2006



# KIF KIENET TISSAJJAR IL-FEKRUNA F'WIED IL-GĦAJN.

**Steve Borġ tkellem ma' Marjanna Mercieca Tal-Gabbana fis-6 t' April 2005 f'Wied il-Għajn.**

**Meta kont tifel niftakar lil nannuwi jgħaqqad l-għażel, jiċċomba x-xbieki u jiġma' l-konż ma' l-art maġenb is-sodda tiegħu. Ta' tifel żgħir kont dejjem nilgħab bil-kaxxa tal-għodda li kellhu, mimlija skriepel, ċomb, imrietel, imsell u mitt elf ħaġa oħra. Għalkemm kont għadni daqs nitfa, naf li xi drabi kien jaqbad il-fkieren ukoll. Għal sajjied tal-mistier, kulma jitla' mal-konż jew jimmalja ruħu ma' l-għażel u jista' jinbiegħ jew jittiekel, mela merħba bih. Niftakar lin-nannuwi jnixxef xi dahar ta' fekruna fil-bitħa li kellhu, fejn kien iżomm tajra safra bil-pinen imnittfa ħalli fis-sajf toqgħod taqbad id-dubbien. Marjanna tiġi l-kuġina ta' Pawla, li hi nnifisha tiġi l-kuġina t'ommi. Kif tgħidli Pawla, dak iż-żmien il-friegħi tal-familji ta' Wied il-Għajn kienu kollha ta' l-istess siġra.**

**Illum il-fekruna hija mħarsa bil-liġi skond l-Att 76 ta' l-1992. Għażilt li nikteb dwar dan il-qasam, għaliex naf li din ir-riċetta hija ta' nteress għall-finijiet ta' dokumentazzjoni antropoloġika dwar l-ikel tradizzjonali ta' pajjiżna.**

---

"Missieri Rużar kien bidwi u sajjied ukoll. Kellu luzzu mdaqqas li bih imur jistad għal qabda kbira. Hekk kienu n-nies ta' Wied il-Għajn fi tfuliti. Il-fkieren[1] jinqabdu fi żmien il-lampuki. Kienu jittieklu fis-sajf għaliex is-sajjieda ma kellhomx l-armar ta' daż-żmien biex jibqgħu jaqbdu l-lampuki. Meta kienu jaqbdu xi fekruna li timmalja ma' xi xibka jew parit, is-sajjieda kienu jaqsmuha bis-sehem[2]. Ikunu bejn sitta jew tmienja.

Missieri kien iqiegħed il-fekruna fuq daharha għal xi jumejn sabiex issum. Iħalliha[3] l-maħżen li kellna. Wara jaqtgħalha rasha u jqattar id-demm[4] minn għonqha għal ġo xi borma jew kazzola. Wara li d-demm jagħqad, kont tista' tagħmlu ġo taġen u taqlih biż-żejt u ftit melħ u tieklu bil-ħobż.

Il-qoxra kienu jnixxfuha u jbiegħuha[5] biex iżejjen xi ħajt, l-istess bħal ma kienu jagħmlu bl-għeġejjeż. Bis-sikkina jaqtgħalha dahra minn ma' żaqqha u jiġu jidhru l-fwied, l-imsaren u l-ġwienaħ. L-imsaren jitnaddfu mill-ħmieġ sabiex jissajru fl-istuffat. Ir-ras taqsamha minn nofs bħal ta' fenek u tqatta' l-biċċiet tal-laħam li jkollok miż-żaqq, id-dahar u l-ġwienaħ fid-daqs li trid int. Meta nannuk Żaren kien ibiegħ il-fekruna bl-użin[6], kien iħallat il-laħam: id-dahar, il-kirxa u l-fwied.

Il-laħam tagħha tagħtih fawra fil-misħun u titfa' daqsxejn melħ. Kif tkun sħuna tqaxxarha u tibda biex tagħmel l-istuffat bħal tal-fenek. Waqt li tkun qed issir, tibda ħierġa riħa miżża bħal meta int issajjar iċ-ċief jew tajr ieħor tal-baħar, bħal blonġos, it-tiġieġa tal-baħar u l-borka. Lil dawn, iżda, qabel ma taqlihom jew tagħmilhom stuffat, trid tgħoddashom fil-ħall, biex togħmthom titjieb.

Ejja ngħidu li għandna ratal laħam tal-fekruna, diġa mfawwar u mqaxxar. Tqalli tewma u basla, tqatta' kwart u nofs tadam, taċ-ċatt aħjar għaliex aktar imlaħħam, u tqiegħed kollox ġol-borma. Żid ponn pizzelli friska, tuffieħa ta' Belludja mdaqqsa u mqatta', zunnarija, nofs kikkra żbib, raxxa bużbież, żewġ werqiet tar-rand, il-qoxra ta' lumija u ħwawar kif tiggosta int. Tista' titfa' l-merqtux, il-ħabaq, in-nagħniegħ u anki l-ispika. Iżda mhux il-klin jew is-sagħtar.

S'intendi trid titfa' wkoll il-laħam tal-fekruna u żżid l-ilma kemm hemm bżonn. Meta tkun tfajt kollox fil-borma, kebbes il-kenur jew qabbad l-ispiritiera. Il-fekruna, il-qarnit, il-klamar u l-bebbux kollha jridu nar bati, għaliex inkella laħamhom jinħataf, jinxtorob u jibbies.

Kien hawn min kien iżid il-patata u l-ġewż fl-istuffat iżda mhux se titfa' l-pastard jew il-kaboċċi, għax dawk jagħtu togħma oħra. Wara siegħa nar trid tara jekk il-laħam sarx billi tniffdu bil-furketta. Jekk il-

furketta tidħol bla tbatija, ikun sar. Hawn min jgħalli l-ispagetti u jaqleb l-istuffat fuqu. Jekk se tieklu mingħajr għaġin, tista' tieklu bil-ħobż u tbill fil-meraq.

Il-fekruna kienet imfittxija minn kulħadd, mill-foqra u s-sinjuri. Minħabba li aħna f'Wied il-Għajn kellna tliet ijiem vġili[7] – l-Erbgħa u s-Sibt tal-Madonna tal-Karmnu u l-Ġimgħa bl-obbligu tal-Knisja – u li fihom ma stajniex nieklu laħam, konna xi drabi nieklu l-istuffat[8] tal-fekruna minflok. Qed insemmi anki darba fil-ġimgħa. Illum ma tistax taqbadha għaliex jekk tagħmel hekk teħel xi ċitazzjoni.

Stuffat tal-Fekruna

ratal (800g) laħam tal-fekruna
300g tadam taċ-ċatt
tewma
basla
nofs kikkra żbib
ponn piżelli
zunnarija
tuffieħa ta' Belludja
qoxra ta' lumija
raxxa bużbież
żewġ weraq tar-rand
ħwawar

©Steve Borġ 2006

Riferenzi:

---

[1]Feliċ Grech Ta' Marozz kien fiż-żmien armat f'Marsaxlokk b'luzzu ta' ħamsa u għoxrin xiber. Illum jgħodd sebgħa u tmenin sena. Għamel għomru sajjied. Waqt li kont qiegħed nintervistah ħareġ li ommu Pawla Bonniċi Ta' Marozz tiġi l-kuġina ta' nannuwi Żaren ir-Rużun. Huwa jgħidli li "l-aktar li jinqabdu fkieren huwa bil-ganċ. Dawn ikunu telgħu fil-wiċċ sabiex jieħdu n-nifs. Kif tigganċja fekruna ttellagħha fuq il-qoxra. Ftit wara tara r-raġel jew il-mara tiela' fil-wiċċ tfittex lis-sieħeb. Aħna konna nfittxu n-nebula biex naraw jekk huwiex raġel." 8 t' April 2005 lejn il-fawwara ta' Marsaxlokk.

[2]"Ġieli mort ħdejn il-vinċ tal-pjazza ta' Wied il-Għajn narahom iqattgħu xi fekruna biex jeħduha bis-sehem. Kelli dawk it-tmien snin. Hekk kif jaslu l-art, wieħed mis-sajjieda jkun mar il-Pixkerija bil-ħut. L-oħrajn ikunu għamlu għadd ta' gżuż ta' ħut mixrub. Meta ngħidu 'ħut mixrub', dan ifisser dak il-ħut li kien immaljat u li dar għalih ħut kbir li jkun mexmixlu rasu u xoroblu demmu. Ħafna drabi fost il-ħut mixrub ikun hemm it-trill, il-vopi, l-isparli u l-gallina. Bil-ħut mixrub konna mmorru għand il-bdiewa, li jkunu mxennqa għall-ħut, nagħtuhom il-ħut u jagħtuna l-ħaxix skond l-annata, irkotta jew tin taċ-ċappa. Mal-gożż jagħmlu biċċiet ta' fekruna li jkunu l-ishma tas-sajjieda. Immur fuq il-moll, biex neħdilhom it-tè, u jordnawli nħares lejn il-baħar. Sajjied minnhom jibda jmiss gozz u mingħajr ma narah, jgħidli "Dan għal min hu?" U jien ngħidlu isem ta' sajjied li jmissu sehem. Jagħmlu hekk ħalli ma jiġġildux bejniethom dwar min ħa l-isbaħ ħut." Pawla Merċieca fis-7 t' April 2005.

[3]Missieri Edwin jgħidli li nannuwi Żarenu Bonniċi r-Rużun kien "jaqbad il-fkieren jew bil-konz tal-qiegħ inkella jigganċjhom meta jkunu rieqda f'wiċċ il-baħar. Kif jidħol minn barra kien jorbothom minn saqajhom b'lenza jew kalament, tul ta' xi qama u nofs, u jħallihom marbuta ħdejn il-kajjikk fil-port ta' Wied il-Għajn. L-fekruna tħobb tiekol il-ħut, mhux il-ħaxix. Il-fekruna tkun immażżrata mal-mazzra tiegħek u ħadd ma jisraqhilek. Is-sajjieda kollha jafu ta' min hi kull mażżra u n-nies dejjem ix-xatt jindokraw l-opri. Għalina l-fkieren kollha xorta, m'hemmx razza." 26 ta' Marzu 2005. Feliċ Grech Ta' Marozz jaf li "s-sajjied ikun jaf kemm hemm fond fejn imamżżra l-fekruna u jagħtiha qama iżjed. Norbtuha mill-ġogi tal-ġewnaħ ta' wara, mhux ta' fuq biex hi tkun tista' taqdef il-kalun li jkollha u jkun hemm il-mulett fil-qiegħ taqbdu. Inżommuha ħajja dejjem jekk inkunu se niħduha l-pixkerija. Aħna ma kellniex friża u l-pixkerija kienu joqtlu l-fkieren bil-ġurnata, bħal l-Erbgħa. Dak irid ikollok skieken apposta għaliha u rasha jiftħuha b'manara." 8 t'April 2005.

[4]"Id-demm nitfugħ ġo dixx u nitfgħu l-melħ biex jagħqad, ma jibqax maħlul. Noħroġ inbiegħ u jkolli d-demm ukoll. Nagħtih ġo karta mingħajr ħlas lil min jixtri l-laħam tagħha." Feliċ Grech Ta' Marozz fit-8 t'April 2005.

[5]Feliċ Grech Ta' Marozz jiftakar li "l-qoxra konna nkissruha u nbigħuha biex ipittruha minn ġewwa. Jagħmlu xi raġel, xi żiemel jew xi salib ta' Malta. Mhux se jiżbgħu fuq l-għekiesi ta' daharha. Kien hemm min kien jagħmilha mal-velestrun ta' l-bieb biex iżejjen. Mhux minħabba l-għajn bħal qrun jew xi baħbuħa." 8 t'April 2005. Joe Attard Tabone jgħidli li "ommi Katarina kienet twissini sabiex ma mmissx ras il-fekruna wara li din tkun maqtugħa minn ġisimha, għaliex fis-saħna tad-demm tibqa' tiftaħ u tagħlaq ħalqha" 3 ta' Diċembru 2005.

[6]"Qatt ma smajt sajjied jgħajjat bil-fkieren, għalkemm in-nies kienu jriduh. Jgħajtu b'kollox imma mhux bihom. Ma nafx għaliex. Qalu li l-fekruna kienet tbejjet ir-Ramla l-Ħamra. Issa bin-nies fuq ir-ramla kif tridha tbejjet?" Pawla Merċieca fis-7 t'April 2005. Feliċ Grech Ta' Marozz jgħidli li "konna ngħajtu biha bħal ħut ieħor. Ngħajtu "Fekruna min irid għall-istuffat?" Aqwa mill-laħam, iżda stuffat biss tmur. M'hemmx biża mil-liġi għax toqtolha quddiem il-pulizija wkoll." 8 t' April 2005.

[7]Joe Attard Tabone jiftakar meta "daqs erbgħin sena ilu sajjieda u dilettanti Għawdxin kienu jorbtu l-fkieren fil-menqa ta' Marsalforn. L-Għawdxin kienu jagħmlu ħafna għaliha, speċjalment fi żmien is-sawm u l-Ġimgħa l-Kbira, Missieri Franġisk kien iħobb jagħmel-aljotta minn għadamha. 3 ta' Diċembru 2005.

[8]Feliċ Grech kien jagħmel l-istuffat ftit differenti minn kif kienu jafuh Pawla u Marjanna Merċieca. "Kemm jien u anki l-mara, Rita, konna nitfgħu nofs pinta nbid aħmar biex tieħu t-togħma. Naf min kien iżid mat-tużżana u nofs żebbuġ iswed tal-għadma." 8 t'April 2005.

**L-ISTATUT TA' L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR**

kif emendat u approvat fil-Laqgħa Ġenerali ta' l-4 ta' Marzu, 2006.

**1. L-Isem**

L-isem ta' L-Għaqda jkun **L-GĦAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR** (Malta Folklore Society) - minn issa 'l quddiem f'dan l-istatut tissejjaħ **l-GĦAQDA.**

**2. L-indirizz postali**

Sakemm **l-GĦAQDA** ma jkollhiex is-sede uffiċjali tagħha, l-indirizz ikun c/o ta' dak li jkun Segretarju fis-sena **kurrenti.**

**3. L-Għanijiet**

a) Biex il-Folklor Malti jiġi mħares, jiġi aktar magħruf u nkoraġġit fil-forma tradizzjonali tiegħu, fejn hu possibli.
b) Biex tippromwovi l-Folklor Malti permezz ta' taħditiet, xandir, wirjiet, pubblikazzjonijiet, eċċ.
c) Biex tinkoraġġixxi r-riċerka u l-istudju fuq drawwiet, tradizzjonijiet u manifestazzjoijiet oħra Maltin, l-oriġini u l-iżvilupp ta' l-għana, taż-żfin, tal-mużika u l-ilbies popolari u t-tqabbil ma' dawk ta' pajjiżi oħra.
**d)** **L-GĦAQDA** tkun strettament mingħajr xejriet politiċi.

**4. Il-Membri**

a) Kull min għandu għal qalbu l-interess tal-Folklor jista' jiisieħeb fl-GĦAQDA.
b) Biex wieħed ikun membru għandu jħallas żewġ liri u nofs fl-ewwel sena, u lira u nofs f'kull sena ta' wara. Din ir-rata tista' tiġil riveduta u mibdula skond il-bżonn, f'laqgħa ġenerali, b'avviż minn qabel fuq l-aġenda. Min ma jħallasx is-sħubija jitqies li mhux membru effettiv għal dik is-sena. Min ikompli jonqos li jħallas, ukoll wara li jkun avżat bil-miktub, jista' jinqata' mill-lista tal-membri.
c) Jekk membru jkun ta' dannu għall-GĦAQDA jew għall-interessi tagħha, jiġi sospiż jew jitneħħa mill-lista tal-membri, b'deċiżjoni tal-kumitat.
d) Il-Kumitat jista' jagħżel Presidenti Onorarji, u joħloq klassijiet oħra ta' sħubija.
e) L-GĦADA tista' tiftaħ fergħat oħra.

**5. Kumitat Amministrattiv**

a) Waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali jiġu nominati u eletti disa' membri biex jiffurmaw il-kumitat.
b) Il-Kumitat iservi għal sena sakemm jiġi xolt fil-Laqgħa Ġenerali Annwali li jmiss.
c) Il-Kumitat ikun magħmul minn President, Segretarju, Teżorier, Viċi President, Assistant Segretarju u Assistant Teżorier. Ikun hemm ukoll tliet Membri. Dawn kollha jkunu nominati u eletti waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali minn membri effettivi. Il-karigi tal-Kumitat jiġu deċiżi, minnhom stess waqt l-ewwel laqgħa tal-Kumitat li ssir wara l-Laqgħa Ġenerali Annwali.
d) Il-Kumitat jiltaqa' skond il-bżonn, iżda mhux inqas minn darba kull xahrejn.
e) Il-kworum għall-laqgħa tal-Kumitat ikun mhux inqas minn ħames membri. Jekk dan il-kworum ma jintlaħaqx, il-laqgħa tista' ssir xorta waħda wara kwarta, basta jkun hemm preżenti tliet membri tal-Kumitat, wieħed minnhom uffiċjal.
f) Jekk membru tal-Kumitat ma jattendix għal tliet darbiet wara xulxin mingħajr ma javża, jitqies li rriżenja mill-Kumitat.
g) Jekk Membru tal-Kumitat lħalli l-kariga tiegħu, minfloku tinħatar dik il-persuna li fil-votazzjoni ta' l-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali tkun imissha, wara li nħatar il-Kunsill kurrenti. Jekk dan ma jkunx possibli, il-Kumitat jista' jaħtar lil xi persuna oħra minn fost il-Membri Effettivi.

**6. Dmirijiet ta' l-Uffiċjali.**

a) Il-President jara li jintlaħqu l-għanijiet tal-GĦAQDA u li x-xogħol isir skond l-istatut. Imexxi kull laqgħa ta' l-GĦAQDA. Jagħmel indirizz fil-Laqgħa Ġenerali Annwali.
b) Is-Segretarju jżomm il-minuti ta' kull laqgħa, lżomm records ta' l-attivitajiet kollha u tal-korrispondenza tal-GĦAQDA. lżomm lista aġġornata tal-Membri. Isejjaħ il-laqgħat skond kif jiġl deċlż mill-Kumitat, u jħejji rapport annwali.
c) It-Teżorier jieħu ħsieb il-fondi tal-GĦAQDA u jħejji rapport annwali bir-rendikont finanzjarju.
d) Il-Viċi President, l-Assistant Segretarju u l-Assistant Teżorier jagħmlu l-istess xogħol ta' l-uffiċjali rispettivi jekk dawn ma jkunux preżenti, u jgħinuhom fix-xogħol tagħhom.
e) L-Editur tal-publikazzjoniet tal-GĦAQDA mhux bilfors li jkun membru tal-Kumitat jew Membru Effettiv, lżda f'xogħolu huwa obbligat li jżomm mal-għanijiet tal-Istatut tal-GĦAQDA, u jirrifletti biss ir-rieda tal-Kumitat.

**7. Laqgħa Ġenerali Annwali.**

a) Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha ssir kemm jista' jkun kmieni fil-bidu tas-sena l-ġdida, matul l-ewwel xahrejn tas-sena. L-aġenda għandha tinkuldi (i) minuti tal-Laqgħa Ġenerali li tkun saret qabel. (ii) Indirizz mill-President. (iii) Rapport tas-segretarju. (iv) rapport finanzjarju ffirmat mill-Awditur li jkun intagħżel fil-Laqgħa Ġenerali Annwali ta' qabel. (v) Ħatra ta' "chairperson" u persuni oħra biex imexxu l-elezzjoni tal-Kumitat il-ġdid. (vi) nominazzjonijiet u votazzjoni għall-Kumitat il-ġdid. (vii) nominazzjoni ta' Awditur għas-sena kurrenti.
b) Il-kworum tal-Laqgħa Ġenerali jkun ta' nofs il-Membri Effettivi; jekk dan ma jintlaħaqx, il-Laqgħa tibda nofs siegħa wara.
c) Tista' tissejjaħ Laqgħa Ġenerali Straordinarja mill-Kumitat, jew min għaxar Membri Effettivi.

**8. Tibdil fl-Istatut**

a) L-Istatt, jew partijiet minnu jistgħu jindiblu biss b'deċiżjoni tal-Laqgħa Ġenerali wara li l-Membri Effettivi jkunu rċevew, mill-inqas sa jumejn qabel, kopja tat-tibdil propost.

**9. Xoljiment**

a) Jista' jsir xoljiment tal-GĦAQDA biss b'deċiżjoni tal-Membri Effettivi waqt laqgħa msejħa apposta.
b) Jekk l-Għaqda jkollha xxolji, (i) id-dokumenti ta' l-GĦAQDA jmorru fl-Arkivju Nazzjonali. (ii) jekk ikollha ġabra jew librerija ta' kotba, dawn imorru fil-Librerija Pubblika Nazzjonali. (iii) Il-flus li jappartjenu lill-GĦAQDA jmorru f'xi Istitut. (iv) jekk ikun hemm oġġetti folkloristiċl preprjetaċ ta' l-GĦAQDA, dawn imorru għand id-Direttur tal-Mużewijiet Nazzjonali. Dawn il-miżuri jittieħdu b'Att Notarili.

## IL-MEMBRI TA' L-GHAQDA MALTIJA TAL-FOLKLOR:

Agius Muscat, Anton, 64, Triq Borg Olivier, San Ġiljan STJ 08
Attard, Anton, "Sidtna Marija", Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn ZBR 10
Bajada, Joseph, "Madonna ta' Pinu", Vjal it-8 ta' Settembru, Ix-Xagħra, Għawdex 103
Baldacchino, Emmanuel, 279, Triq il-Kbira, Ħal Qormi QRM 02
Bezzina, Christine, 59, Triq iz-Zekka, Valletta VLT 12
Bonello, E., 52, Triq l-Isqof Labini, B'kara BKR 05
Bonnici, John Dip. Bus. Law & Acc., Ariel Court, Apt.5, Triq Ghar id-Dud, Tas-Sliema, SLM 08
Borg, Alfred, 4, "Mardin", Triq San Ġorġ, San Pawl il-Baħar SPB 09
Borg, Steve, "Faith" Flat 6, Triq Iċ-Ċrieki, Wied il-Għajn
Borg, T., "Amphora", Flat 2, Triq Mons. A. Buhagiar, ir-Rabat RBT 08
Borg Cardona, Anna B.A., L.T.C.L. "Ciklamina", Triq il-Qarċilla, Ħal Balzan BZN 07
Borg Cardona, Chris H., "Dar Zanira", Balzan Valley, Ħal Balzan BZN 07
Brown, Joseph C., "St. Lawrence" Flat 1, Triq La Vallette, il-Birgu
Bugelli, David, 19, Triq Melita, Tas-Sliema
Calleja, Frankie, "Tinkerbelle", Triq il-Kunvent, Ħaż-Żabbar ZBR 04
Camilleri, Alex, 19 "Xefaq", Triq Mikielanġ Sapiano, L-Imqabba
Camilleri, Charles Prof., "L-Għana", Triq F.W. Ryan, In-Naxxar
Camilleri, Jos. C. B.A. (Hons) Dip. Educ., "Ilqugħ", 32, Triq il-Muskatell, Ħ'Attard BZN 04
Camilleri, Saviour, "Richrose", Triq Villambrosa, il-Ħamrun HMR 10
Caruana, J., 202, Triq it-Tama, Il-Mosta MST 03
Cassar, Dr. George, 78, Triq Papa Piju XII, il-Mosta MST 05
Cassar, Lawrence, 24-25, Triq Żondadori, Ir-Rabat RBT 12
Cassar Pullicino, Maria Celine, "Lares", Triq it-Tabib Zammit, Ħal Balzan,
Cauchi, Catherine, "The Cycads" Triq is-Sienja, Ħ'Attard BZN 06
Cesare, Salv., 14, Triq il-Laqxija, B'kara BKR 03
Chircop, Dr. John Ph.D, 53, Triq il-Fikus, Ħaż-Żabbar ZBR 07
Ciantar, Josette, 2, Flat 2, Triq il-Kardinal, Il-Birgu CSP 08
Cilia, George, 64, Triq San Vinċenz, Tas-Sliema SLM 07
Cini, Joseph, "Merħba", Triq Leli Falzon, in-Naxxar NXR 04
Commerce Division Library, Policy and Regulatory Directorate, Lascaris, Valletta CMR 02
Commerce Division, Small Industries and Crafts Directorate, Lascaris, Valletta
Cremona, John, 54, Triq San Ġwann Bosco, VICTORIA VCT 104
Cuschieri, Carmel, "St. Mary", Triq Ross, San Ġiljan STJ 10
Debono, John, 63, Triq N. Cottoner, Ħal Lija BZN 10
Deguara, Frans, 10, "Dediolanum", Triq Papa Pija X11, Il-Mosta MST 05
Deguara, Raymond, 36, Triq ix-Xitwa, Il-Mosta
Delicata, John, "Doris", 26, Triq Sir Anthony Micallef, Ħal Balzan BZN 08
De Piro, Marquis Nicholas, Casa Rocca Piccola, Triq ir-Repubblika, Valletta VLT 05
Diacono, Josephin, 43, Triq Agius Muscat, Ħaż-Żabbar
Dougall, Angelo, 76, Triq San Mikiel, Birżebbuġa BBG 02
Ellul, Josette, "Cuore di Dio", Triq ir-Rihan, Ħaż-Żabbar
Ellul-Galea, Karmenu M.O.M., 32, Triq Tal-Borg, Paola PLA 06
Farrugia, Frans, "Mon Delice", Dawret Ħal Għaxaq, Ħal Għaxaq ZTN 13
Farrugia, Joseph A., 61, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien PLA 11
Felice, John B. Ch. D., Krypton Chemists, Triq Ta' L-Ibraġ, St. Andrew's STJ 13
Fenech, Alfred, "Grezz", 35, Triq id-Dirsa, Ħ'Attard BZN 05
Fenech Frank, 7, Triq Xorb l-Għaġin, Iz-Żejtun
Fenech, Joseph, "Massabielle", 186, Triq Mons. M. Azzopardi, Is-Siġġiewi, QRM 15
Fenech, Giuliiano, 59A, Triq Lorenzo Gafa, Il-Mosta MST 09
Fenech, Louis, "Faraġ", Triq Stefano Erardi, L-Iklin
Fenech, Martha, 26, Triq Ponsomby, Il-Mosta MST 07
Formosa, Patrick B.A., "Patros", Triq Wignacourt, B'kara BKR 08
Ganado, Dr. Albert, 1, Triq M'Anton Vassalli, Valletta VLT 13
Gambin, Kenneth B.A. (Hons), M.A., "Monserrat", Triq Ġananton Tanti, Ħal Tarxien PLA 18
Gatt, Emmanuel, 8, Triq Santa Katerina, Ħal Qormi QRM 04
Gatt, Ġużi, 7C "Perry Courts", Triq B'kara, San Ġiljan SLM 13
Gauci, Gregory, 13/1, Old Governer's Palace Str., Il-Birgu CSP 08
Glanville, George, "Spring", Triq Mater Boni Consilii, Il-Fgura PLA 16
Goggi, Joseph, 26, Triq Guze Ellul, Guardamangia
Grech, Sergio, 1, Wesgħa 5 ta' Ottubru 1974, Iż-Żejtun
Griffiths, Prof. V., M.D., F.R.C.S., U.O.M, 7, Triq il-Palma, San Ġiljan STJ 12
Grima, Arthur, 129, Triq San Mikiel, Birżebbuġa
Grima, Dr. Jos. F. B.A., M.A., Ph.D., "Kosi Kot", Triq Ġużè Ellul Mercer, Ħal Qormi QRM 06

Grima, Sylvana, 27, Triq Ħal Tartarni, Ir-Rabat RBT 07
Grixti, Raymond, "The Winds", Triq Clematis, Santa Luċija PLA 10
Guillaumier, Alfie, 12, Triq Villambrosa, Il-Ħamrun HMR 06
Jaccarini, Dr. C., M.D., F.R.C.P., U.O.M., "Dovedale", Garden Crescent, The Garden's, San Giljan
Kunsill Lokali ta' Marsaskala, "Ann", Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn
Kunsill Lokali ta' Tas-Sliema, Triq Depiro, Tas-Sliema
Kunsill Lokali taż-Żejtun, 28, Triq Sant Anġlu, Iż-Żejtun
Lanfranco, Guido, 78, Triq San Trofimu, Tas-Sliema SLM 02
Laspina, Joseph P., "Casa Laspina", Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard
Lia, Gloria Anna, B.Sc., P.G.C.E., "Jubilate Deo", Triq Ġdida fi Triq Melqart, Marsaxlokk ZTN 09
Lia, Carmel, B. Ed. (Hons), B.A. 18, Main Street, Ħaż-Żabbar ZBR 02
Mallia, Alfred A.C.I.B., F.I.Met., "Ocean Heights", Triq Piscopo Macedonia, San Pawl il-Baħar
Magri-Naudi, Magda, "Torsance", 5, Triq Karlu Darmanin, Ħal-Lija BZN 14
Mangion, Felix, "Felcarm", Triq 23 ta' Lulju, 1942, Iż-Żurrieq ZRQ 06
Mangion, Josephine, "Felcarm", Triq 23 ta' Lulju, 1942, Iż-Żurrieq ZRQ 06
Masini, Franco L.P., Highcourt, 66/7 The Strand Tas-Sliema
Micallef, Antonia, "Shalom", 75 Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara
Mifsud, Marius, Ġesu Redentur, 174, Triq Indri Grima, is-Swatar, Msida MSD13
Mifsud, Rita, 230, "Casa d'Amore", Triq il-Kostituzzjoni, Il-Mosta MST 03
Mifsud Chircop, Dr, G. B.A. (Hons.) M.A., P.G.C.E. Ph. D., "Fommu bil-Għasel", Triq il-Bufula l-Ħamra, Il-Mosta MST 02.
Muscat, Victoria, "Il-Musbieħ", Triq il-Wied, L-Imsida
Pace, Carmelo, "Carmar", Triq Ġużeppi D'Arena, il-Qrendi
Pace, Tony, "La Traviata", Triq Dun Karm, L-Iklin BZN 11
Pellegrini, Dr. F. B.A. LL.D., "Sonata", Triq Tal-Mirakli, Ħal-Lija BZN 10
Pisani, Maria R., 194,Triq San Pawl, Valletta VLT 02
Pisani, Dr. Paul George B.A. LL.D., 40C, Main Gate Str., Victoria VCT 103
Porsella Flores, Joseph, 69, Triq il-Palma, Raħal Ġdid, PLA 03
Privitelli, Michelle, "La Salette" 117, Vjal Cottoner, Il-Fgura PLA 17
Puli, Mary M.Q.R., 52, Triq Sant'Agata, Tas-Sliema SLM 07
Ragonesi, Anita, "The Oasis", Flat 6, B'kara Hill, San Ħiljan STJ 09
Risso, Cap. R., "Mon Fleur", Triq Sant'Antnin, San Ġwann SGN 04
Saliba, Louis, "Hesparus" 65, Triq Victor Vassallo, Ħ'Attard
Sammut, Julian, 79, Triq Tal-Grazzja, Ħaż-Żebbuġ ZBG 04
Sammut, Sacha-John, 72 "Mon Reve", B'kara Hill, San Ġiljan
Sammut Testaferrata Jos. M.A. M. Phil., "Demaris" Triq Lascaris, Qawra SPB 05
Sare, John C., 166, Triq Rudolph, Tas-Sliema SLM 02
Savona-Ventura, Dr. Charles, "North Wynds" 7, Triq Antonio Zammit, Ix-Xwieki, Ħal Għargħur NXR08
Schembri, Anthony, "Renton", Triq Ħaż-Żabbar, Il-Fgura
Schembri, Lt. Col. Mario A.F.M., Block B. Flat 4, Triq Bellavista, San Ġwann SGN 03
Schembri, Vincent, "Orestin", Triq l-Għarnuq, Il-Fgura PLA 14
Sciberras, Joseph, "Stefanotis", Triq il-Knisja l-Qadima, B'kara BKR 12
Seychel, Charles, "Il-Qannata", Triq l-Arkibusier, Iż-Żejtun ZTN 07
Soler, Albert, "Villa Maria", Triq Iż-Żerniq, Tal-Qattus, B'kara
Spiteri Maempel, Mario, "Marvic", Triq l-Imdina, Ħal Balzan BZN 07
Stella Maris College, Upper St. Albert Street, Il-Gżira
Tabone, Timothy, "High Croft", Triq il-Virdun, Kappara, San Ġwann.
Testaferrata-Bonici, Marquis J.P., 36, Triq il-Kbira, Ħal Lija BZN 10
Teuma, Fr. Eugene P. Il-Kunvent ta' San Franġisk, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta
Tonna, Albino, "St. Jude", Triq Dun Ġużepp Zammit, Iż-Żurrieq ZRQ 04
Vassallo, Rose, "Primavera", Triq San Ġakbu, Is-Siġġiewi QRM 13
Vella, John, Blk. XII Flat 2, Govt. Buildings, Vjal De La Crux, Ħal Qormi QRM 11
Vella-Bondin, Joe, 54, Triq il-Parroċċa, Santa Venera HMR 18
Verie, Madame Aurore, 22 Avenue Des Buros, 64000 Pau, France
Xuereb, Matthew, Kristallina, Triq it-Trinċetta, il-Mosta
Zahra, Lorenzo, 18, Triq Zerafa, Il-Marsa HMR 03
Zahra, Vincent, 18/1 Block C, Triq Sophia, Bormla CSP 02
Zammit, John, 94A, Triq il-Mandolina, Birżebbuġa
Zammit-Testaferrata, Helene, 3, Villa Zimmermann, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex
Zammit-Maempel, Dr. G. M.Q.R., D. Sc., M.D., 148, Triq San Franġisk, Ħal Balzan
Zarb, Marie Claire, 2, "Planet Court" Tigne Seafront, Tas-Sliema SLM 15
Zerafa, Adelaide, 45, Triq Idmejda, Ħal Balzan BZN 06